




# Għaqda Mużikali Imperial

## Festa Marija Bambina 2016, Il-Mellieħa

# CALLING ALL 18-30-YEAR-OLDS

You can monitor your driving performance, MotorMax is an ideal insurance policy for 18 to 30-year-old drivers, offering more than just the traditional cover and protection. The policy promotes driver's safety but the policyholders can also benefit from up to 40% discount on their car insurance. Call ROCS today and find out more about the MOTORMAX INSURANCE POLICY. MOTORMAX....
INTELLIGENT INSURANCE POWERED BY MIDDLESEA




ROCS group

MAPFRE | MIDDLESEA

www.rocsgrp.com/insurance

Development House, St. Anne's Street, Floriana, FRN9010
19-23 ROCS House, Main Street, Mellieha, MLH 2310
Rotunda Square, Mosta, MST 9040
Tel: +356 2015 1515 | Email: insurance@rocsgrp.com

Terms and Conditions Apply. ROCS Co. Ltd (C-15385) is an enrolled Tied Insurance Intermediary (TII) under the Insurance Intermediaries Act, 2006 for Mapfre Middlesea p.l.c (C-5553). Both companies are regulated by the MFSA.

# Werrej

Tul l-Aħħar Sena – Josef Borg – President ........ 2
Kontribut Kulturali u Soċjali Kbir – John Buttigieg – Sindku ........ 6
Il-Festa – Kan. Joe Caruana – Arċipriet ........ 7
Inkomplu Mexjin ’il Quddiem – Spiru Grech – Viċi President ........ 10
Ħarsa lura, u tnejn ’il quddiem
– Dr John Baptist Gauci – Segretarju Ġenerali ........ 14
Il-Volontarjat – Anthony Schembri – Segretarju Finanzjarju ........ 17
Id-Dar tas-Soċjetà – John Schembri – Direttur ........ 21
Il-Mara fis-Soċjetà tal-Lum – Carmen Cini – Chairperson Kumitat Nisa ........ 24
Riflessjonijiet… – Mro Anthony Borg – Surmast Direttur ........ 25
Iż-Żgħażagħ u l-Volontarjat – Clayton Vella ........ 29
Imperial Ladies Choir - 2016
– Shirley Helleur – Director of the Imperial Choir ........ 32
Impenn u Responsabiltà – Philip Schembri – Għalliem ........ 36
Djarju 2015 – 2016 ........ 37
Nifirħu lil… ........ 44
Nifirħu lil Mro Anthony Borg ........ 45
Niftakru f’ħutna li ħallewna ........ 47
Messaġġ tal-Għaqda Każini tal-Banda 2016
– Avv. Noel Camilleri – President GHKB ........ 49
Another year another challenge – Pippa Roberts ........ 52
L-Għaqdiet Mużikali – il-qalb tal-kultura fil-Mellieħa – Clayton Bartolo ........ 53
Il-Mawra tal-Banda Imperial f’Acquaviva Delle Fonti (BA) fl-Italja ........ 56
Qegħdin “fis-sena tal-grazzja, tal-maħfra, tal-indulġenza”
– miġjub fil-qosor minn Dun Mosè Debono ........ 61
Fil-gwerra taħt il-Mellieħa – Evarist Bartolo ........ 64
Jien, il-Festa u l-Banda Imperial – Christopher Bartolo – Sagristan ........ 66
Il-Bieb tal-Ħniena – Maria Grima ........ 68
“Once a Marine, always a Marine” – Brian Roberts ........ 69
Accidental Circumstances – Geoff Thomas ........ 70
Għotjiet mill-Emigranti lill-Għaqda Mużikali Imperial ........ 73
Għotjiet lill-Għaqda Mużikali Imperial ........ 74
Programm tal-Festi organizzati mill-Għaqda Mużikali Imperial ........ 76
Activities Organised by The Imperial Band Club ........ 79
Proġett mill-Għaqda Mużikali Imperial – Norbert Vella ........ 81
Mellaha1856 – Jimmy Muscat ........ 83
L-Inċident tal-Vapur Skaubryn - 1958 – David Bartolo ........ 86
Trinity Concert Band Visit to Malta – Stephen Kerry ........ 89
Viva Santa Marija Tad-‘Dgħajsa’ – Jos. F. Cachia ........ 91
Cantamici Choir in Malta – Bryan Lewis ........ 94
Il-Kotra fil-Festa – Philip Borg ........ 96
Il-Kmandament Numru Ħdax – Paul P. Borg ........ 97
A Sustainable Future for our Mellieħa – Stephen Calleja ........ 103
Il-Mellieħa fi Żminijiet Oħrajn – Mario Fenech ........ 104
Min Hi Marija – Ralph Micallef ........ 109
Passiġġieri Jitħallew Jistennew fuq il-Moll tal-Marfa fi Żmien il-Gwerra
– Charles Debono – Kuratur, Mużew Nazzjonali tal-Gwerra ........ 112
Attivitajiet matul il-Festa tal-Vitorja 2015 ........ 114
Ħtif ta’ Ajruplan Taljan fit-Tieni Gwerra Dinjija – Jeffrey Sammut ........ 116
Giovanni Battista Pergolesi – Ġanni Camilleri ........ 121
L-Istorja tal-Ikona Mirakoluża tal-Madonna tal-Mellieħa
Matul iż-Żmien – Jimmy Muscat ........ 123
Xogħol minn Leli Cini fil-Knisja Parrokkjali tal-Għira ........ 127
Rothwell Temperance Band – Malta Tour 2016 – Andrew Riley ........ 129
Min Irreklama f’din il-Pubblikazzjoni ........ 132

IMPERIAL BAND CLUB MELLIEĦA
VO/0841

*Pubblikazzjoni:*
Ghaqda Mużikali Imperial
Pjazza tal-Parroċċa
Il-Mellieħa Malta
Tel.: 21523467

*Korrispondenza:*
Il-Bord Editorjali
Lehen l-Imperial
Ghaqda Mużikali Imperial
Pjazza tal-Parroċċa
Il-Mellieħa Malta
info@imperialbandclub.com
*webpage:*
www.imperialbandclub.com

*Bord Editorjali:*
Josef Borg, John Baptist Gauci,
Joseph Bartolo, Anthony Borg,
Carmen Schembri, Anthony Schembri,
Jamie Cini

*Nota Editorjali:*
Il-Bord Editorjali jfakkar illi l-opinjonijiet u l-fehmiet espressi fl-artikli u fl-ittri ppubblikati f’dan il-magazin huma opinjonijiet u fehmiet tal-awturi nfushom, u m’għandhom qatt jinftehmu bhala l-fehma tal-Bord Editorjali jew tad-Direzzjoni tal-Għaqda Mużikali Imperial. Il-fehma tad-direzzjoni hija riflessa fil-messaġġi tal-uffiċjali u fl-editorjal.

***Typing:***
Carmen Schembri,
John Baptist Gauci

**Ġbir tar-Riklami:**
Anthony Schembri
Mark Borg, John Baptist Gauci

**Qari tal-Provi:**
Carmen Schembri
Grazio Barbara
Jimmy Muscat

**Ritratt tal-Faċċata:**
**Programm Mużikali mill-Banda Imperial waqt il-*Fiera Del Levante* f’Bari, l-Italja. Il-Ftuħ Uffiċjali tas-Sala tal-Mużika tal-Għaqda Mużikali Imperial.**

*Disinn u Stampar:*
BEST Print CO. LTD
Triq iż-Żurrieq, Il-Qrendi
Tel: 21 680789, 9925 9084
E-mail: bestprint@go.net.mt



# Tul l-Aħħar Sena

**Josef Borg**
*President*



Nagħtikom merħba permezz ta' pubblikazzjoni oħra ta' Leħen l-Imperial li ta' kull sena l-Għaqda Mużikali Imperial tippubblika fl-okkażjoni tal-Festa Ad Unur Marija Bambina. F'din il-pubblikazzjoni ssibu tagħrif dwar il-ħidma tal-għaqda tagħna u tagħrif ieħor interessanti. Ta' dan nixtieq nirringrazzja mill-qalb lill-Bord Editorjali li, flimkien ma' persuni oħra, iwasslulna ktejjeb mimli informazzjoni siewja, interessanti u ħafna nies ifittxu li jakkwistaw kopja biex tinżamm fil-kollezzjoni tagħhom.

Fl-aħħar perjodu tas-sena li għaddiet, eżattament wara l-festa, inbeda xogħol strutturali ġewwa l-każin li kien possibbli permezz ta' Fondi Ewropej li l-każin kien eleġibbli għalihom mill-Fond Rurali maħruġ mill-Majjistral Action Group Foundation. Ġie nstallat lift modern li permezz tiegħu l-każin kollu sar aċċessibbli għal persuni b'diżabilità u dawk li għandhom problemi ta' mobilità. Saru *toilets* ġodda u moderni fis-sular ta' isfel, b'żieda ta' *toilet* ieħor għal persuni b'diżabilità. Is-sala tal-banda ġiet mgħammra b'arja kundizzjonata u l-ħitan ġew miksija b'materjal li jassorbi l-ħsejjes għal akustika aħjar. Illum il-każin huwa mgħammar b'sala għall-użu tal-banda mill-aktar moderna u b'faċilitajiet mill-aqwa. Parti oħra tal-Fondi ġew utilizzati biex inxtraw tlett timpani u strumenti tal-perkussjoni oħra kif ukoll sett ta' qniepen (*tubular bells*) ġodda għall-użu tal-banda. Dan il-proġett kien importanti ħafna għas-soċjetà tagħna u mill-qalb nirringrazzja lill-Gvern Ċentrali permezz tas-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Fondi Ewropej, Dr Ian Borg. Nirringrazzja wkoll lis-Sur Clayton Bartolo għall-għajnuna biex setgħet issir l-applikazzjoni għal dawn il-fondi, lill-Perit Joseph Attard għall-pjanti u sorveljanza tax-xogħlijiet kif ukoll lil għadd ta' persuni oħra li taw l-għajnuna tagħhom.

Bejn is-16 u l-20 ta' Settembru 2016 il-Banda Imperial għamlet mawra ġewwa Aquaviva delle Fonti, fl-Italja, fuq inizjattiva tal-Kunsill Lokali tal-Mellieha flimkien mal-Comune ta' Aquaviva Delle Fonti (BA). Jakkunpanjaw il-Banda Imperial kien hemm is-Sindku tal-Mellieħa s-Sur John Buttigieg u s-Sinjura Buttigieg, u l-Ministru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol l-Onorevoli Evarist Bartolo u s-Sinjura Bartolo. Kienet mawra impenjattiva u kulturali li laħqet il-qofol tagħha bi programm mużikali fil-pjazza ewlenija ta' Aquaviva Delle Fonti. Għal darba oħra l-Banda Imperial kienet ambaxxatriċi għal Malta ġewwa r-reġjun ta' Puglia fin-naħa ta' isfel tal-Italja, żjara li kompliet tagħti dimensjoni internazzjoni lill-Banda Imperial.

Min-naħa tal-amministrazzjoni tas-Soċjetà, kellna l-ħatra ta' Kumitat Direttiv. Bidla ewlenija fil-kumitat kienet il-ħatra tas-Sur John Gauci bħala Segretarju Ġenerali minflok is-Sur Norbert Vella li ma setax ikompli fil-kariga minħabba impenji oħra. Filwaqt li nirringrazzja lil Norbert għal xogħol siewi tiegħu kemm dam fil-kariga ta' segretarju ġenerali, nawgura lil John fil-kariga ġdida tiegħu u konvint li għandu l-kapaċitajiet kollha għal kariga hekk importanti f'kull Soċjetà. Nawgura wkoll lill-membri ġodda fil-kumitat is-Sur Anthony Grech u s-Sur Mark Borg. Tajjeb li nsemmi li l-*live streaming* u dak kollu li għandu x'jaqsam ma' komunikazzjoni permezz tal-internet ser jibqa' jieħu ħsiebhom Norbert u hemm l-impenn ta' kulħadd biex dan is-servizz ferm apprezzat l-aktar mill-emigranti ser jibqa' jitwassal bl-istess mod li ilu jixxandar dan iż-żmien kollu.

Fuq nota differenti, matul din is-sena ġarrabna t-telfa għal għarrieda tas-Sinjura Vivie Schembri, membru attiv fil-Kumitat tan-Nisa sa mit-twaqqif tiegħu. Aħna li konna nafuha mill-qrib inħossu n-nuqqas tagħha, dak il-karattru ferrieħi u qalb taz-zokkor. Taħdem u tistinka biex kull attività fil-każin tirnexxi, tipprepara għal kull festin li jkun hemm u

araha sodisfatta meta dak li jkun organizzat ikun irnexxa. Niftakar lil Vivie minn età żgħira ħafna u sal-ġurnata tal-mewt tagħha dejjem gawdejt ir-rispett kbir mingħandha. Nhar ta' Sibt u waqt attivitajiet oħra li jkunu organizzati fil-każin jibqa' jinħass in-nuqqas ta' Vivie iżda dik hija r-realtà tal-ħajja u rridu naċċettawha. Vivie qed tgawdi l-premju ta' dejjem u tibqa' magħna fil-qalb matul ħajjitna. Is-Sur Joseph Sciberras u s-Sur Vincent Vella, Bandisti Onorarji tas-Soċjetà ħallew din id-dinja matul dawn l-aħħar xhur. Bandisti li għal snin twal taw servizz kbir lil Banda Imperial u huma ta' ispirazzjoni u eżempju għalina biex bħalhom għandna nagħtu servizz volontarju lill-banda. Għalihom il-banda kienet ħajjithom u dejjem stinkaw u jinkoraġixxu persuni oħra biex huma wkoll jitgħallmu strument biex il-banda tagħna tkompli miexja 'l quddiem. Fl-aħħar ukoll insellem il-memorja tas-Sur Andrew Ciappara u Spiro Cauchi membri tal-każin li wkoll ħallew din id-dinja matul din is-sena.

Is-Surmast Direttur Anthony Borg ingħata l-Unur ta' Rikonoxximent il-Mellieħa, mill-Kunsill Lokali għall-ħidma tiegħu fil-qasam tal-mużika wara li kien nominat mill-Kumitat Direttiv. Unur mistħoqq għall-ħidma u d-dedikazzjoni li dejjem wera fit-tagħlim tal-mużika u kemm bħala Direttur tal-Banda tagħna. Mill-ġdid nifraħlu ta' dan l-unur mistħoqq li jkompli jħeġġeġ fih aktar impenn b'risq l-arti mużikali b'mod speċjali lejn il-Banda Imperial li hija tant għal qalbu.

Fl-okkażjoni tal-Festa Ad Unur Marija Bambina nixtieq nawgura lill-poplu Mellieħi awguri sinċieri għal dan iż-żmien ta' ferħ. Niċċelebraw u nieħdu pjaċir flimkien fil-festa tagħna u nirringrazzja lil kulħadd għall-għajnuna li dejjem toffru lill-Għaqda Mużikali Imperial biex tkun tista' tkompli għaddejja bil-ħidma tagħha.

Il-Festa t-tajba lil kulħadd.

*Żuru l-'website' tagħna*

**www.imperialbandclub.com**

**Ikkuntattjana fuq *e-mail*:**

**info@imperialbandclub.com**

aġenzija żgħażagħ

L-Għaqda Mużikali Imperial tilqa' applikazzjonijiet għat-tagħlim tal-mużika mingħajr ħlas f'dawn il-kategoriji:

- Teorija tal-Mużika
- Strumenti tal-Injam
- Strumenti tar-Ramm
- Strumenti tal-Perkussjoni

Tel: **21 520 536**




Discover our world of tailor made travel

ROCS travel

www.rocsholidays.com

Development House, St. Anne's Street, Floriana, FRN9010
19-23 ROCS House, Main Street, Mellieha, MLH 2310
Rotunda Square, Mosta, MST 9040
Tel: +356 2015 1515 | Fax: +356 2152 3869 | Email: travel@rocsgrp.com

IATA
IATA 50200883
IATA 50209994

Superbrands
Malta's Choice


Pâtisserie
Bakers & Caterers Ltd.
WE ACCEPT ORDERS FOR ANY SPECIAL OCCASION CAKES
OUTSIDE CATERING
HOT SNACKS & CREAM CAKES
FRESHLY BAKED BREAD DAILY
MAIN STREET, MELLIEHA MLH 2315 T: 2152 0920 / 2152 3920



# Kontribut Kulturali u Soċjali Kbir

**John Buttigieg**
*Sindku*



Il-Festa tal-Vitorja reġgħet magħna u din is-sena wkoll, kif inhu xieraq, erġajt ġejt mistieden biex bħala Sindku tal-Mellieħa nikteb f'dan il-ktejjeb li l-Għaqda Mużikali Imperial tippubblika f'dawn il-jiem tal-festa.

Flimkien ma' sħabi l-Kunsillieri nagħmlu ħilitna biex noħorġu l-aħjar tas-Soċjetajiet u l-Għaqdiet li jiffurmaw il-komunità tagħna fil-Mellieħa. Matul is-sena kelli diversi okkażjonijiet niltaqa' u niddiskuti mal-amministrazzjoni tal-Għaqda Mużikali Imperial, waqt id-diversi atttivitajiet li l-Għaqda torganizza matul is-sena, biex flimkien naraw kif nistgħu naħdmu aħjar, biex it-tixrid tal-kultura u l-mużika jkompli jikber fir-raħal tagħna. Huwa obbligu tiegħi u ta' sħabi li ngħidu grazzi f'isem il-poplu Mellieħi, lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor taw jew qegħdin jagħtu l-kontribut tagħhom fil-qasam li huma jirrappreżentaw b'risq il-Mellieħa. Il-membri ta' din il-Għaqda Mużikali wkoll qegħdin jaqdu funzjoni importanti f'dan ir-rigward, bil-valur tal-volontarjat ikun wieħed mill-ingredjenti ewlenin fil-ħidma tagħhom.

Din il-ħidma, flimkien ma' dik ta' dawk kollha li jaħdmu f'dan il-qasam għandu jibqa' jsib l-appoġġ tagħna lkoll, għax verament qegħdin ikomplu jikkontribwixxu fil-qasam kulturali, mużikali u soċjali tar-raħal tagħna; kontribut li sawru l-Mellieħa bil-karatteristiċi li hija mogħnija bihom illum, u allura huwa importanti li kulħadd jagħmel il-parti tiegħu biex dak li nkiseb tul is-snin ma jintilifx. Filwaqt li dawn il-jiem tal-festa jressquna aktar viċin dan l-aspett, għandna nibqgħu npoġġu dan il-ħsieb fuq quddiem tal-aġenda tagħna tul is-sena kollha. Kien b'dan il-ħsieb li l-ewwel darba li ġejt elett bħala Sindku fl-2002, stinkajt u flimkien ma' sħabi rajna li bejn il-Kunsill Lokali tal-Mellieħa u t-tliet għaqdiet mużikali Melleħin jiġi ffirmat ftehim ta' koperazzjoni kulturali u mużikali, ftehim li baqa' jiġi mġedded tul dawn l-aħħar snin, u li bih l-għaqdiet mużikali qegħdin jiġu mgħejjuna b'mod finanzjarju biex jorganizzaw u jieħdu sehem fl-attivitajiet li jorganizza l-Kunsill Lokali, ewlenin fosthom il-Festival tal-Mużika, Iljieli Melleħin u l-Ħuġġieġa ta' San Ġwann.

Il-Festa tal-Bambina hija wkoll okkażjoni fejn niltaqgħu ma' ħafna emigranti Melleħin, li jiddeċiedu li matul dawn il-ġimgħat jiġu jżuruna. Dawn ukoll jiffurmaw parti mill-komunità Melleħija, għax minkejja li dawn jgħixu mili 'l bogħod minn xtutna, huwa fatt li huma qatt ma ċaħdu raħal twelidhom u qatt ma ddejqu li jibqgħu jissejħu Melleħin u fuq kollox Maltin. Lil dawn irrid ngħidilhom grazzi mill-qalb tal-appoġġ u s-sostenn li huma jagħtu lill-għaqdiet tagħna Melleħin. Ħafna mill-opri li nsibu fil-każini tagħna Melleħin huma xhieda ta' kemm dawn l-emigranti verament iħobbu l-għaqdiet tagħna, minkejja li jinsabu 'l bogħod minna. Hawnhekk ma rridx ninsa nsemmi wkoll benefatturi oħrajn li kontinwament jagħtu l-appoġġ tagħhom lis-soċjetajiet u l-għaqdiet tagħna.

Nagħlaq dan il-messaġġ billi f'isem sħabi l-Kunsillieri u l-istaff tal-Kunsill Lokali nawgura l-festa t-tajba lill-President tal-Għaqda Mużikali Imperial, is-Sur Josef Borg, lill-Kumitat Amministrattiv u lil dawk kollha li jiffurmaw parti mill-Għaqda Mużikali Imperial.

***Inħeġġu lil kulħadd sabiex nattendu għall-funzjonijiet reliġjużi u nersqu għas-Sagramenti tal-Qrar u t-Tqarbin b'mod speċjali matul il-ġranet tal-Festa.***



# Il-Festa

**Kan. Joe Caruana**
*Arċipriet*



Il-festa kbira u unika tal-Knisja hija dik tal-Għid, il-festa tar-rebħa tal-Imgħallem tagħna fuq il-mewt u d-dnub. Kull festa oħra li aħna niċċelebraw matul is-sena tkun festa tassew sakemm b'xi mod jew ieħor nipparteċipaw f'din il-festa l-kbira u tgħin biex tenfasizza dawn ir-realtajiet kbar dwar Sidna Ġesù Kristu.

Il-Knisja tiċċelebra l-festi tal-qaddisin għax tagħraf li huma diġà, permess tal-ħajja qaddisa li għexu, ipparteċipaw f'din il-festa l-kbira tal-Għid ta' Kristu. Matul iż-żminijiet, diversi gruppi fil-Knisja nisranija attakawha għax qalu li dawn il-festi huma idolatrija. Matul iż-żminijiet il-Knisja għallmet li l-festi tal-qaddisin altru li mhumiex idolatrija, għax aħna naduraw lil Alla waħdu imma nagħtu qima lill-qaddisin inkwantu li huma ħabbew u għexu l-valuri li għallimna Kristu u biex nitħeġġu nħarsu lejhom u nixbħuhom fil-ħajja qaddisa tagħhom. Allura l-festi tal-qaddisin għandhom valur kbir ta' tagħlim għalina.

Hu f'dan id-dawl li aħna niċċelebraw il-festa ta' Marija Bambina u niċċelebrawha bħala festa speċjali ħafna għax, jekk jistħoqqilhom qima l-qaddisin kollha għax imxew fuq il-passi ta' Kristu, aħseb u ara kemm jixirqilha qima akbar Dik li Hu għażel li tkun ommu u li l-Knisja għarfitha bħala l-ewwel dixxiplu għax hi kienet l-ewwel li mxiet warajh u baqgħet warajh sa taħt is-salib minn fejn hu tahielna wkoll bħala ommna. Hu minħabba f'hekk li l-knisja għandha devozzjoni qawwija lejn din il-mara speċjali u li tistedinna biex inqimuha taħt ħafna titli differenti.

Aħna l-Melleħin, flimkien mal-kompatriotti tagħna tan-Naxxar, tal-Isla u tax-Xagħra, Għawdex, nagħmlu festa lil Marija fi twelidha u dan bix-xieraq għax, kif tgħallimna l-knisja, Alla, lil din il-mara li Hu għażel biex tkun ommu, żejjinha b'kull qdusija u ħarisha minn kull dnub sa minn qabel twelidha, hekk li fi twelidha kien ġa jistħoqqilha kull ġieħ u qima.

Peress li aħna l-bnedmin m'aħniex magħmulin biss minn ruħ spiritwali imma wkoll minn ġisem materjali, il-mod kif nesprimu din il-qima u l-ferħ tagħna fil-festi sikwit jieħu forma wkoll materjali apparti mit-talb tagħna. Għalhekk li l-festi parrokkjali tagħna għandhom l-aspett kemm ta' ġol-knisja - f'dak li hu talb u liturġija sabiħa - u kemm ta' barra l-knisja - li skont il-kultura u karattru partikolari tagħna nesprimuh f'dak li huma baned, nar, armar u elf ħaġa oħra li, barra li juri rispett lejn Marija, fuq livell soċjali lilna uliedha joħolqilna okkażjoni biex niltaqgħu u nifirħu flimkien, kif għandna nagħmlu ta' aħwa li aħna.

Hawn min jirraġuna li l-aspett ta' barra tal-festa hu kollu żejjed, jekk mhux ukoll ħażin. Altru li mhux hekk. Ovvjament anke ħaġa tajba nistgħu nużawha ħażin u nabbużaw minnha. Sfortunatament dan narawh ċar fil-festi ta' xi parroċċi tagħna. Nirringrazzjaw 'l Alla li xħin tqis kollox aħna m'għandniex dan l-inkwiet, grazzi l-ewwel nett lil Alla u lil Marija u mbagħad lill-għaqal tal-kumitati u għaqdiet ta' dawk kollha li jieħdu sehem fil-festa. Minn hawn irrid li għal darb'oħra nurihom il-gratitudni tiegħi għall-għaqal tagħhom fit-tmexxija u għall-koperazzjoni li huma juru lili u lil sħabhom il-kumitati u għaqdiet oħra nvoluti fil-festa. Irrid ukoll nappella lis-soċi u lill-membri ta' kull għaqda u soċjetà, kif ukoll lill-pubbliku inġenerali biex jikkopera ma' dawk li jkollhom ir-responsabiltà tat-tmexxija. Hu dan li jagħmilha possibbli li jkollna festi sbieħ li jagħmlulna unur u li jkunu jixirqu lill-qima li jistħoqqilha Marija Bambina.

**Nawgura festa sabiħa, qaddisa u mimlija ferħ lil kulħadd.**

Il-festa t-tajba.




SHOPPERS
DISCOUNT SUPERMARKET

# NEW LOCATION

## OPENING SOON

FISH SHOP

WINE SECTION

HEALTH SHOP

MEAT SHOP

GASTRONOMY

KIDS AREA (incl. breastfeeding room)

Highly Finished Upmarket Apartments in Mellieha







...at fantastic prices

ASPEN
LIMITED

Please call for an appointment: Aspen Limited, 47, Triq l-Gherien, Mellieha MLH 2282
Tel: (+356) 2152 2761 Fax: (+356) 2152 2762 E-mail: aspen@onvol.net

For all your insurance requirements:

Motor
Home
Boat
Travel
Personal Accident
Group Health
Health
Business

JOSEPH DEBONO
Tied Insurance Intermediary for
MAPFRE | MIDDLESEA

A: 73, Karizia Building, Triq Gorg Borg Olivier, Mellieha
T: 21520552 / 27520552 / 9942 2894
E: insurance@jdebono.com

Joseph Debono is an enrolled Tied Insurance Intermediary under the Insurance Intermediaries Act, 2006 for Mapfre Middlesea p.l.c. (C-5553) and MSV Life plc (C-15722). All the companies are authorised by the MFSA.



# Inkomplu Mexjin ’il Quddiem

**Spiru Grech**
*Viċi President*



Huwa ta’ pjaċir kbir għalija li l-Għaqda Mużikali Imperial, flimkien mal-membri u l-ħbieb Melleħin, ikollna l-opportunità li nerġgħu niċċelebraw il-Festa tal-Vitorja.

M’iniex se noqgħod insemmi x’sar tul is-sena li kważi għaddiet, ngħid biss li l-Banda u l-Kor, kważi kull xahar, kellna xi okkażjoni, dan barra l-kunċert ta’ kull ġimgħa, u ġieli anke tnejn, grazzi lis-Surmast u lill-bandisti kbar u żgħar.

Rigward ix-xogħol li sar fil-Każin, jien ngħid li sar ħafna u grazzi lil kull min ta daqqa t’id. Ix-xogħol li sar ma kienx faċli, imma bil-kapaċità tan-nies li kien hemm jaħdmu, irnexxilhom jagħmlu l-impossibbli. Prosit!

Però, biex wieħed japprezza u jifhem dak kollu li sar s’issa, nistidinkom biex meta tridu, speċjalment waqt il-jiem tal-Festa, tiġu u taraw intom stess ix-xogħol utli u bżonnjuż li fiż-żmien tal-lum ried isir kważi bilfors. Baqa’ ħafna x’isir, imma bħal dejjem, jekk naħdmu bil-galbu, naslu kif dejjem wasalna. Is-sapport tal-membri huwa dejjem apprezzat. Id-diriġenti tas-Soċjetà, meta jaraw li warajhom għandhom is-sapport tal-membri li japprezzaw ix-xogħol li ikun sar u li qiegħed isir, iżjed jaħdmu bil-ħeġġa biex is-Soċjetà tkompli miexja ’l quddiem.

Naqleb naqra s-suġġett. Ma tistax timxi ’l quddiem jekk imbagħad issib min bil-vendikazzjoni, naqra kelma iebsa, ikisser jew iħammeġ bla skruplu ta’ xejn. Pereżempju, għax għandek issib stikek tal-biljard maqsumin min-nofs, u ġieli anke nsterqu. Jew inkella, twaħħal it-takek fuq xi sitt stikek, tmur tlett ijiem wara u ma ssibx waħda sewwa. U affarijiet oħra li m’iniex ser noqgħod insemmi hawn. Kulħadd għandu għajnejn biex jara; jien m’iniex se nipponta subgħajja lejn ħadd. Jien naf li hawn jidħol kull ġens ta’ nies u ma jfissirx li dawn in-nuqqasijiet isiru mill-membri. Niddubita! Li rrid ngħid hu li għas-Soċjetà dan kollu jfisser spejjeż żejda u bla bżonn. U anke għal min jidħol warajk, ma jħossux komdu b’dak li jara. Sewwa kieku kulħadd ikun naqra aktar responsabbli.

Fl-14 ta’ Mejju saret is-Seduta Ġenerali fejn inħatar Kumitat ġdid għas-sentejn li ġejjin. Ġodda daħlu Toni Grech (l-*engineer*), Mark Borg u John Baptist Gauci li se jokkupa l-post ta’ Segretarju Ġenerali. Irreżenja Emmanuel Grima u Norbert Vella ma kkontestax. Lil dawn it-tnejn ngħidulhom grazzi tax-xogħol li għamlu, speċjalment lil Norbert li kien jokkupa l-post ta’ Segretarju Ġenerali. Lill-ġodda nawguralhom kull suċċess fil-ħidma tagħhom.

Kif għidt iżjed ’il fuq, saret Seduta Ġenerali. Din issir kull sentejn biex kull membru, bi dritt, ikun jaf x’inhu jiġri rigward il-finanzi tas-Soċjetà, fejn intefqu l-flus, x’daħħalna u xi ħriġna, u biex jinħatar kumitat ġdid. Għalkemm in-numru tal-membri preżenti kien mhux ħażin, jien kont nippretendi li ċerti membri, li ħafna drabi jilmentaw, u b’daqshekk xejn ħażin, kont se narahom fuq quddiem biex jagħtu l-ilment tagħhom. Però għal xi raġuni, ma jattendux. Jien ngħid forsi jkun hemm naqra raġun li jgergru, imma billi tgerger fil-bar m’inti se ssolvi l-ebda problema. Jekk taħsbu mod ieħor, sejrin żball. Il-Kumitat ikollu seduta kull ġimgħatejn, u jekk ikun hemm bżonn anke iżjed, u minn hemm irid imexxi lis-Soċjetà. Imbagħad hemm membri oħra li jirraġunaw illi jekk kollox miexi sewwa, m’hemmx għalfejn jiġu għas-Seduta Ġenerali. Insomma, mitt bniedem, mitt fehma!

Jekk tippermettuli, nixtieq infakkar tlieta mill-membri tas-Soċjetà tagħna li n-nuqqas tagħhom għadu jinħass. L-ewwel waħda hi Victoria Schembri, Vivie ta’ Ġanni, għax hekk konna nsibuha. Dejjem kont issibha minn ta’ quddiem għal kull okkażjoni li kien ikun hemm fil-Każin, l-iżjed għax-xogħol. Marret fejn San Pietru fis-6 ta’ Marzu 2016 fl-għomor ta’ 70 sena.

L-ieħor huwa sieħbi Ġużepp Sciberras, il-Pus, li mar fejn San Pietru fit-13 ta’ Mejju 2016 fl-età ta’ 89 sena. Konna għal ħafna snin indoqqu s-*saxophone*

flimkien. Kien raġel ta' ftit kliem, raġel intelliġenti ħafna, għax għalkemm skola mar ftit, xħin jibda jitkellem fuq mużika, ġografija, kavallieri, iż-żewġ gwerer, l-istorja ta' Malta u minn xhiex għadda l-poplu Malti tul is-snin, kien iħallik b'ħalqek miftuħ. Mur ġibu kellu xi tnax-il "O" level li kulħadd iffissat fuqhom illum, fejn kien jasal! Jien kont nagħmel ħin twil nisimgħu jirrakkonta.

Insomma, Pus, meta niġi hemm fuq jien, għid lil San Pietru li konna ndoqqu s-*saxophone* flimkien, għidlu li hawn wieħed minn ta' Żamżam, forsi jħallini nidħol. U jekk, dejjem jekk, nidħol, indoqqulu l-Marċ Tal-Iljun. U bilħaqq, tinsiex tgħid lil Vivie ta' Ġanni biex tiġi tkanta, dik il-kliem bl-amment tafu. Jew aħjar xejn, li ma tmurx issibu burdata ħażina u jkeċċina t-tlieta 'l barra!

Bandist ieħor li m'għadux magħna huwa Ċensu Vella, il-Barkun, li ħalliena fid-29 ta' Ġunju 2016 fl-età ta' 82 sena. Lil Ċensu niftakru ħafna snin ilu meta kien għadu ġuvni. Niftakru jistudja l-klarinett, kien joħroġ fil-loġġa tad-dar t'ommu li kienet tiġi ma' ġenb id-dar tan-nanna Ġanna. Jien ta' tifel li kont, dak iż-żmien naqra fidil, kont ngħid bejni u bejn ruħi din x'inhi l-idea li joħroġ fil-loġġa jistudja t-*Traviata*. Wara ndunajt li kien jinnamra maz-zija Nina. Naħseb li kien ikun is-sinjal biex iz-zija Nina toħroġ barra. Insomma, issa li qiegħed hemm fuq, naħseb ma tantx jaħsibha biex jiksirha ma' San Pietru u jiġi jdoqq Tal-Iljun.

F'ismi u f'isem is-Soċjetà Imperial insellem lilkom u lill-membri kollha li ħallewna din is-sena. Nirringrazzja lil sħabi kollha tal-Kumitat, lis-Surmast Tonio Borg għax-xogħol kollu li wettaq, l-Assistent Philip Schembri, lil Shirley Helleur, id-Direttriċi tal-Kor, lil sħabi bandisti, lill-membri tal-Kor u lill-membri tal-Kummissjoni Banda, Kummisjoni Żgħażagħ u Kumitat tan-Nisa, lil Pietru l-barman u l-familja tiegħu u speċjalment lil sħabi membri għax mingħajrkom m'aħna xejn. Grazzi!

Int min int, il-Festa t-Tajba!

**ID-DROGA TEQIRDEK...**
**Ħajtek f'idejk... TITLIFHIEX!!**

**Gaulos Exclusive Art**

*Għal kull tip ta' rakkmu sew għall-Każini tal-Baned, Knejjes jew mudelli tal-Knejjes.*

*Nagħmlu wkoll kull tip ta' restawr u transport ta' rakkmu antik.*

*Issibilna kull tip ta' pittura kemm oriġinali kif ukoll kopji jew portraits impittra minn artisti barranin.*

9, Triq Sir Arturo Mercieca, Victoria, Għawdex
Tel: 2156 4401 / 2756 4401 Mob: 7956 4401
Email: contact@eastermalta.org

# Jevon's Fruit Shop

27, Ġorġ Borg Olivier Street
Mellieħa MLH 1024

**Tel: 2152 3546**
**Mob: 9947 3825**



***Free Delivery***





one 80

KITCHEN • LOUNGE











SATISFY YOUR HUNGER AND ENJOY A GOOD MEAL

30, Triq il-Wied ta Ruman, Mellieha, MLH 4023, Malta
For reservations call: (+356) 21 521 637 • + (+356) 9944 4664 • (+356) 9942 0870
Email: one80@foodrinksconcepts.com • Web: one80.com.mt



# Ħarsa lura, u tnejn 'il quddiem

Dr John Baptist Gauci
*Segretarju Ġenerali*



Fil-ħajja mgħaġġla li qed ngħixu llum, fejn kulħadd irid ilaħħaq ma' mitt oġġett u jekk jista' jkun fl-istess ħin, huwa faċli li wieħed jidħol f'rutina u ftit li xejn jieqaf ftit biex jirriffletti u jippjana. U dan b'mod speċjali għal dawk li jkunu nvoluti f'xi għaqda volontarja bħalma hi tagħna, fejn minbarra li tkun trid tlaħħaq max-xogħol tiegħek, forsi xi *part-time*, il-familja u xi delizzju, trid tiddedika ukoll ħin biex tagħti daqqa t'id skont il-bżonnijiet tal-għaqda. It-tentazzjoni hi li nippruvaw nieħdu l-ħajja ġurnata b'ġurnata, jew jekk inħarsu xi ftit 'il quddiem, naraw biss ftit 'il bogħod, forsi nippjanaw sal-festa li ġejja. Iżda naħseb u nemmen illi wasal iż-żmien li l-għaqdiet volontarji, fosthom is-soċjetajiet mużikali, jibdew jaħsbu iktar fit-tul u jippjanaw id-destinazzjoni li jixtiequ li l-għaqda tagħhom tilħaq fi żmien 'il bogħod, bħal pereżempju, f'għaxar snin. Mhux xi kunċett ġdid dan, anzi wieħed li ilu jintuża l-iktar, imma mhux biss, minn organizazzjonijiet fis-settur privat.

Nistħajjilkom tgħidu li f'għaxar snin min jaf x'jista' jinqala' u kif għad jinbidlu ċ-ċirkustanzi. Veru u kollu minnu. U huwa propju għalhekk li hemm bżonn iktar ta' pjan fit-tul. Hemm bżonn li l-għaqdiet volontarji tagħna jkunu ċerti li l-futur ma jbeżżagħhomx, u mod ta' kif jistgħu jippreparaw irwieħhom għall-ġejjieni hu billi jfasslu pjan strateġiku illi jagħti direzzjoni fit-tul. Permezz ta' dan il-pjan ikunu qed jirrikonoxxu x'jagħmilhom differenti minn soċjetajiet oħra kemm f'setturi differenti imma wkoll fl-istess settur, bħal ngħidu aħna dak mużikali, jindirizzaw il-kompetizzjoni li għandhom minn entitajiet oħra fuq livelli differenti, bħal dak finanzjarju u amministrattiv, u jidentifikaw għaqdiet li magħhom jistgħu jiżviluppaw u jsostnu pjan ta' koperazzjoni għall-benefiċċju ta' dawk kollha nvoluti.

Mhux qed nipprova nagħti l-impressjoni li din hija xi ħaġa faċli jew li ma ġġibx problemi magħha. L-ewwel nett, fejn hemm grupp ta' persuni miġbura flimkien, bil-fors li se ssib opinjonijiet differenti, u iktar iva milli le, kontrastanti u kompletament opposti għal xulxin. Min hu nvolut f'xi kumitat, dan jarah u jesperjenzah b'mod kontinwu, għax bejn għaxar min-nies jaf ikun hemm ħdax-il opinjoni differenti! Imbagħad hemm l-interessi tal-membri tal-għaqda u tal-komunità inġenerali, li jippretendu, u ħafna drabi bir-raġun, li l-għaqda tkun iktar viżibbli billi ttella' iktar attivitajiet ta' fejda u ta' interess għas-segwaċi tagħha u għall-poplu kollu. Dan ikun ifisser illi r-riżorsi li huma diġà limitati u skarsi, ikunu jridu jiġġebbdu kemm jistgħu, kemm jekk huma dawk finanzjarji kif ukoll dawk umani.

Iżda danakollu m'għandux jaqta' qalb id-diriġenti ta' dawn l-għaqdiet, għax naħseb li l-benefiċċji li jġorr miegħu l-proċess biex ikollok l-għanijiet tiegħek ċari għal kulħadd huma ikbar u aktar prezzjużi mid-diffikultajiet li tista' tiltaqa' magħhom fit-triq sabiex tagħmel dan. Il-pjan strateġiku jista' jinkludi diversi aspetti u għandu jkun imsejjes fuq il-passat tal-għaqda u madwar l-iskop li għalih kienet imwaqqfa, imma b'mod prominenti u ċar irid jindirizza l-viżjoni tal-għaqda għas-snin li ġejjin. Biex nagħti eżempji prattiċi għal għaqda bħalma hi tagħna, jista' jinkludi fih pjan sabiex inkomplu nżidu n-numru ta' bandisti tal-post u membri tal-kor u ninkoraġġuhom biex jibqgħu attivi tul is-sena kollha u mhux biss fil-ġranet tal-festa, pjan ta' kif nistgħu ntejbu u nagħmlu iktar sostenibbli t-tagħlim tal-mużika u nħajru iżjed studenti biex jibdew jistudjaw il-mużika b'mod serju, u pjan li permezz tiegħu nħarrġu żgħażagħ fit-tmexxija tal-għaqda u noffrulhom esperjenza ħajja ta' dan.

Pjan strateġiku jagħti l-għodda tant siewja lil kwalunkwe għaqda sabiex tippjana b'mod effiċjenti, u mhux f'sitwazzjoni ta' paniku, kif din tista' tamministra mhux biss in-nies u r-riżorsi materjali tagħha, iżda, forsi iktar importanti minn hekk, kif

tibni u ssaħħaħ ir-relazzjonijiet tagħha mal-partijiet interessati kollha, sew jekk membri ta' xi sotto-kumitati, soċi, diriġenti ta' għaqdiet oħra, entitatijiet pubbliċi u privati, gvern lokali, u l-komunità b'mod ġenerali.

Hija x-xewqa tiegħi illi, bħala segretarju ġenerali ta' din l-Għaqda tant għażiża għalina, nara li l-Kumitat Direttiv il-ġdid, maħtur iktar kmieni din is-sena, jieħu din id-direzzjoni ta' tmexxija fejn l-ippjanar fit-tul jidħol iktar u b'mod iżjed prominenti fil-kultura tagħna. Ninsab konvint illi l-akbar eżami għalina bħala diriġenti ta' kwalunkwe għaqda volontarja huwa kemm aħna kapaċi nfasslu pjan ċar ta' fejn irridu nieħdu l-għaqda li ġiet afdata lilna u li naħdmu biex inwassluha lejn dik id-destinazzjoni.

Nemmen fermament illi huwa biss permezz ta' pjan strateġiku fit-tul, billi nagħtu titwila lura imma tnejn 'il quddiem, illi l-Għaqda Mużikali Imperial tkompli tkun iktar relevanti fis-soċjetà tal-lum, tkompli tattira iżjed benefatturi, u tibqa' tispira iktar nies biex jissieħbu magħna biex inkomplu nibnu fuq dak li ħallewlna missirijietna għall-ġid tal-ġenerazzjonijiet preżenti u futuri.

Nawgura l-festa t-tajba lil kulħadd, festa li tkompli tgħaqqadna flimkien bħala soċjetà u bħala poplu wieħed madwar il-Bambina.

Ta' Peter

Bar, Restaurant &
Games Room

*Specialising in*
*Maltese Cuisine*
*&*
*Fresh Fish Dishes.*

Ġorġ Borg Olivier Str.
Il-Mellieħa - Malta
Tel: 21 523537

**Christopher Sciberras**

**86 Triq l-Għoljiet**
**Il-Mellieħa**

Car & Truck Batteries
Delivered to your door

**7966 6623**

**BELLA VEDUTA**
grocery & confectionery
Mr & Mrs D. Vella

***Bella Veduta***
***Triq ta' Masrija***
***Il-Mellieħa***
***Tel: 21521306***

***delilahvella@hotmail.co.uk***

# GROW YOUR BUSINESS

## TRANSFORM YOUR BUSINESS WITH A PROFESSIONAL WEBSITE

## FROM JUST EURO 95+Vat

### *OUR SERVICES:*

WEBSITE DESIGN / WEBSITE HOSTING / DOMAIN NAMES /
EMAIL SERVICES / CLOUD SOLUTIONS / WEB APPLICATIONS /
ONLINE BOOKING SYSTEMS / PAYMENT GATEWAY INTEGRATION /
E-COMMERCE SERVICES / CMS - ONLINE CONTENT MANAGEMENT /
SEO - SEARCH ENGINE RANKING OPTIMISATION / DATABASE SOLUTIONS /
FACEBOOK PAGE MANAGEMENT / ONLINE MARKETING STRATEGIES /
PORTAL DEVELOPMENT / MOBILE APPLICATION DEVELOPMENT

BOOK YOUR *www.companyname.com* before it's too late!!!

Free Basic Search Engine Marketing with every new website design.

We have ready-made solutions for:
- Property Developers & Real Estate Agents
- Travel Agencies
- Organisations & Clubs
- Photographers and Artists
- Restaurants & Bars
- Spas / Hair & Beauty Clinics
- Accommodation Services
- Radio & TV Stations

Contact Us for more information:

Ivan Vella (Foto Creative)
Office: 21578930
Mobile: 99824811
Email: info@fotocreative.com
Website: www.fotocreative.com

Microsoft Partner | Windows Azure | HTML 5 | ADWORDS QUALIFIED COMPANY Google | Google Developers | facebook developers



# Il-Volontarjat

**Anthony Schembri**
*Segretarju Finanzjarju*



Il-Malti jgħid: "Bil-flus tagħmel triq fil-baħar", u bla flus? – "La tgħannaq u lanqas tbus". Il-flus importanti wisq fil-ħajja ta' kuljum. Hawn saħansitra min jaħdem mid-dlam sad-dlam biex jaqla' l-flus. Ħafna nies, meta titlobhom daqqa t'id u ma ssemmilhomx il-qligħ ta' lira, tarahom idawru rashom u jtuk daharhom, u jitilqu jlebbtu 'l hemm b'kemm jifilħu. Kos, fejn spiċċa s-sens ta' volontarjat? Qabel konna tant ħerqana biex naħdmu għall-ġid tas-soċjetà inġenerali. U dan mhux qed ngħidu jiena. Biżżejjed inħarsu lejn il-każin tas-Soċjetà tagħna stess. Min jaf kemm nies ħadmu bla waqfien, wara l-ħin tax-xogħol biex bnew il-post li għandna llum. U dawn ma kinux xi nies sinjuri. Imma xorta waħda qatt ma talbu sold għal xogħolhom. Kienu jafu li dak li qed jagħmlu kien se jservi ta' ġid għall-komunità.

Imbagħad tiġi llum, u biex issib min jagħtik daqqa t'id togħroq l-għaraq tad-demm, jew inkella tiżvojta butek. Trid tara b'għajnejk u tisma' b'widnejk biex temmen. Biżżejjed issemmi li hawn baned f'Malta li lill-bandisti tagħhom, wara li b'sagrifiċċju kbir tawhom it-tagħlim mużikali, iridu jħallsuhom biex jattendu għas-servizzi tal-banda tagħhom. U dan għalxiex wassal? Wassal biex il-banda ma baqgħetx passatemp, imma saret mod kif taqla' l-flus, saret negozju sfaċċat, fejn lanqas rispett lejn min tak it-tagħlim ma għad fadal. Il-banda tiegħek tieħu l-aħħar post, biex ma ngħidx wara l-aħħar.

Tifhmunix ħażin, m'iniex qed ngħid għal kulħadd. Għad baqa' nies li għalihom il-flus m'humiex kollox. U lil dawn in-nies nammirahom u nagħmlilhom kuraġġ biex ma jdurux mal-kurrent. It-taqbida hija ħarxa, u t-tentazzjoni kbira, imma b'determinazzjoni soda, it-tajjeb dejjem joħroġ rebbieħ. Dawn in-nies jixhdu kemm hu sabiħ il-volontarjat, u li s-sodisfazzjon li jagħtik ix-xogħol volontarju huwa ħafna ikbar minn dak li jagħtuk il-flus.

Dan m'iniex qed noħlom, imma jgħidulhulek ħafna nies li qattgħu xi żmien fix-xogħol volontarju. M'hemmx għalfejn immorru 'l bogħod. Biżżejjed induru u nħarsu daqxejn madwarna. Nitkellmu ma' missirijietna u huma stess jgħidulek li qabel ma nxterdet daqshekk il-kilba għall-flus, il-kuntentizza kienet kbira. Jgħidulek li dak li kienu jagħmlu bla ħlas fil-ħin liberu tagħhom kien jagħtihom il-ferħ li ma kinux isibu fil-flus.

Veru li l-flus huma ta' importanza kbira fil-ħajja tal-lum, u li mingħajr flus ma tgħixx, imma mbagħad m'għandniex nibdew ngħixu għall-flus biss. Jeħtieġ li f'kull soċjetà, kemm mużikali u kif ukoll ta' kull xorta oħra, jerġa' jqum fuq saqajh l-ispirtu tal-volontarjat. Hemm bżonn li nifhmu li mingħajr ix-xogħol volontarju ma nistgħu qatt nagħmlu xejn. Meta naslu fl-istat li ma jibqax jeżisti x-xogħol volontarju f'soċjetà bħalma hi tagħna, ikun aħjar li nagħlqu l-bibien u nżarmaw minn ħidmietna.

Għall-grazzja t'Alla, l-Għaqda tagħna għadha 'l bogħod minn din is-sitwazzjoni, imma jeħtieġ li nifthu għajnejna għax il-periklu hemm qiegħed. Mela ejjew noqogħdu attenti u ma nħalluhx jidħol la fl-Għaqda tagħna, u lanqas fil-Mellieħa.

Il-Festa t-tajba lill-Melleħin kollha.

*Ħeġġu lil uliedkom jitgħallmu l-Mużika mal-Banda Imperial*




HAIR SENSATIONS
BY LEANNE
OPENING SOON
TRIQ IN - NAHAL , MELLIEHA 9985 7010




we cater for events, weddings, corporate functions and incentives, & other occasions

restaurant bookings: +356 21575491 - sunbed bookings: +356 21522900
email: info@paradisebaylidomalta.com - web: www.paradisebaylidomalta.com
www.facebook.com/paradisebaylidomalta - instagram: @paradisebaylidomalta






# tosca

Pizza, pasta, grills & much more!

Tosca ...a Taste of Italy in Mellieha

*Daily Specialities available including Fresh Fish*

facebook.com/toscapizzapastagrill

Gorg Borg Olivier Street, Mellieha t +356 2280 1927 e info@ilovetosca.com

**OPEN DAILY 1800HRS ONWARDS · TUESDAYS CLOSED**


Steffie's
Hair Studio
122, Parish Street, Mellieħa MLH 1061
(near the Square)
Tel: 2152 5100
Mob: 9986 1283
Tuesday Closed
bain de terre.
JOICO
THE ART OF HEALTHY HAIR


J.ATTARD
SKIP HIRE & HIGH UP SERVICES
LARGE & MINI SKIPS +356 99460397
FREE SCRAP METAL COLLECTION +356 99820454


J & G
Discount
Discount Detergent Shop
Triq it-Tgħam, Il-Mellieħa
Tel: 21522658
Mob: 79057948
Opening Hours
Mon-Fri:
8.30 – 13.00 & 16.00 – 19.00
Sat: 9.00 – 14.00
Free
Delivery



# Id-Dar tas-Soċjetà

**John Schembri**
*Direttur*



Il-Każin Imperial huwa d-dar tas-Soċjetà tagħna, il-post fejn il-membri jistgħu jiltaqgħu u jqattgħu ftit tal-ħin fil-kumpanija ta' xulxin, fejn il-Banda u l-Kor jagħmlu l-provi għall-programmi tagħhom, u fejn l-alljievi tagħna jiġu biex jitgħallmu. U huwa forsi għalhekk illi ħafna minna ftit japprezzaw l-importanza ta' dan il-post għall-Għaqda tagħna.

Nibqa' dejjem mistagħġeb minn kif il-barranin jibqgħu impressjonati meta jidħlu ġewwa l-każin tagħna u ndawruhom ftit mas-swali li għandna. Qed nirreferi mhux biss għal turisti li jiġu jqattgħu jumejn magħna għal xi btala, imma wkoll għal mistiednin oħra li jkollna minn żmien għal żmien li jkunu jiffurmaw parti minn xi banda, kor jew għaqda oħra mużikali.

Ġeneralment jibqgħu b'ħalqhom miftuħ xħin indaħħluhom fis-Sala tal-Kumitat jew fis-Sala tal-Banda, u jaraw ir-riżorsi li għandna. U dan mhux qed ngħidu bi ftaħir imma bħala stat ta' fatt.

Meta titkellem magħhom bħal donnhom ma jifhmux li dak kollu li qed jaraw hu propjetà tal-Għaqda. U forsi bir-raġun, għax ħafna minnhom m'għandhom xejn minn dan ġewwa pajjiżhom. Forsi, jekk ikunu fortunati, għandhom żewġt ikmamar fejn jiltaqgħu biex jagħmlu kunċert, jekk mhux ikollhom jissellfu xi post mingħand xi ħadd fejn jiltaqgħu biex jipprattikaw.

Dan għandu jġegħilna nirriflettu fuq kemm aħna xxurtjati li għandna l-każin li għandna llum, fuq kemm stinkaw il-fundaturi u dawk li ġew qabilna biex tawna din id-dar għall-Għaqda tagħna, kemm għandna għalfejn nieħdu ħsiebha u ħsieb dak kollu li għandna, fuq il-bżonn li nkomplu nżejnu din id-dar, nindukkrawha u nżidu r-riżorsi li għandna għall-ġid tal-membri, tal-banda u tal-kor. U dan jgħodd mhux biss għall-membri tal-kumitat, imma wkoll għal kull soċju u għal kull min jidħol fil-każin, sabiex dak li għaddewlna missirijietna nkunu nistgħu ngawduh aħna u ta' warajna.

Nawgura l-Festa t-Tajba lil kulħadd.

**C. Vella & Sons Ltd.**

your one stop shop for cigarettes, cigars, tobacco, confectionery, wines and spirits in the heart of Mellieha

George Borg Olivier Street Mellieha ● Tel: 21520883 ● Mob: 99498855 ● cvellasons@gmail.com




**BOV PERSONAL LOANS**

All personal loans are subject to normal bank lending criteria and final approval from your BOV branch. Benefit of free life cover applies to a maximum of €25,000 per loan, until age 69 or until loan account is closed whichever is the earlier. Terms and conditions apply.

**2131 2020 | bov.com**

Issued by Bank of Valletta p.l.c., 58, Triq San Żakkarija, il-Belt Valletta VLT 1130

BOV
Bank of Valletta

You're in for a treat

All the family will love our new delicious signature dishes, created by our Chefs for you to enjoy at our great value restaurant, with views of Malta's most popular beach - Għadira Bay.









TRAMUN TAGĦNA
BISTRO • GRILL • CAFE

db Seabank Resort + Spa, Mellieha Bay
Reservations: 2289 1774 • www.dbhotelsresorts.com





# Il-Mara fis-Soċjetà tal-Lum

**Carmen Cini**
*Chairperson – Kumitat Nisa*



Qegħdin ngħixu fi żmien li kważi lanqas nindunaw li biex il-mara integrat ruħha fis-soċjetà kellha tissielet ħafna għal tul ta' żmien. Għalkemm ir-rwol tal-mara kien dejjem wieħed importanti speċjalment kif ittella' l-familja u żżomm darha tajjeb, beda jinħass il-bżonn li dan għandu jinbidel u jkollha d-dritt li tieħu aktar sehem f'dak li qed isir fis-soċjetà ta' barra minn darha.

Snin ilu l-mara lanqas biss kellha dritt għall-vot għat-tmexxija ta' pajjiżha, aħseb u ara kemm tkun hi stess li tmexxiha. Kien proċess twil imma li fl-aħħar irnexxa. Fortunatament aħna qegħdin ngħixu ġo pajjiż li l-mara għandha drittijiet ugwali f'kull settur, sew fil-politika, fil-knisja, fl-edukazzjoni, fis-soċjetà u f'mitt settur ieħor. U nista' ngħid li dan ta riżultati tajbin.

Ser insemmi settur żgħir li bħalissa ninsab fih jien. Għadni niftakar meta kont iżgħar, ġol-każin konna nidħlu biss għal xi *party* tat-tfal tal-Milied u mbagħad meta kbirna konna mmorru naraw xi teatrin li kien isir minn grupp ta' dilettanti u drabi oħra għat-tombla. Imma dak kollox – qatt ma poġġejna fuq mejda mal-bar biex nieħdu belgħa te jew xi flixkun luminata. Illum bi pjaċir ngħid li dan kollu nbidel u tara familji sħaħ jiddiskutu u jitkellmu fuq kollox ġol-każin.

Dak iż-żmien, it-tindif tal-każin kien isir minn xi qraba tal-kumitat stess, għalhekk xi ħamsa u għoxrin sena ilu ddeċidejna li ngħaqqdu Kummissjon Nisa biex hekk inkunu nistgħu ngħinu f'xi attivitajiet li kienu bdew isiru ġewwa l-każin, inżommu l-każin nadif u ngħinu fil-ġbir ta' fondi. Ma konniex ċerti li dan kien se jintlaqa' daqshekk tajjeb mill-kumplament tal-membri, imma għamilna kuraġġ u komplejna bil-ħidma tagħna fi ħdan din is-soċjetà.

Pass akbar għalija kien li nidħol ngħin fil-Kumitat Direttiv. Ħsibt li kont se nħossni waħdi ma' grupp ta' rġiel, imma le, xħin inpoġġi fuq il-mejda magħhom, għandi x-xorti ngħid li nħossni magħhom u bħalhom. Suġġerimenti li jkun hemm bżonn ngħaddi minn ħin għall-ieħor huma suġġerimenti li jiġu mismugħa bħal ta' kulħadd. Ngħid grazzi lill-Kumitat Direttiv li aċċettani u rrispettani. Suġġeriment żgħir lil nisa sħabi hu li min hu interessat f'dan il-volontarjat, ma joqgħodx lura.

Nixtieq bħal kull sena oħra nawgura l-festa t-tajba lill-Melleħin kollha.

**SPECIAL OFFERS AVAILABLE IN STORE**



Opening hours:
Mon – Tues 07.00 – 18.00
Wed 07.00 – 13.00
Thurs - Fri 07.00 – 18.00
Sat 07.00 – 14.00
Sun Closed

**Ġo Ġo**
MINI MARKET
**Mario & Joanne Vella**
Snajjin Street
Mellieħa, Malta
Tel: 21521445
**Free Deliveries**



# Riflessjonijiet…

**Mro Anthony Borg**
*Surmast Direttur*



**Il-mawra fl-Italja**

Il-mawra kulturali li l-Banda Imperial għamlet ġewwa Acquaviva Delle Fonti fil-provinċja ta' Bari fl-Italja, kienet ċelebrazzjoni ta' mużika, edukazzjoni, storja, kultura u ambjent. Kienet esperjenza mill-isbaħ. Kienet tinħass għaqda u ħbiberija kbira fostna. Il-programm mużikali li l-Banda Imperial esegwiet ġewwa l-isptar Miulli kienet ġrajja li ma nista' ninsa qatt. Għal ftit ħin il-mużika taffiet it-tbatija u s-sofferenza tal-pazjenti u tal-familji tagħhom. Nisslet tbissima fuq fommhom anke f'mumenti daqshekk diffiċli. Għidt bejni u bejn ruħi, 'kemm nistgħu nagħmlu ġid permezz tal-mużika...'.

**Żjarat**

Matul it-tieni kwart tas-sena, kellna fostna lir-Rothwell Temperance Band, lit-Trinity Concert Band u l-Kor Cantamici. Kollha taw kunċerti mill-aqwa waqt iż-żjara tagħhom f'pajjiżna. Għalkemm huma ġejjin minn postijiet differenti tar-Renju Unit u bi strutturi differenti minn xulxin, innotajt li għandhom ħafna affarijiet komuni bejniethom fosthom: il-puntwalità, id-dixxiplina u s-serjetà li biha jieħdu l-affarijiet – tliet aspetti importanti li fihom ilkoll, aħna nistgħu ntejbu bil-kbir.

Kollha kemm huma baqgħu impressjonati bil-faċilitajiet mużikali li għandna fil-Każin tagħna u kellhom kliem ta' tifħir dwar dan. Tajjeb li wieħed isemmi li dawn f'pajjiżhom m'għandhomx il-lussu u l-kumdità li għandna aħna. Ikolli ngħid li tant drajna b'dawn il-kumditajiet, li qajla napprezzaw kemm aħna furtunati li għandna dawn il-faċilitajiet.

**Mwiet**

Il-mewt ta' persuni li nkun nafhom tnissel ġo fija dieqa kbira, anke jekk xi drabi tkun taf li ma tantx hemm tama ta' fejqan. Hemm uħud minnhom li tkun tiltaqa' magħhom ta' kuljum jew oħrajn li matul is-snin ikollok kuntatt magħhom mill-qrib. Għalkemm nagħmel mill-aħjar li nista' biex fejn hu possibbli nsellmilhom għall-aħħar darba waqt il-funeral tagħhom, mingħajr ma rrid xorta nibqa' nittama li niltaqa' magħhom il-Każin kif kont imdorri nagħmel. Fost il-membri tal-Każin li ħallewna din is-sena, tlieta minnhom ħdimt snin twal mill-qrib magħhom.

- Vivie Schembri - mara tal-familja, li baqgħet tagħti s-sehem tagħha fl-Għaqda tagħna sal-aħħar nifs ta' ħajjitha. Dejjem kont issibha tagħti daqqa t'id f'dak li jkun hemm bżonn. Ma nkun qed ngħid xejn ġdid jekk ngħid li l-Każin kien it-tieni dar tagħha.
- Ġużepp Sciberras – bandist li ta servizz twil lill-Għaqda Mużikali Imperial. Persuna ta' ftit kliem u eżemplari. Kelma żejda ma kienx jaf xi tfisser. Dejjem wera lealtà kbira lejn il-Każin, lejn il-Banda Imperial u lejn t-tmexxija tagħha.
- Ċensu Vella – bandist għal bosta snin, li ta servizz twil lill-Banda Imperial. Il-Każin u l-Banda kienu l-mimmi t'għajnejh. Kien jinkwieta ħafna meta jara l-affarijiet mhux sejrin kif suppost. Sal-aħħar nifs ta' ħajtu baqa' jsegwi l-Għaqda Mużikali li tant ħabb minkejja li saħħtu ma tantx kienet għadha tippermettilu.

Insellem lil membri kollha tal-Każin li ħallew din id-dinja għal ħajja aħjar matul din is-sena. Nirringrazzjawhom għal dak kollu li għamlu b'risq l-Għaqda tagħna tul is-snin, filwaqt li mill-ġdid inwassal il-kondoljanzi tiegħi lill-familjari tagħhom.

**Rikonoxximent il-Mellieħa**

Din is-sena l-Kunsill Lokali tal-Mellieħa għoġbu jonorani bl-onoreficènza 'Rikonoxximent il-Mellieħa'. Din kienet possibbli biss bl-għajnuna u bil-koperazzjoni li dejjem sibt tul is-snin mingħand ħafna nies. Għalhekk, nixtieq niddedika din l-onoreficènza lill-familja tiegħi tal-appoġġ ma jaqta' xejn li dejjem tagħtini u lil dawk kollha li matul is-snin ħdimna flimkien b'risq l-arti mużikali ġewwa l-Mellieħa.

Grazzi lil kulħadd.






The ARCHES
Restaurant & Wine Cellar

***Open Tuesday till Saturday from 19:00 hrs.***





*The Arches Restaurant & Wine Cellar*
*George Borg Olivier Street - Mellieha MLH 1021*
*Tel: 00356 2152 3460 - Mob: 00356 7999 5611*
*E-Mail: info@archesrestaurant.com.mt*
*URL: www.archesrestaurant.com.mt - F: thearchesrestaurant*




Tel: 22899678 Mob: 99290012
Email: catering@riviera.com.mt
Website: www.riviera.com.mt

# J. Vella

Għal
kull xogħol
ta' kisi, żebgħa
u tikħil fuq il-fil.

200, Triq Vincenzo Ciappara,
Il-Mellieħa - Malta
**Mob: 9949 5126**




# IR-RAZZETT FRUIT SHOP

**BEST QUALITY
FRUIT AND
VEGETABLES!!**

244, Main Street, Mellieħa
2152 1473 / 9944 6545

# SALA IMPERIAL

(mgħammra b'arja kundizzjonata)

Ideali għal riċevimenti tal-Magħmudijiet, tal-Praċett, tal-Griżma, tal-*Engagements* u għal kull attività soċjali oħra.

***Għal aktar informazzjoni avviċinaw lill-membri tal-Kumitat, jew ċemplu fuq in-numri tat-telefown:***

***21 523467 u 21 520536***



# Iż-Żgħażagħ u l-Volontarjat

Clayton Vella



Għaddiet sena oħra u erġajt qed nikteb kelmtejn għall-ktieb tal-festa li l-każin tal-Għaqda Mużikali Imperial joħroġ ta' kull sena għall-festa ta' Marija Bambina. Għal din is-sena l-messaġġ ħa jkun kemxejn differenti mis-snin preċedenti għax ħa nkun qed nitkellem fuq kif iż-żgħażagħ jistgħu jkunu parti importanti minn soċjetà u fuq il-ħtieġa tal-kontribut volontarju tagħhom.

F'kull soċjetà jew organizzazzjoni, sehem iż-żgħażagħ huwa ferm importanti, kemm għaliex ħafna xogħol illi jsir ikun jitlob enerġija u wieħed ma jistax jippretendi li minn xi membru anzjan ħa jieħu l-istess enerġija li jieħu mingħand żagħżugħ/żagħżugħa, kif ukoll għax għandek l-entużjażmu ta' dak iż-żagħżugħ/żagħżugħa biex jagħmlu affarijiet ġodda u jkollhom ideat aktar moderni. Dan ma jfissirx li wieħed irid jarmi dak li jkun sar minn ta' qabilna, anzi wieħed għandu jkompli jibni fuq dak li ħallewlna dawk li ħadmu qabilna.

Għandek ukoll l-element tal-volontarjat, għax kull xogħol li jsir huwa volontarju u bla qliegħ. Sfortunatament ngħid li l-element tal-volontarjat qed dejjem jonqos aktar ma jgħaddi ż-żmien, u dan qed jinħass ukoll fil-qasam taż-żgħażagħ. Dan għaliex, bil-ħajja mgħaġġla tal-lum il-ġurnata, ftit għadek issib għajnuna u naqsu ġmielhom dawk li veru jkunu jħobbu lis-soċjetà. Speċjalment fil-lokalità tagħna, tista' tgħid li kważi kulħadd ikollu s-'summer job' u allura ftit ikun jista' jagħti sehmu fil-jiem tas-sajf meta jkun bil-vaganzi mill-iskola. Min-naħa l-oħra mbagħad, fix-xitwa dejjem ikunu għaddejjin bl-istudju jew bl-eżamijiet u dejjem tkun diffiċli li ssib l-għajnuna li jkollok bżonn minn żmien għal żmien. Din hija realtà li qiegħda sseħħ quddiemna f'dawn iż-żminijiet għax, għalkemm ikun hemm dik il-ħeġġa biex isiru l-affarijiet u jittellgħu attivitajiet miż-żgħażagħ, l-intoppi ma jonqsux għax kulħadd ikun qed jara l-futur tal-karriera tiegħu/a u ħafna mix-xogħol jispiċċa jsir dejjem mill-istess nies.

Nagħlaq billi nenfasizza li l-element żagħżugħ huwa ferm importanti f'kull soċjetà għax jagħti spinta kbira fuq dak li jkun irid isir u ż-żgħażagħ għandhom il-potenzjal li jiġġeneraw ideat dejjem ġodda. Jekk l-element tal-volontarjat fost iż-żgħażagħ ma jingħatax spinta 'l quddiem, dan ser iġib miegħu diversi żvantaġġi fil-futur qrib. Għalhekk nappella liż-żgħażagħ li huma mpenjati fis-settur volontarju, b'mod speċjali lil sħabi tal-Kummissjoni Żgħażagħ fi ħdan l-Għaqda Mużikali Imperial, biex ikomplu għaddejjin bil-ħidma tagħhom u jieħdu pjaċir jagħmlu l-volontarjat li tant jagħti sodisfazzjon lil min jagħmlu.






General Contractors • Civil Engineering Work
• Building Components Manufacturers
• Sand – Spalls – Torba – Soil
• Ready Mix Concrete

CARMEL VELLA LIMITED

CENTRAL ASPHALT LIMITED

Labour Ave., Naxxar NXR 9027, Malta • Tel: 2141 2061, 2141 2469 • Fax: 2143 7067 • E-mail: info@centralasphaltltd.com

# A.F. SKIP HIRE

*Mellieha*

**Toni** (ta' Rasu)

**Mob: 9925 3837**
**9935 3837**




*Ġbir ta' ħadid mingħajr ħlas*




**FREE DELIVERY**

**bottles & bottles**

www.bottlesandbottles.com

" your wholesale beverage store "

**OPEN ALL DAY, 7 DAYS A WEEK**

**7, TRIQ L-ETNA, MELLIEHA**

Find us on Facebook

**Contact Us: 21521235**



# Imperial Ladies Choir - 2016

**Shirley Helleur**
*B.A., L.R.A.M., L.T.C.L., P.G.C.E.*
*Director of the Imperial Choir*



The Imperial Ladies Choir usually sings music in three parts; soprano, second soprano and alto. Each voice part tends to sing in a different vocal range and the ladies are very happy in their sections with their own singing buddies. Sometimes, however, I feel a bit sorry for the altos, although I never let them know this. Why should this be? Well, the first sopranos usually have the tune and the second sopranos tend to harmonize with them, again with quite a melodic line. The altos, however, often have to suffer bar after bar of the same note as they support the other two voices. Another alto, from a different country, must have thought something similar, as they penned the following verse.

### The Alto's Rebuttal (Anon)

**The poor lonely altos,**
**So mild and so meek,**
**Forlorn and abandoned,**
**Forbidden to speak.**

**We've begged and we've pleaded**
**For lines, with some flair.**
**We know we can do it**
**But they just don't care.**

**We want to sing melodies.**
**We so want to shine.**
**We're just the support group**
**And that is just fine.**

**For when we're in heaven,**
**All singing our parts,**
**The altos will be there**
**With hands on our hearts.**

**We'll polish those harps,**
**If that be our task.**
**We'll sing not a note,**
**Unless we are asked.**

Is this true for the alto section of the Imperial Choir? Our altos are definitely not meek, mild or quiet and, as all of the choir are very good friends, they are unlikely to be lonely. They are only quiet when they have their 'sweet' break during rehearsals. No other section does this but, for some reason, the altos are never without sweets. They may be for medicinal purposes but I have my doubts at times! I do try to give the altos the tune when I can, as their parts can sometimes be rather monotonous, but they are so valuable for their supportive bass lines, as are the seconds for their inner harmonies and the firsts for their soaring melodies.

It doesn't really matter what part the ladies sing because, in the end, every part is vital to the overall sound. There are always friendly jibes at rehearsals between the different voice groups but it is all done in good humour and that is what makes our choir such a happy and solid unit.

Thank you to all the ladies for their commitment this year. It has been another busy one with many interesting musical experiences and plans for next year are already in the pipeline. As we approach the busiest time of the year for the choir, I'd like to share the following verse with you. It was found in the vestry at Lichfield Cathedral and penned by one of their choristers but the sentiments are just as applicable to the ladies of our choir in Mellieħa.

### Choristers' Confession

**Almighty and most merciful Choirmaster,**
**We have erred and strayed from thy beat like lost sheep.**
**We have followed too much the intonation and tempi of our own hearts.**
**We have offended against thy dynamic markings.**

**We have left unsung the notes we should have sung**
**And we have sung notes we ought not to have sung.**
**And there is no breath in us.**
**But thou, O Choirmaster, have mercy on us, miserable singers,**
**Succour the chorally challenged,**
**Restore them that need extra note bashing,**
**Spare them without pencils,**
**Pardon our mistakes,**
**And have faith that we will follow thy directions**
**And sing together in perfect harmony. Amen.**

May the Imperial Ladies Choir continue to flourish for many years and may they always sing in perfect harmony. On behalf of all of the ladies may I wish you all a very happy festa.


# HORACE ENTERPRISES LTD.

*Trophies & Sports Goods* *Importer & Wholesaler*

**Horace Micallef**
Director

70, Triq Raymond Caruana, Gudja GDJ 1012 - Malta
Tel: (356) 2169 6302 • Mob: (356) 9942 0346 • Fax: (356) 2169 3397
Website: www.horace-ent.com • Email: horaceenltd@link.net.mt

# Marianna Stationery

**Pjazza tal-Parroċċa**
**Il-Mellieħa**
**Tel: 21 523468 / 21 522267**

Issibu: Gazzetti, *Cards*, *Stationery*, Rigali, Ganutell, *Pergamano*, Eċċ.

# SANTA MARIA Service Station

Prop. B. & O. Farrugia

**Car wash**
**Valeting**
**Internal Steam**
**Vulcanising & Wheel Balancing**
**Batteries & Car Accessories**
**Car Repairs & Servicing**






Sea View Cafe
Sea View Cafe
You can enjoy a drink and relax in our herbs' & smoking lounge downstairs
Tonio: 9928 7539



P&C Cauchi
DemolitionExcavation

9989 9839/7925 9208 .M
crs.cauchi@gmail.com .E

# Abela Norbert Joiners

High quality locally manufactured furniture according to client's requirements



59, Triq In-Naħal, Mellieħa
Tel: 21523853 Mob: 99476620

Find us on: facebook



# Impenn u Responsabiltà

**Philip Schembri**
*Għalliem*



Huwa ferm pożittiv li l-baned tagħna qed jimpenjaw ruħhom f'attivitajiet lil hinn mill-festa u jesegwixxu programmi mużikli matul is-sena. Din hija opportunità sabiex il-mużiċisti jitħarrġu aktar u fl-istess ħin il-poplu jkun jista' japprezza iktar il-mużika li tindaqq. Naturalment dawn l-impenji jinvolvu żieda fl-ispejjeż għal kull soċjetà u joħolqu sfida akbar fejn tidħol il-formazzjoni tal-Banda.

Qegħdin f'sitwazzjoni fejn l-ebda surmast jew delegat tal-banda ma jirnexxilu jlaqqa' banda kollha għall-aħħar ftit provi. Hawnhekk nirrimarka li huwa ftit pożittiv li fl-irħula għad hawn numru ta' baned fejn isir kunċert darba fil-ġimgħa bil-bandisti tal-post matul is-sena kollha biex imbagħad meta joqrob il-programm jingħaqdu magħhom il-bandisti barranin. Hawn ġieli jinqalgħu xi problemi minħabba li xi bandisti minn dawn tal-aħħar ma jkunux responsabbli fl-attendenza għal dawn il-provi, bir-riżultat li mbagħad tinħoloq ħafna tensjoni żejda waqt l-eżekuzzjoni tal-programm innifsu.

Kull bandist tal-affari tiegħu għandu jifhem li l-provi jservu biex wieħed jifli sew il-kontenut kollu tal-mużika li tkun ser tindaqq, filwaqt li jkunu ta' ftehim fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-istess mużika. Huwa ta' dispjaċir nirrimarka li f'ċertu każini tal-banda l-livell tant tbaxxa li meta wieħed jattendi għall-kunċert dan iktar ikun qisu qiegħed jattendi għal lezzjoni. Mela huwa importanti li l-kunċert isir għall-ftehim u mhux biex wieħed jistudja. Eżekuzzjoni tajba ta' programm mużikali tiddependi mill-ftehim reċiproku bejn is-surmast u l-mużiċisti u għallhekk huwa dover ta' kull mużiċist li jaċċetta kull servizz b'impenn u responsabiltà biex b'hekk is-sagrifiċċju ta' kulħadd jissarraf f'suċċess u sodisfazzjon.

Nagħti l-festa t-tajba lil kulħadd.

*Il-President u l-Kumitat tal-Għaqda Mużikali Imperial jixtiequ jawguraw il-Festa t-Tajba lil Kulħadd*

MELLIEĦA GARAGE

RENT-A-CAR

SELF DRIVE CARS AND CAB SERVICE
SELF CATERING APARTMENTS & VILLAS
151, Dr. Ġ. Borg Olivier Street, Mellieħa MLH 1020, Malta
Tel: 2157 3134 Tel/Fax: 2157 3587 Mobile: 9949 9362
E-mail: melliehagarage@onvol.net



# Djarju 2015 – 2016

**Mill-21 t'Awwissu sad-9 ta' Settembru 2015**

Programm t'attivitajiet organizzati mill-Għaqda Mużikali Imperial fl-okkażjoni tal-festa ta' Marija Bambina fil-Mellieħa.

**22 t'Awwissu 2015**

Il-President u s-Surmast Direttur ħadu sehem fil-programm 'Mill-Briju tal-Festi' fl-*istudios* ta' ONE Radio fil-Marsa.

**30 t'Awwissu 2015**

Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-festin tal-festa fil-Każin tal-Partit Laburista tal-Mellieħa.

**1 ta' Settembru 2015**

Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-programm vokali u strumentali tal-festa mtella' mill-Għaqda Korali u Orkestrali Marija Bambina.

**4 ta' Settembru 2015**

Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-programm mużikali mtella' fl-okkażjoni tal-festa mis-Soċjetà Filarmonika La Vittoria.

**5 ta' Settembru 2015**

Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-festin tal-festa organizzat mill-Għaqda Kaċċaturi, Nassaba u Konservazzjonisti Melleħin fil-Mellieħa Sports Club.

**6 ta' Settembru 2015**

Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-festin tal-festa organizzat mill-Mellieħa Sports Club.

**10 ta' Settembru 2015**

Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-festin tal-festa organizzat mill-Partit Nazzjonalista tal-Mellieħa.

**13 ta' Settembru 2015**

Fis-Sala tal-Każin saret laqgħa ta' informazzjoni għall-bandisti u ammiraturi li kienu se jakkumpanjaw il-Banda fil-mawra tagħha ġewwa Acquaviva delle Fonti, fl-Italja.

**Mis-16 sal-20 ta' Settembru 2015**

Mawra mill-Banda Imperial ġewwa Acquaviva delle Fonti, fl-Italja, fuq inizzjattiva tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa flimkien mal-Comune ta' Acquaviva Delle Fonti (BA). Jakkumpanjaw il-Banda Imperial kien hemm is-Sindku tal-Mellieħa, is-Sur John Buttigieg u s-Sinjura Buttigieg, u l-Ministru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol, l-Onorevoli Evarist Bartolo u s-Sinjura Bartolo.

**27 ta' Settembru 2015**

Programm Vokali u Strumentali mill-Banda u l-Kor tal-Għaqda Mużikali Imperial ġewwa Misraħ iż-Żjara tal-Papa, ġewwa l-Mellieħa fl-okkażjoni tal-Festa tal-Madonna tas-Santwarju.

**28 ta' Settembru 2015**

Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għal-laqgħa ġenerali tal-Kunsill tal-Għaqda Każini tal-Banda li saret fl-uffiċċju tal-istess Għaqda ġewwa l-Ħamrun.

**4 t'Ottubru 2015**

Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-festin tal-festa organizzat mill-Għaqda Dilettanti tan-Nar tal-Mellieħa fiċ-Ċentru Parrokjali.

**7 t'Ottubru 2015**

Sar *coffee morning* ġewwa s-sala ewlenija tal-Każin.

**3 ta' Novembru 2015**

Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għal-laqgħa organizzata mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa għall-għaqdiet tal-Mellieħa u l-Manikata.


WE STRIVE TO TEACH YOU TO DRIVE SAFELY & SECURELY FOR A LIFETIME
THE ONLY DRIVING SCHOOL YOU NEED TO CALL TO GET YOUR LICENCE
Member of:
Truck Driving Licence Package Ideal For Companies With Truck Fleets
Category 'C' & 'C+E' Licences
Professional Qualified Instructor
Instructor Service on Test Day
European Licence
DRIVE WELL
22 Years Experience
Male & Female Instructors • Manual & Automatic Cars • Individual Tuition
We Guarantee The Best Prices & Most Of All The Best Professional Service & Tuition
CALL 9949 8240
...and we'll take care of the rest!
DRIVEWELL MOTORING SCHOOL
Email: drivewell.ms@hotmail.com • www.drivewellmalta.com


BEST
Print
CO. LTD
OFFSET AND DIGITAL PRINTERS
create
design
print
Żurrieq Road,
Qrendi QRD 1814
T: 2168 0789 / 2164 9012
M: 9949 9084 / 9925 9084
E: bestprint@go.net.mt

PARADISE BAY
Resort Hotel
★★★★








Marfa Road, Cirkewwa, MLH 9068, Malta
**T.** (+356) 2152 1166 **F.** (+356) 2152 1153
**E.** events@paradise-bay.com

www.paradise-bay.com

Find us on: facebook®

**4 ta' Novembru 2015**

Sar *coffee morning* ġewwa l-bar tal-Każin.

**6 ta' Novembru 2015**

Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-ftuħ ta' wirja ta' pitturi ta' Lewis Zammit bl-isem ta' 'Allusions' ġewwa l-Każin tal-Banda La Vittoria.

**9 ta' Novembru 2015**

Il-Banda Imperial tellgħet programm waqt iż-żjara li kontinġent mir-Royal Marines Association (Malta Branch) għamel ġewwa l-Każin Imperial.

**14 ta' Novembru 2015**

Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-quddiesa fil-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta, fl-okkażjoni tal-festa ta' Santa Ċeċilja, organizzata mill-Għaqda Każini tal-Baned. Wara ħadu sehem fl-isfilata tal-Baned.

**21 ta' Novembru 2015**

Il-Kor Imperial ħa sehem waqt quddiesa għand is-Sorijiet tal-Klawsura fil-kunvent ta' Santa Katerina fil-Belt Valletta. Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għal din l-okkażjoni.

**22 ta' Novembru 2015**

Ġiet organizzata quddiesa fil-Knisja Parrokkjali għal ruħ il-mejtin kollha tas-Soċjetà Imperial. F'din il-quddiesa ħa sehem il-Kor Imperial. Wara sar korteo għaċ-ċimiterju fejn indaqqet fanfarra mill-membri tal-Banda Imperial, sar it-tberik tal-oqbra u tpoġġew fjuri fuq l-istess oqbra.



**2 ta' Diċembru 2015**

Sar *coffee morning* speċjali tal-Milied ġewwa s-sala ewlenija tal-Każin.

**8 ta' Diċembru 2015**

Il-Banda Imperial ħadet sehem fil-festa tal-Kunċizzjoni ċċelebrata f'Bormla.

**12 ta' Diċembru 2015**

Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-Kunċert Mużikali Annwali mtella' mill-Banda La Vittoria ġewwa d-db Seabank Resort & Spa, il-Mellieħa.

**13 ta' Diċembru 2015**

Saret l-inawgurazzjoni uffiċjali tal-proġett li sar mill-Għaqda Mużikali Imperial minn fondi tal-'Majjistral Action Group Foundation' bħala parti mill-iskema 'Support for Capital Expenditures for the Arts and Cultural Societies'. Din l-inawgurazzjoni saret mill-Onorevoli Dr Ian Borg, Segretarju Parlamentari għall-Presidenza UE 2017 u għall-Fondi Ewropej. Il-Banda Imperial tellgħet programm mużikali għal din l-okkażjoni fis-Sala tal-Mużika ġewwa l-Każin.

**13 ta' Diċembru 2015**

Ftuħ uffiċjali tal-Wirja ta' Presepji imtellgħa mis-Sezzjoni Żgħażagħ tal-Għaqda Mużikali Imperial mill-Onorevoli Dr Ian Borg. Il-wirja damet miftuħa sal-1 ta' Jannar 2016.



**20 ta' Diċembru 2015**

Il-Banda Imperial esegwiet programm ta' Għanjiet tal-Milied ġewwa r-Riviera Hotel, il-Marfa.

**21 ta' Diċembru 2015**

Il-Kor Imperial esegwixxa programm ta' Għanjiet tal-Milied ġewwa l-Panorama Hotel, il-Mellieħa.

**22 ta' Diċembru 2015**

Il-Kor Imperial esegwixxa programm ta' Għanjiet tal-Milied ġewwa Villa Rosa Hotel, f'San Ġiljan.

**23 ta' Diċembru 2015**
Il-Kor Imperial esegwixxa programm ta' Għanjiet tal-Milied ġewwa l-Paradise Bay Hotel, iċ-Ċirkewwa.

**24 ta' Diċembru 2015**
Il-Banda Imperial esegwiet programm ta' Għanjiet tal-Milied quddiem il-każin tal-istess Għaqda.

**29 ta' Diċembru 2015**
Delegazzjoni mill-Kumitat akkumpanjat fil-pellegrinaġġ qasir mill-Knisja Parrokkjali sas-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa fejn sar il-ftuħ tal-Bieb tal-Ħniena fl-okkażjoni tal-Ġublew tas-Sena tal-Ħniena.

**30 ta' Diċembru 2015**
Il-Banda Imperial esegwiet programm ta' Għanjiet tal-Milied fid-Dar tal-Anzjani, fil-Mellieħa.

**4 ta' Jannar 2016**
Il-Kor Imperial esegwixxa programm ta' Għanjiet tal-Milied fid-Dar tal-Anzjani, fil-Mellieħa.

**6 ta' Jannar 2016**
Sar *coffee morning* ġewwa s-sala ewlenija tal-każin.

**3 ta' Frar 2016**
Sar *coffee morning* ġewwa s-sala ewlenija tal-każin.

**7 ta' Frar 2016**
Il-Banda Imperial esegwiet programm mużikali fis-sala tal-Iskola tal-Imġarr, fl-okkażjoni ta' 'Jum l-Imġarr' organizzat mill-Kunsill Lokali tal-Imġarr, Malta. Jakkumpanjaw lill-Banda kien hemm il-Kor Regina Coeli tal-Imġarr.

**12 ta' Frar 2016**
Saret l-ikla annwali għall-bandisti u membri tal-Kor Imperial flimkien mal-familjari tagħhom fil-Każin.

**13 ta' Frar 2016**
Sar il-funeral ta' Andrew Ciappara, membru tal-każin. Indaqqet fanfarra u membri tal-kumitat akkumpanjaw waqt il-funeral.

**21 ta' Frar 2016**
Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għal inawgurazzjoni uffiċjali ġewwa l-Każin tal-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina.

**26 ta' Frar 2016**
Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-ftuħ ta' wirja mill-Association of Model Engineers organizzata mis-Società Filarmonica La Vittoria flimkien mal-Fondazzjoni Puttinu Cares.

**29 ta' Frar 2016**
Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għal-laqgħa tal-Kunsill tal-Għaqda Każini tal-Baned fl-uffiċċju tal-Għaqda fil-Ħamrun.

**2 ta' Marzu 2016**
Sar *coffee morning* ġewwa s-sala ewlenija tal-każin.

**3 ta' Marzu 2016**
Ġewwa l-Każin Imperial saret il-final tal-kompetizzjoni tal-i*snooker* organizzata mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa.

**7 ta' Marzu 2016**
Sar il-funeral ta' Vivie Schembri, membru tal-Kumitat Nisa tal-Għaqda Mużikali Imperial. Waqt il-funeral indaqqet fanfarra u membri tal-kumitat akkumpanjaw il-korteo funebri. Il-quddiesa *praesente cadavere* kienet animata mill-Kor Imperial.

**8 ta' Marzu 2016**
Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-funeral ta' Anthony Caruana missier Dun Joe Caruana, l-Arċipriet tal-Parroċċa tal-Mellieħa.

**9 ta' Marzu 2016**
Fl-okkażjoni tal-Festi tal-Ġimgħa Mqaddsa, bil-kollaborazzjoni tal-Knisja Parrokkjali tal-Mellieħa, ġewwa l-każin ġie organizzat qrar minn Patri Dijonisju Mintoff.

**11 ta' Marzu 2016**
Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għal inawgurazzjoni uffiċjali ġewwa l-Każin tal-Banda La Vittoria.

**15 ta' Marzu 2016**
Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-inawgurazzjoni tal-Mejda tal-Appostli mill-Grupp Mejda tal-Appostli fis-Sala taċ-Ċentru Parrokkjali tal-Mellieħa.

**16 ta' Marzu 2016**
Fuq stedina mill-President u l-Kumitat tas-Società Filarmonica La Vittoria, delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-inawgurazzjoni tal-Mejda tal-Appostli fl-istess Każin.

**20 ta' Marzu 2016**
Kunċert annwali mill-Banda u l-Kor Imperial fis-Sala tal-Kulleġġ Marija Reġina tal-Mellieħa fl-okkażjoni tal-Ġimgħa Mqaddsa.

**31 ta' Marzu 2016**
Il-Kor Imperial esegwixxa s-silta 'Ġensna' flimkien mal-Banda tal-Pulizija waqt programm mużikali mtella' fir-Rabat, Għawdex.

**2 t'April 2016**
Sar it-tberik annwali tas-soċjetajiet Melleħin fil-Każin tal-Għaqda Mużikali Imperial mill-Arċipriet tal-Parroċċa tal-Mellieħa, Dun Joe Caruana.

**6 t'April 2016**
Sar *coffee morning* ġewwa s-sala ewlenija tal-każin.

**8 t'April 2016**
Żjara mir-Rothwell Temperance Band tar-Renju Unit ġewwa l-Każin Imperial. Huma tellgħu programm mużikali fil-Pjazza tal-Parroċċa quddiem il-Każin.

**23 t'April 2016**
Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għas-serata mużiko-letterarja bl-isem ta' "Minn Santwarju Matriċi għal Parroċċa Arċipretali" imtellgħa mill-Parroċċa Arċipretali tal-Mellieħa flimkien mal-Għaqda Korali u Orkestrali Marija Bambina ġewwa l-Knisja Parrokkjali tal-Mellieħa.

**29 t'April 2016**
Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-ftuħ ta' wirja tal-fotografija bl-isem ta' L'IDENTITÀ ta' Enzo Giummarra ġewwa l-Każin tal-Banda La Vittoria.

**30 t'April 2016**
Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-Quddiesa ta' Ringrazzjament lil Alla fl-okkażjoni tal-40 sena anniversarju minn meta Christopher Bartolo beda l-ħidma tiegħu bħala Sagristan tal-Knisja Parrokkjali tal-Mellieħa.

**4 ta' Mejju 2016**
Sar *coffee morning* speċjali fl-okkażjoni ta' Jum l-Omm ġewwa s-sala ewlenija tal-każin.

**14 ta' Mejju 2016**
Sar il-funeral ta' Joseph Sciberras, ex-bandist tal-Banda Imperial. Il-Banda Imperial daqqet waqt il-korteo funebri u membri tal-kumitat akkumpanjaw waqt il-funeral.

**14 ta' Mejju 2016**
Saret is-Seduta Ġenerali tal-Kumitat Direttiv fejn ġie elett Kumitat Direttiv ġdid għas-snin 2016-2017.

**29 ta' Mejju 2016**
Daqq ta' fanfarra fil-Purċissjoni ta' Corpus Christi. Membri tal-Kumitat akkumpanjaw waqt il-purċissjoni.

**29 ta' Mejju 2016**
It-Trinity Concert Band mir-Renju Unit u l-Banda Imperial tellgħu programm mużikali fil-Pjazza tal-Parroċċa quddiem il-Każin. Iż-żewġ baned esegwew ukoll xi siltiet flimkien bħala *massed band*.

**1 ta' Ġunju 2016**
Sar *coffee morning* ġewwa s-sala ewlenija tal-każin.

**2 ta' Ġunju 2016**
Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-ftuħ uffiċjali tal-Mellieħa International Music Festival 2016 organizzat mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li sar ġewwa l-Knisja Parrokkjali tal-Manikata.

**4 ta' Ġunju 2016**
Il-Banda u l-Kor Imperial flimkien mal-Kor Cantamici minn Leicester, ir-Renju Unit, u membri tal-Kor tas-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna tal-Mellieħa, tellgħu kunċert vokali u strumentali fil-Pjazza tal-Parroċċa, il-Mellieħa, waqt il-Mellieħa International Music Festival 2016 organizzat mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa.

**3 ta' Ġunju 2016**
Daqq ta' fanfarra fil-Purċissjoni tal-Qalb ta' Ġesù. Membri tal-Kumitat akkumpanjaw waqt il-purċissjoni.

**15 ta' Ġunju 2016**
Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għal laqgħa organizzata mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa għall-għaqdiet u l-artisti tal-Mellieħa u l-Manikata.

**23 ta' Ġunju 2016**
Il-Banda u l-Kor Imperial tellgħu programm vokali u strumentali fil-Pjazza tal-Parroċċa, il-Mellieħa, bħala parti mill-attivitajiet waqt il-Festa ta' San Ġwann tal-Ħġejjeġ organizzata mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa.

**26 ta' Ġunju 2016**
Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-kxif

tal-pittura tal-Madonna tal-Mellieħa li tinsab fis-Santwarju Nazzjonali wara li din ġiet restawrata.

**28 ta' Ġunju 2016**
Sar il-funeral ta' Spiridione Cauchi, membru tal-każin. Indaqqet fanfarra u membri tal-kumitat akkumpanjaw waqt il-funeral.

**1 ta' Lulju 2016**
Sar il-funeral ta' Vincent Vella, ex-bandist tal-Banda Imperial. Il-Banda Imperial daqqet waqt il-korteo funebri u membri tal-kumitat akkumpanjaw waqt il-funeral.

**5 ta' Lulju 2016**
Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għal-laqgħa ta' konsultazzjoni organizzata mill-Malta Council for the Voluntary Sector dwar l-emendi fil-liġi tal-Għaqdiet Volontarji.

**6 ta' Lulju 2016**
Sar *coffee morning* ġewwa s-sala ewlenija tal-każin.

**10 ta' Lulju 2016**
Il-Banda Imperial ħadet sehem waqt il-festa tal-Madonna tal-Karmnu ċċelebrata fil-Fgura.

**12 ta' Lulju 2016**
Il-Banda Imperial ħadet sehem waqt il-festa ta' San Sebastjan iċċelebrata f'Ħal Qormi.

**25 ta' Lulju 2016**
Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għal laqgħa pubblika organizzata mill-Grupp Azzjoni Lokali Majjistral.

**28 ta' Lulju 2016**
Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għal Jum il-Kunsill tal-Mellieħa 2016 organizzat mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa.

**30 ta' Lulju 2016**
Kunċert mill-Kor Imperial fis-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa fl-okkażjoni tal-Iljieli Melleħin organizzati mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa.

**3 t'Awwissu 2016**
Sar *coffee morning* ġewwa s-sala ewlenija tal-każin.

**7 t'Awwissu 2016**
Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-Quddiesa ta' Radd il-Ħajr lil Alla għad-don tas-Saċerdozju ta' Dun Claude Mifsud fil-Knisja Arċipretali tal-Mosta.

**14 t'Awwissu 2016**
Il-Banda Imperial ħadet sehem waqt il-festa ta' Santa Marija ċċelebrata fil-Mosta.

**21 t'Awwissu 2016**
ll-Banda Imperial ħadet sehem waqt il-festa ta' Santa Marija ċċelebrata fl-Imġarr, Malta.

**28 t'Awwissu 2016**
Il-Banda Imperial ħadet sehem waqt il-festa ta' San Ġużepp iċċelebrata fil-Manikata.

VS WHOLESALE

103, Ta' Masrija, Mellieħa

Mobile: 79603243



# Nifirħu lil…

- Arċipriet Dun Joe Caruana li ngħata l-Onoreficenza ta' Apprezzament il-Mellieħa.
- Mro Anthony Borg, is-Sur Wayne Borg St John u s-Sur Joseph Cutajar li ngħataw l-Onorefiċenza ta' Rikonoxximent il-Mellieħa.
- Prof. Stephen Calleya li ngħata l-Onorefiċenza ta' Ġieħ il-Mellieħa.
- Alex Borg u Brian Cini li rebħu l-Kampjonati Ewropej tas-Snooker tat-timijiet f'Ġunju 2016 fil-Litwanja.
- William Chetcuti li rebaħ il-medalja tad-deheb fil-kompetizzjoni tad-*double trap* tal-ISSF World Cup li saret fl-Ażerbajġan.
- Darren Vella rebbieħ tal-Grand Prix tal-Iskeet li saret ġewwa Malta f'Mejju.
- Dun Claude Mifsud li kien ordnat saċerdot nhar id-29 ta' Ġunju 2016 mill-Arċisqof Charles J. Scicluna fil-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta.
- Christine Chetcuti li fuq inizzjattiva tal-Artclub 2000 tal-Mellieħa marret ma' grupp ta' artisti Maltin fir-raħal ta' Zamosc fil-Polonja. Christine għamlet *affresco* ma' faċċata ta' skola tal-*kindergarten* u ġiet imfaħħra mis-Sur Vico Calabrò bħala l-iżgħar artista tal-*affresco* fl-Ewropa.
- Il-kokijiet Melleħin Thomas Stellini, Mitchell Xuereb, Daniel Vella McIntyre u s-*service waiter* Jan Magro li ħadu sehem b'suċċess f'diversi kompetizzjonijiet matul 'Malta Kulinarja 2016' fejn rebħu diversi *awards*.
- John Vic Borg, artist Mellieħi, li pittura tiegħu intużat bħala t-tema tal-*bookmarks* li ngħataw b'xejn għall-Jum id-Donaturi tad-Demm miċ-Ċentru tal-Għoti tad-Demm.
- Marion Pullicino flimkien mat-tim tagħha Agones SFC li ħadet sehem fit-*tour* ta' Rodi, il-Greċja, u li kienet tagħmel parti mill-UCI Amateur World Cycling Tour Qualifier. Hija rebħet it-tliet tlielaq u kkwalifikat ukoll sabiex tieħu sehem fil-UCI Amateur World Cycling Tour ġewwa l-Awstralja.
- Sabrina Grima li għamlet unur lil Malta meta rrappreżentat lil Malta fil-kampjonat Ewropew Miami Pro li sar f'Londra. Hija kklassifikat fl-ewwel post fil-kategorija Miss Bikini u t-tieni post fil-kategorija Fitness.
- Stephen Grima li kien mistieden mill-filantropu Stanislaw Radominski u mid-direttur artistiku Maestro Vico Calabrò sabiex jirrappreżenta lil Malta fil-Labirity Fresku, laqgħa internazzjonali tat-tip Presco li saret ġewwa Mariampol, Lods fil-Polonja.
- Gilbert Bartolo li għal sena oħra reġa' ppartecipa fl-għawma Malta-Gozo-Malta u kklassifika fit-tielet post.
- Jeremy Bartolo li kkompeta f'kompetizzjoni bil-qaws fil-Hampshire Archery Association National County Championships ġewwa l-Ingilterra.
- Gradwati kollha li ggradwaw fl-istudji rispettivi tagħhom. Nawgurawlhom is-suċċess kollu li ħadmu għalih matul dawn is-snin ta' studju.



# Nifirħu lil Mro Anthony Borg

Nhar il-Ħamis 28 ta' Lulju 2016, il-Kunsill Lokali tal-Mellieħa għoġbu jagħti l-onorifiċenza ta' *Rikonoxximent il-Mellieħa* lil Mro Anthony Borg, Surmast Direttur tal-Għaqda Mużikali Imperial, waqt *Jum il-Kunsill tal-Mellieħa 2016*. Dan sar wara li l-Kumitat Direttiv, f'isem l-Għaqda Mużikali Imperial, iddeċieda li jerġa' jissottometti n-nominazzjoni ta' Mro Borg lill-Kunsill Lokali għall-konsiderazzjoni tiegħu u l-Kunsill qabel b'mod unanimu ma' din il-proposta.

Mro Anthony Borg ilu għal dawn l-aħħar dsatax-il sena surmast Mellieħi ta' banda Melleħija, il-Banda Imperial. Huwa ġie maħtur bħala Assistent Surmast Direttur tal-istess banda fl-1988 u f'Settembru ta' sena wara dderieġa għall-ewwel darba l-banda fil-pubbliku waqt il-programm annwali li l-Għaqda Mużikali Imperial ittella' fi żmien il-festa. Minn dak iż-żmien, Mro Borg qatt ma ħares lura. Baqa' attiv għal dawn is-snin kollha fit-tagħlim tal-mużika lill-alljievi tal-Għaqda Mużikali Imperial u rawwem f'ħafna tfal, żgħażagħ, adoloxxenti u adulti l-imħabba għall-mużika u għat-tagħlim serju tagħha. Mro Borg ġie fdat bid-direzzjoni mużikali tal-Banda Imperial fl-1997 u taħt il-bakketta tiegħu l-Banda Imperial kompliet tissaħħaħ u għaddiet minn żviluppi kbar. Kien prinċipalment b'inizjattiva tiegħu illi fl-1998 ġie mwaqqaf il-Kor Imperial biex jieħu sehem waqt attivitajiet organizzati mill-Għaqda Mużikali Imperial.

Huwa kien strumentali biex il-Banda u l-Kor Imperial tellgħu diversi programmi ta' livell għoli, kemm fuq bażi nazzjonali kif ukoll internazzjonali. Ewlenin fosthom huma ż-żewġ żjajjar ġewwa l-Ġermanja fl-1999 u fl-2004, iż-żewġ mawriet kulturali ġewwa l-Italja fl-2007 u fl-2015, u l-programm mużikali fil-bitħa tal-Palazz Presidenzjali ġewwa l-Belt Valletta fl-okkażjoni tal-erbgħin sena ta' Malta Repubblika.

Id-dedikazzjoni, l-impenn sħiħ, is-serjetà u l-professjonalità li dejjem wera Mro Borg huma ta' eżempju tajjeb għal kull min huwa involut fil-qasam mużikali.

Mro Borg twieled l-Imġarr Malta fis-sena 1967, bin Joseph Borg u Cecilia née Camilleri. Hu beda jistudja l-mużika ta' età żgħira u fl-1979 ingħaqad bħala mużiċista mal-Banda Imperial. Fl-1980 ingħaqad bħala mużiċista mal-Għaqda Korali u Orkestrali Marija Bambina u bejn l-1989 u l-1994 kien is-Surmast Direttur tal-istess Għaqda. Waqt iż-żjara li għamel il-Qdusija Tiegħu l-Papa Ġwanni Pawlu II fis-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna tal-Mellieħa fl-1990, Mro Borg mexxa l-Orkestra Marija Bambina u l-Kor iffurmat mill-korijiet kollha tal-Parroċċa tal-Mellieħa. Fl-1997 inħatar Surmast Direttur tal-Banda Imperial u tal-Banda Prekursur tax-Xewkija, Għawdex. Huwa miżżewweġ lil Ruth neè Sammut u għandhom żewġt itfal, Maria u Samuel.

Huwa ta' unur li l-Mellieħa għandha personaġġ li qed jippromwovi bis-sħiħ il-kultura mużikali. Prosit Surmast!




B.Grima & Sons Ltd.
Building . Turnkey . Road Marking . Traffic Signs Contractors
SLOW
50
MAJOR ROAD WORKS
DIVERSION AHEAD REDUCE SPEED NOW
DEVJAZZJONI GĦAT-TRAFFIKU NAQQAS IL-VELOĊITÀ
STOP
CAUTION
B.Grima & Sons Ltd.
At Work
"We do road markings & road signage properly"
Importers & Suppliers of :
Traffic Signs, Road Marking Paint - Plastic Barriers - Crash Barriers - Road Safety Equipment
Solar Powered Signs - Illuminated Bollards - Plastic Barriers - Car Park Markings - Playing Ground Markings
B. Grima & Sons, Jean De La Cassiere Street,
St. Paul's Bay - SPB 3138 - Malta - Europe Tel: +356 21582659
Mob: +356 79477682/3/4/5 Fax: +356 21579597 - www.bgs.com.mt - E-mail: info@bgs.com.mt



# Niftakru f'ħutna li ħallewna

**Andrew Ciappara**
12 ta' Frar 2016

**Vivie Schembri**
6 ta' Marzu 2016

**Joseph Sciberras**
13 ta' Mejju 2016

**Spiridione Cauchi**
26 ta' Ġunju 2016

**Vincent Vella**
29 ta' Ġunju 2016




Joe's Barber Shop
Gents Hairstlist

6, Triq In-Ninfa Calypso
Mellieħa. Malta
MLH 1916

Tel: 79701593 / 21521136

Opening Hours
Mon-Wed-Fri: 5.00pm to 7.00pm
Sat: 9.00am to 12.30pm

ta' titta
confectionery

152, Triq il-Mitħna l-Ġdida
Mellieħa

Mob: 98127903



EUROMED
LIMITED
264, Main Street, Mellieħa MLH 2317

Atlas
Group

Tied Insurance Intermediary for Atlas Insurance PCC Limited and Atlas Healthcare Insurance Agency Limited

Insurance for Motor - Home - Travel - Boat - Health - Businesses

Free Road Assistance for all Private Comprehensive Vehicles and reduced membership fees for all other motor policies.

Contact Euromed today on:
2152 1025/6 to benefit from special discounts.

Euromed Limited in enrolled under the Insurance Intermediaries Act 2006 by enrolment number C 11199, to act as a Tied Insurance Intermediary for Atlas Insurance PCC Limited and Atlas Healthcare Insurance Agency Limited, which are authorized under the Act and regulated by the Malta Financial Services Authority. Atlas Healthcare Insurance Agency Limited act as agents for AXA PPP Healthcare Limited. The policies are underwritten by the companies concerned.

DAINTY
CLOTHING & FOOTWEAR

Tel 21523538

We accept
one 4 all
gift vouchers

TIMEZONE

SCOTCH & SODA

Glamorous
UNISEX HAIR BY JANET
+356 2152 2872
+356 7972 7795
Glamorous Hair by Janet
116 Triq in-Naħal, Mellieħa, Malta
AFFINAGE

MAYPOLE
since 1900
*Nothing says homemade like Maypole*
Main Street, MELLIEĦA
tel: 22 581 5471 | mob: 79 595 195 | www.maypole.com.mt



# Messaġġ tal-Għaqda Każini tal-Banda 2016

**Avv. Noel Camilleri**
*President GHKB*



Meta jkun qed joqrob iż-żmien li matulu dik il-belt jew raħal ikun ser jiċċelebraw il-festa dedikata lil qaddis partikolari, dik il-komunità tibda bil-preparamenti tagħha biex tiċċelebra b'mod xieraq il-festa li fiha żewġ aspetti importanti u konnessi. Dawn jikkonsistu f'dawk reliġjużi marbutin b'mod intrinsiku ma' dawk tradizzjonali u popolari. Kulħadd ikollu stennija biex jara x'ser ikun organizzat minn dik is-soċjetà mużikali li ħafna drabi jkunu huma li jixprunaw u jorganizzaw il-festi partikolarment dawk esterni anke jekk hemm uħud li huma involuti, u hekk għandu jkun, f'dawk interni wkoll għaliex il-festa mingħajr xi wieħed minn dawn l-aspetti tagħha tkun qed titlef parti minn dak li verament tagħmel festa Maltija.

L-aspettattiva ta' dik il-komunità huwa wieħed mistenni, imma bħala soċjetajiet mużikali għandna responsabilità kbira biex dawk l-aspettattivi ma jkunux għoljin iżżejjed li minflok ġid jagħmlu ħsara mhux biss għas-soċjetà mużikali imma anke lill-komunità bħala tali.

Din l-istennija tal-komunità turi li s-soċjetajiet mużikali huma punt ta' referenza u għalhekk huwa fl-obbligu tagħna li dawn il-festi niċċelebrawhom kif jixraq, bil-mezzi tagħna, mingħajr eċċessi u bi spirtu verament nisrani. Għandna d-dmir li naraw li ċ-ċelebrazzjonijiet tal-festi jżommu t-tradizzjonijiet tagħhom u elementi li ma humiex direttament relatati ma għandhomx ikollhom post fil-festi tagħna għaliex il-ġid li s-soċjetajiet mużikali jagħmlu b'mod volontarju jista jisfaxxa fix-xejn.

Tajjeb li bħala għaqdiet mużikali niftakru u nfakkru fl-ammont ta' volontarjat bħal pereżempju t-tagħlim tal-mużika li ssir kollu kemm hu b'xejn iżda li xorta waħda huwa ta' livell għoli u dan jixhduh ir-riżultati li jġibu l-istudenti ma' istituzzjonijiet barranin. Dan kollu jsir ġewwa l-bini tal-għaqdiet mużikali Maltin u Għawdxin li iżda mhux dejjem huwa apprezzat u rikonoxxut kif jistħoqqlu.

Is-soċjetà partikolarment fuq bażi lokali imma anke fuq bażi nazzjonali tagħraf kemm is-soċjetajiet mużikali jagħmlu xogħol għall-festi Maltin u Għawdxin. Dan huwa stat ta' fatt għaliex kieku ma jkunx hemm din l-aspettattiva kollha mill-poplu kollu. Imma bħala soċjetajiet mużikali għandna d-dover u l-obbligu li nindukraw dawn il-festi b'mod li nibqgħu norganizzawhom b'mod dixxiplinat, b'serjetà u mingħajr ma nħallu elementi estranji għall-ħidma tal-baned tagħna, jieħdu dak li l-każini tradizzjonali ħadmu għalih, f'dawn l-aħħar mija u tmenin sena u għadhom jaħdmu għalih qatigħ, b'mod volontarju u b'sens ta' lealtà lejn il-komunità fejn huwa stabbilit.

Għalhekk f'isem l-Għaqda Każini tal-Banda filwaqt nawgura l-festa t-tajba, inħeġġeġ li nkomplu naħdmu u niċċelebraw il-festa tagħna b'unità, bl-element reliġjuż fiċ-ċentru tagħha u nagħrfu li l-festa għandha tkun okkażjoni li matulha nkomplu nuru li s-soċjetajiet mużikali jagħrfu r-responsabiltà li għandhom billi jiċċelebraw il-festa b'maturità, b'moderazzjoni u mingħajr eċċessi u li nkomplu nsaħħu l-element kulturali u tradizzjonali li huma parti essenzjali mill-festi Maltin u Għawdxin.


John Bray & Son
Funeral Directors Est.1981
Moderate Prices
24 hour Service
Helping you in life's most difficult moments
Garage / Office
Funeral Service
Lampuki Street,
St Paul's Bay
SPB3061
Residence
117, Our Lady of Fatima,
Parades Street,
St Paul's Bay
SPB3431
Contact
Tel: 21585716, 21573588
21571260
Mob: 99493479, 79493479
99477153
Fax: 21573588
Email: info@johnbrayandson.com
jbray@onvol.net
Funeral Services:
Triq Salvinu Vella, Mellieħa
Tel: 21522400



Les Jardins restaurant

Open Daily for
Buffet Breakfast & Dinner

Sunday Buffet Lunch
available from October

T: 00356 2289 2000
E: events@maritim.com.mt

Open Everyday for
Lunch & Dinner

AL PONTE

PIZZERIA • RESTAURANT

T: 00356 2289 2745
F: alponterestaurant
E: info@alponterestaurant.com
URL: www.alponterestaurant.com






120 BAR

Open Daily

Showing
Major Sporting Events
Live

T: 00356 2289 2000
F: 120bar
E: events@maritim.com.mt

MARITIM
Antonine Hotel & Spa
Malta

George Borg Olivier Street, Mellieha MLH 1021
T: 00356 2289 2000 - F: maritim.malta - E: info@maritim.com.mt
URL: www.maritim.com.mt



# Another year another challenge

Pippa Roberts

Steven Fenech who is well known in Mellieħa for so many things, is once again facing another challenge with his dancing. Unfortunately his partner decided to stop due to personal reasons, so as he had been invited to Slovakia to compete, Steve decided to try solo wheelchair dancing and won. This section of wheelchair dancing has given the opportunity to dancers who have no partner to still practice and compete until they find a new partner. Steve represents all that is good in competing, in other words he does it because he loves it and obviously he wants to win, but if he doesn't he takes it like a professional saying it is the taking part that is important and making friends with the many people he meets around the world.






He followed this up taking part in the German Open where 19 countries participated and was placed sixth; a very good result in one of the top competitions of the world.

Steve has no intention of stopping dancing and has invested in a new wheelchair and is currently looking for a new partner, although the single men's competition is challenging him to be an even better dancer.

He is currently helping to organize the International Malta Open Dance Spectacular 2016 which is being held on 26th and 27th November 2016 at the University Sports Hall and is one of the biggest competitions in the world. It is open to all dancers both able bodied and on wheelchair, and if you want to see some fantastic dancing and have fun you shouldn't miss it. Meanwhile Steve continues to be round about in Mellieħa, performing with the Imperial Band Club and helping people wherever he can.

If anyone would like to help or sponsor Steve or the International Malta Open Dance Spectacular please visit the MWDA website: www.maltawda.com to see what it is about or contact Steve on 99020324.

Alternatively you can email on:
maltawda@yahoo.co.uk.



# L-Għaqdiet Mużikali – il-qalb tal-kultura fil-Mellieħa

Clayton Bartolo

Is-sena kalendarja Melleħija llum il-ġurnata hi mimlija b'diversi inizjattivi kulturali li żgur jagħtu l-ħajja lir-raħal tagħna u jpoġġuh fuq il-mappa kulturali nazzjonali. Inizjattivi li iktar ma jgħaddi ż-żmien iktar qegħdin iżidu fil-popolarità tagħhom. Ovvjament magħhom tkompli tiżdied il-popolarità tar-raħal tagħna, u kull Mellieħi għandu jkun kburi bir-riżultati pożittivi li qed jirnexxielna niksbu bħala lokalità.

Ċentrali f'dan kollu hemm il-mużika. Anzi biex inkun eżatt huma l-għaqdiet mużikali lokali li grazzi għall-impenn u s-sostenn tad-diversi voluntiera fi ħdanhom issibhom fuq quddiem nett jagħtu s-sehem tagħhom. Huwa grazzi għal dawn l-għaqdiet li l-inizjattivi kulturali Melleħin ikomplu jikbru u jissaħħu, tant li minn sena għall-oħra jkomplu jżidu fl-attendenza.

Bil-mod ta' kif avvanzaw l-għaqdiet mużikali lokali, li bla ebda dubju żiedu l-versatilità tagħhom, wieħed żgur li jsib lok biex jinkludihom fi kwalunkwe attività kulturali. Bla ebda dubju, waħda minn dawn l-għaqdiet hija l-Għaqda Mużikali Imperial li, taħt id-direzzjoni ta' Mro Anthony Borg, flimkien mal-Kumitat tal-istess Għaqda, matul dawn l-aħħar snin żviluppat il-kapaċitajiet tagħha kemm fuq livell ta' banda u anke fuq livell ta' kor.

U hekk kif qed insemmi lil Mro Anthony Borg, inħoss li nkun qed nonqos jekk ma nifraħlux għall-unur ta' Rikonoxximent il-Mellieħa li ngħata lilu mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa waqt is-serata ta' Jum il-Kunsill 2016. Dan ir-rikonoxximent huwa frott il-ħidma sfiqa tas-surmast fejn, apparti l-avvanzi li għamlet il-Banda fil-qasam mużikali, wieħed ta' min isemmi wkoll l-ammont kbir ta' tfal li tgħallmu l-mużika u li llum il-ġurnata jistgħu japprezzaw ferm iktar l-importanza tal-qasam kulturali f'ħajjitna. L-apprezzament kulturali minn età żgħira huwa importanti għal-lokalità tagħna għaliex b'hekk biss kapaċi nassiguraw ġenerazzjoni futura li tkun kulturalment edukata biżżejjed sabiex tkompli sseddaq u trawwem il-valuri kulturali fil-qalba tal-komunità tagħna.

Filwaqt li nirringrazzja lill-President u l-Kumitat, is-surmast u l-bandisti u l-membri tal-Kor tal-Għaqda Mużikali Imperial għax-xogħol u l-appoġġ tagħhom matul is-sena, nawgura li dawn kollha jkomplu għaddejjin bix-xogħol ħabrieki tagħhom. Tajjeb hawnhekk nirringrazzja wkoll lill-familjari ta' dawn kollha għall-paċenzja tagħhom, ħafna drabi fis-skiet ta' djarhom, waqt li dawn in-nies ikunu qegħdin iwettqu ħidma imprezzabbli b'risq l-għaqda li tant iħobbu. Huwa grazzi għal dawn in-nies li l-għaqda kapaċi tkompli tavvanza 'l quddiem u tkompli tistabbilixxi ruħha bħala forza fil-qasam kulturali.

Nieħu din l-okkażjoni wkoll sabiex nawgura l-Festa t-tajba lill-Melleħin kollha!

Viva Marija Bambina!

Kathleen Buttigieg
Beauty Therapist

53, Triq tal-Brag, Mellieħa MLH 2471
Tel: 2152 1196
Mob: 9984 0472
Email: butkat@gmail.com

ALL NEEDS

THE D.I.Y STORE

FOR ALL KINDS OF ENERGY SAVING LAMPS

19, St. Anne Street, Mellieha

Tel: 2152 1167



Manuel Bezzina Co Ltd

MALTESE FALCON

IMPORT - EXPORT

ŻERRIEGĦA TAL-PATATA U

FERTILIZZANT ĠERMANIŻ TA' L-AQWA KWALITÀ

DERBY

Bikrija

SLANEY

Bajda

DRUID

Hamra

ALPHA

Safra

SAVANNA

Bajda

CARA

Ta' Għajnha Ħamra

DERBY

Patata bikrija, reżistenti għall-mard u għammiela ħafna li ser tiġi esportata lejn il-Ġermanja u l-Olanda.

ARRAN BANNER

LISETA

Aktar Tagħrif Manuel Bezzina Co Ltd

'Springfield', 24, Excelsior Street, Għargħur NXR 1112

Tel: (Res) 21410204, (Ta' Qali) 21418192

Mob: 99497346 • Fax: 21412587

E-mail: manuelbezzina@hotmail.com


Jesper's™
Danish Bakery
Danish Bakery Quality Product
Il-ħobża favorita tiegħek,
l'għażla naturali
Jesper's White Loaf
Jesper's Barley Loaf
Jesper's Fruit Loaf
Jesper's Wholemeal Loaf High Fibre
Jesper's
Trade enquiries: 2248 3600 / jespers@danishbakery.net
danishbakery.net


YOUR PROFESSIONAL DRY CLEANING PARTNER
It's easier than ever to give your garments a SWAN quality clean.
All you have to do is call or email us and we will offer a
free of charge collection and delivery.
SWAN
SWAN®
LAUNDRY · DRY CLEANING
Call 2248 2200
Email: dryclean@swanlaundry.com.mt
www.swan.com.mt
Dry Cleaning of suits, dresses, trousers, coats, curtains & merino blankets • Wet washing of shirts, quilts, carpets & blankets

# Il-Mawra tal-Banda Imperial f'Acquaviva Delle Fonti (BA) fl-Italja



'Ta' bla ħsieb jirnexxi'... hekk jgħid il-Malti. Hekk ukoll kienet il-mawra li l-Banda Imperial għamlet f'Acquaviva Delle Fonti fl-Italja. Fuq inizjattiva tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa, flimkien mal-Comune ta' Acquaviva Delle Fonti (BA), il-Banda Imperial ġiet mistiedna biex iżżur din il-Belt, li tinsab fil-provinċja ta' Bari fin-nofsinhar tal-Italja. Minkejja li ż-żmien ma tantx kien favur tagħna u kellna nħabbtu wiċċna mhux ħażin ma' problemi ta' loġistika, bil-ħidma tal-Kumitat, flimkien mal-ħeġġa tal-Bandisti, kull diffikultà ġiet megħluba u kollox kien ippjanat biex il-Banda Imperial tħalli Malta lejn l-Italja nhar is-16 ta' Settembru 2015. Il-qofol tal-preparamenti ntlaħaq b'laqgħa għall-bandisti u dawk l-ammiraturi li kienu ser jakkumpanjaw il-Banda, li saret il-Ħadd 13 ta' Settembru fil-każin. F'din il-laqgħa ġie ppreżentat il-programm finali tal-mawra u ngħata tagħrif utli ieħor.

Il-ġurnata mistennija waslet. L-Erbgħa, 16 ta' Settembru 2015, għal ħabta tad-disgħa u nofs ta' filgħodu, flimkien mas-Sindku tal-Mellieħa s-Sur John Buttiġieg u s-Sinjura Buttiġieġ, li akkumpanjawna f'din il-mawra, irħejnielha lejn l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta. Hemmhekk ingħaqdu magħna l-Ministru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol l-Onorevoli Evarist Bartolo u s-Sinjura Bartolo. Irkibna l-ajruplan u għal ħabta tan-nofs siegħa ta' wara nofsinhar it-titjira tar-Ryanair ħalliet Malta lejn l-ajruport ta' Bari Karol Wojtyla. Iżda żewġ mużiċisti mill-Banda Imperial, John Vella u Geoff Thomas, bdew l-avventura tagħhom lejn Bari fis-sigħat bikrin tat-Tlieta 15 ta' Settembru. Huma telqu bil-vann mgħobbi bl-istrumenti tal-Banda u saqu *overland* minn Malta sa Acquaviva Delle Fonti. Kellhom ġibda mhux ħażin imma kollox seħħ kif kien ippjanat. L-aqwa li ma ntilfux...

Mal-wasla tal-grupp fl-ajruport ta' Bari, ġejna milqugħa mis-Sinjura Yvette Portelli, mart is-Sindku ta' Acquaviva Delle Fonti, u mis-Sur Sergio Fasano li kien il-kordinatur ta' din il-mawra. Mill-ajruport bqajna sejrin dritt lejn il-Bini tal-Kunsill ta' Acquaviva Delle Fonti fejn ġejna milqugħa mis-Sindku Davide Francesco Carlucci.

Il-belt ta' Acquaviva delle Fonti tinsab madwar 26 kilometru fin-nofsinhar ta' Bari fir-reġjun tal-Puglia u fiha popolazzjoni ta' ftit aktar minn wieħed u għoxrin elf ruh. L-isem ta' din il-belt ġej mill-ammont abbundanti ta' ilma ta' taħt l-art li hemm f'din il-Belt. Acquaviva delle Fonti hija magħrufa għall-kultivazzjoni taċ-*Cipolla Rossa di Acquaviva Delle Fonti* (il-Basla Ħamra ta' Acquaviva Delle Fonti). Il-produzzjoni ta' dan il-prodott hija limitata ħafna, inqas minn tlitt mitt tunnellata fis-sena, minħabba li l-kultivazzjoni tagħha għadha ssir b'mod tradizzjonali biex jiġu preservati l-aroma u l-fwieħa ħelwa tagħha.

Waqt din il-mawra konna alloġjati f'Agriturismo Masseria Rutuolo li tinsab fil-kampanja ftit kilometri 'l barra minn Aquaviva delle Fonti. Hija mdawra b'ħafna siġar, l-aktar taż-żebbuġ, u fiha nsibu wkoll




għadd ta' annimali. Post ideali biex wieħed iqatta' jiem ta' mistrieħ għal kwiet, għalkemm għal dan ma tantx kellna ħin waqt din il-mawra. Hekk kif kulħadd sab postu, mal-ewwel bdejna l-preparamenti għall-ewwel programm mużikali li sar ġewwa l-isptar Francesco Miulli, dik il-lejla stess.

L-isptar Ġenerali Reġjonali Francesco Miulli huwa wieħed mill-aktar sptarijiet attrezzati li nsibu fin-nofsinhar tal-Italja. F'dan l-isptar il-Banda Imperial esegwiet programm mużikali varjat, fosthom kompożizzjonjiet Maltin. Kien tassew ta' sodisfazzjon li l-mużika ġabet mument ta' ferħ fost il-morda, il-familjari tagħhom u dawk li jieħdu ħsiebhom. Mill-Isptar Miulli rħejnielha dritt lejn l-Osservatorio Astronomico ta' Acquaviva Delle Fonti. Esperjenza mill-aqwa fejn wieħed igawdi d-dehra tal-kwiekeb fil-ħemda tal-lejl. Kellna magħna astronomu mill-aqwa, iddedikat u ppassjonat fuq is-suġġett. Wasslilna l-informazzjoni bl-aktar mod sempliċi, li jinftiehem u b'mod ferm interessanti. Kienet esperjenza li qanqlet ħafna interess fostna.

Fit-tieni ġurnata żorna l-ibliet ta' Sannicandro di Bari u Bitonto. Sannicandro Di Bari hija magħrufa għall-Kastell Normann-Sven li jinsab fiż-żona medjovali ta' din il-belt. Dan il-Kastell huwa magħmul minn żewġ partijiet, parti mibnija mill-Biżantini u l-parti l-oħra mibnija mill-iSvevi, li aktar tard ġew imwaħħdin ma' xulxin. Il-parti Biżantina tmur lura lejn is-sena 916 W.K. Dan il-Kastell inbena biex iħares lil Puglia mill-ħbit tas-Saraċeni. Ġejna milqugħa f'dan il-Kastell mis-Sindku ta' Sannicandro Di Bari fejn wara diskors ta' merħba ġejna mistiedna biex inżuru dan il-Kastell akkumpanjati minn gwida, fejn stajna napprezzaw aktar l-istorja u s-sbuħija ta' dan il-Kastell.



Wara nofsinhar żorna l-belt ta' Bitonto, magħrufa bħala l-Belt taż-Żebbuġ minħabba l-produzzjoni kbira taż-żebbuġ li nsibu fil-madwar. Kellna l-ħin inżuru numru ta' postijiet ta' interess, fosthom il-Katidral Romanesk iddedikat lil San Valentinu li nbena bejn is-sekli ħdax u tnax. Wara, il-Banda Imperial għamlet programm mużikali fil-pjazza prinċipali ta' din il-Belt.

Il-Ġimgħa 18 ta' Settembru filgħodu tlaqna lejn Bari. Il-Banda Imperial ġiet mistiedna biex ittella' programm mużikali ġewwa l-Fiera Del Levante, fil-padiljun tar-Regione Puglia. Il-Fiera Del Levante



hija waħda mill-akbar fieri kemm ġewwa l-Itaja kif ukoll fil-Mediterran. Quddiem il-Padiljun tar-Regione Puglia, f'għodwa mill-isbaħ, il-Banda Imperial esegwiet programm mużikali. Wara dan il-progamm, flimkien ma' diversi Sindki u Assessuri tar-Reġjun, ġejna mistiedna biex induqu ikel bnin u l-inbid mill-aqwa li jipproduċu diversi reġjuni tal-Puglia. Wara l-ikla ta' nofsinhar żorna ċ-ċentru storiku tal-Belt ta' Bari, fosthom il-Bażilika ddedikata lil San Nikola, fejn żorna wkoll il-kripta tal-istess Katidral.

Tard wara nofsinhar minn Bari tlaqna lejn Alberobello. Alberobello hija belt żgħira li tinsab fuq għolja mdawra kollha kemm hi bis-sigar. Il-popolazzjoni hija ta' madwar ħdax-il elf ruħ. Hija





magħrufa għat-Trulli, li fis-sena 1996 ġew meqjusa bħala wirt dinji mill-UNESCO. Ġewwa Alberobello l-Banda Imperial esegwiet programm qasir ta' marċi Maltin fil-pjazza prinċipali li kienu ferm apprezzati mill-udjenza preżenti. Ftit tal-ħin wara l-Banda Imperial esegwiet programm ta' mużika Maltija fiċ-ċentru storiku fil-preżenza tas-Sindku ta' Alberobello, Dr Michele Maria Longo fost oħrajn, li wera interess kbir fil-mużika Maltija.

Wara jumejn mimlija daqs bajda, is-Sibt filgħodu ħadniha ftit bil-mod. Fin-nofs ta' nhar ta' filgħodu żorna l-belt ta' Acquaviva Delle Fonti, akkumpanjati mis-Sindku Davide Francesco Carlucci, martu s-Sinjura Yvette Portelli, flimkien mal-kordinatur tal-mawra s-Sur Sergio Fassano. Żorna diversi postijiet ta' interess fiċ-ċentru storiku. Fost dawn kien hemm il-Kon Katidral ta' Acquaviva Delle Fonti ddedikat lil San Eustachio kif ukoll il-kripta tal-istess Kon Katidral li beda jinbena fis-sena 1158.

Il-qofol tal-mawra tagħna kien il-kunċert li l-Banda Imperial kellha tagħmel fil-Cassarmonica ta' Acquaviva Delle Fonti fil-pjazza ewlenija tal-Belt msemmija għal Vittorio Emanuele. Il Cassarmonica bdiet tinbena fis-sena 1907 u tlestiet fis-sena 1930. Hija magħmula minn koppla tistrieħ fuq tmien kolonni tas-siment. L-art tagħha hija magħmula mill-injam. Matul is-snin fiha daqqew l-aqwa baned li nsibu fir-reġjun tal-Puglia fejn hemm tradizzjoni bandistika kbira li tmur lura lejn l-aħħar tas-seklu 18. Qabel il-programm ġejna mistiedna nżuru Kantina tal-Inbid biex induqu l-inbid lokali. M'għandniex xi ngħidu kulħadd ħa gost bl-istedina, għalkemm is-Surmast kellu jqatta' l-ħin kollu jżebbeġ għajnejh biex ikun ċert li ħadd ma jaqbeż il-limitu...

Il-programm uffiċjali beda bi żfin tradizzjonali. Wara sar marċ qasir mill-Banda ta' Acquaviva Delle Fonti li spiċċa quddiem il-Cassarmonica. Wara li ż-żewġ baned sellmu lil xulxin, dawn ingħaqdu flimkien u daqqew l-Innu Taljan taħt id-direzzjoni tas-Surmast Anthony Borg. Saru diskorsi tal-okkażjoni u ġew mibdula wkoll tifkiriet. Il-Banda Imperial esegwiet programm mużikali varjat li





kien ferm milqugħ mill-udjenza numeruża li kienet prezenti. Xtaqna nroddu ħajr lis-Sindku Davide Francesco Carlucci u lil martu Yvette Portelli ta' kulma għamlu magħna u ta' kemm ħadmu biex kollox mar ħarir. Stedinnihom jitilgħu ħdejna u, hekk kif ingħaqdu magħna fil-Cassarmonica, il-Banda Imperial daqqet il-kanzunetta Maltija *Viva Malta* tal-kantant magħruf Malti Freddie Portelli li jiġi missier is-Sinjura Yvette Portelli, mart is-Sindku Davide Francesco Carlucci. Mal-ewwel battuti tal-kanzunetta, it-tnejn dehru sorpriżi u kommossi għall-aħħar. Żgur li ma stajniex insellmulhom u nirringrazzjawhom b'mod aħjar minn hekk.

Fost il-mistednin distinti li attendew għal dan il-Programm kien hemm l-Onorevoli Evarist Bartolo, Ministru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol, l-Ambaxxatur tal-Albanija għall-Italja, l-Eċċellenza Tiegħu Dr Neritan Ceka, is-Sotto Segretarju għall-Università u r-Riċerka, l-Onorevoli Angela D'Onghia, u s-Sindku tal-Mellieħa s-Sur John Buttigieg flimkiem ma' għadd ta' Sindki u Assessuri mir-Reġjun tal-Puglia. Kienet esperjenza mill-aqwa!

Wara lejl pjuttost qasir, ħadna l-fatra u tlaqna lejn l-ajruport ta' Bari biex nirritornaw lejn Malta. Imma fl-aħħar tal-mazzita sibna ż-żbiba. Hekk kif wasalna l-ajruport, it-temp tbiddel u maltempata żul minn hemm laqtet l-inħawi ta' Bari. Minħabba l-kundizzjoni tat-temp, it-titjira lura lejn Malta telqet madwar tliet sigħat tard mill-ħin previst. Minkejja dan, wasalna lura Malta kuntenti u ferħanin li lkoll flimkien f'għaqda waħda żidna ġrajja oħra ta' suċċess għall-Għaqda tagħna.



***Ħeġġu lil uliedkom jitgħallmu l-Mużika mal-Banda Imperial***


Superline Feeds & Garden Centre
Your local petshop
St. Joseph Street
Mellieħa
21523060 / 79262549


FOR HIRE 99844678
Tower Ladder
Services
Elton Cauchi (Baliena)
Mobile: 9984 4678


MARIO GAUCI
Fruit & Vegetable Seller
10, South Street,
Mellieħa
Daily vendor selling
at St. Paul's Bay and
Mellieħa
Mob: 9945 5717



# Qegħdin "fis-sena tal-grazzja, tal-maħfra, tal-indulġenza"

***Is-Sena Mqaddsa nfetħet fit-8 ta' Diċembru, 2015, solennità tal-Immakulata Kunċizzjoni u tagħlaq fis-solennità ta' Ġesù Kristu Re, sid tal-univers nhar l-20 ta' Novembru, 2016***

miġjub fil-qosor minn Dun Mosè Debono

Il-Papa Franġisku Bergoglio, għal din is-Sena tal-Grazzja, kitbilna Dokument li fih fissrilna x'għandna nifhmu b'din is-Sena Speċjali tal-Ħniena ta' Alla, u semmiha: *'MISERICORDIAE VULTUS",* li tfisser: ***"IL-WIĊĊ TAL-ĦNIENA TA' ALLA".***

*"MISERICORDIAE VULTUS"*
**BOLLA TAL-INDIZZJONI**
**TAL-ĠUBLEW STRAORDINARJU**
**TAL-ĦNIENA**
FRANĠISKU ISQOF TA' RUMA,
QADDEJ TAL-QADDEJJA TA' ALLA,
LIL DAWK KOLLHA LI JAQRAW DIN
L-ITTRA,
GRAZZJA, ĦNIENA U SLIEM.

(Minn din l-Ittra, se nsemmu biss
ftit punti minnha)

**Ġesù Kristu hu wiċċ il-ħniena tal-Missier.** Il-misteru tal-fidi Nisranija donnu jsib f'din il-kelma l-ġabra sħiħa tiegħu. Hi saret ħajja, viżibbli u laħqet il-quċċata tagħha f'Ġesù ta' Nazaret. Il-Missier, "għani fil-ħniena" (Efesin 2,4), wara li wera Ismu lil Mosè bħala "Alla li jagħder u jħenn; tqil biex jagħdab (biex jinkorla), u kbir fit-tjieba u l-fedeltà" (Eżodu 34,6), ma hediex, b'ħafna modi u f'bosta waqtiet tal-istorja, jgħarraf in-natura divina tiegħu. Fil-"milja taż-żminijiet" (Galatin 4,4), meta kollox kien imqiegħed fl-ordni, skont il-pjan tiegħu ta' salvazzjoni, Hu bagħat lil Ibnu mwieled mill-Verġni Marija biex jurina darba għal dejjem l-imħabba tiegħu.... Min jara lilU, jara lill-Missier (Ġwann 14,9). Ġesù ta' Nażaret, bil-kelma tiegħu, bil-ġesti tiegħu u bil-Persuna sħiħa tiegħu, juri l-ħniena ta' Alla.

Dejjem hemm bżonn nikkontemplaw il-misteru tal-ħniena. Hu għajn ta' hena, ta' serħan u ta' sliem (paċi). Hi kundizzjoni għas-salvazzjoni tagħna. Ħniena: din hi l-kelma li turi l-misteru tat-Trinità Qaddisa. Ħniena: din hi l-aqwa u l-ogħla att li bih Alla jiġi jiltaqa' magħna. Ħniena: hi liġi fundamentali li tgħammar fil-qalb ta' kull bniedem, meta jħares b'għajnejn sinċiera lejn ħuh li miegħu jiltaqa' tul il-mixja tal-ħajja. *Ħniena*: hi t-triq li ssieħeb lill-bniedem ma' Alla, għax tiftaħ il-qalb għat-tama li aħna maħbuba għal dejjem, minkejja l-limiti tad-dnub tagħna.

Hemm waqtiet li fihom, b'mod aqwa, aħna msejħin inwaqqfu ħarsitna fuq il-ħniena, biex aħna stess insiru sinjal effikaċi tal-Missier, li jaħdem f'ħajjitna. Hu għalhekk li jien (Papa Franġisku) sejjaħt **ĠUBLEW STRAORDINARJU TAL-ĦNIENA,** bħala żmien tajjeb għall-Knisja, biex isaħħaħ u jagħmel, iżjed effikaċi, ix-xhieda ta' dawk li jemmnu.

Is-**Sena Mqaddsa** sa tiftaħ fit-8 ta' Diċembru, 2015, Solennità tal-Immakulata Kunċizzjoni. Din il-Festa Liturġika tikxef il-mod ta' kif Alla ilu jaħdem sa mill-bidu tal-istorja tagħna. Wara d-dnub ta' Adam u Eva, Alla ma riedx jitlaq waħdu lill-bniedem f'ħalq il-ħażen. Għalhekk, Hu ħaseb u ried lil Marija, qaddisa u bla tebgħa fl-imħabba (Efesin 12,4), biex issir Omm il-Feddej tal-bniedem. Quddiem il-gravità tal-ħażen, Alla jwieġeb bil-milja tal-maħfra. Il-ħniena dejjem se tkun ikbar minn kull dnub, u ħadd ma jista' jqiegħed limitu għall-imħabba ta' Alla li jaħfer. Hu pjaċir tiegħi (jgħid il-Papa Franġisku), li fil-Festa tal-Immakulata Kunċizzjoni, sa nkun nista' niftaħ il-**Bieb Imqaddes.** F'din l-okkażjoni, dan se jkun ***Bieb tal-Ħniena,*** li kull min jidħol minnu, ikun jista' jduq l-imħabba ta' Alla li jfarraġ, li jaħfer, u li jimla bit-tama.

# Farmer's Fresh Green Grocer



Fresh Fruit & Vegetables Daily

78, Main Street, Mellieħa
Tel: 21521599

Opening Hours

Mon - Sat 7.00am - 8.00pm
Sunday 8.00am - 8.00pm

**Free Deliveries**

HB MOTORS



**Vehicle Repairs & Services**

**Tel: 21 520429**

**Mob: 9986 8092**

**20, Triq il-Għasel, il-Mellieħa**

**Nixtiequ l-festa t-tajba lill-Melleħin kollha**

# MANUEL'S GARAGE

Il-Mellieħa, Malta

Tel: **(+356) 21523472**
Mob: **(+356) 99493462**
Fax: **(+356) 21523600**
email: **manuelscarhire@hotmail.com**
Website: **www.manuelscarhire.com**



- ***TAXI & MINIBUSES***
- ***GENERAL CAR HIRE***
- ***APARTMENT (SHORT & LONG LETS)***
- ***FLATS FOR SALE***

Taxi nos.: OGY 888

Il-Ħadd ta' wara, it-Tielet Ħadd tal-Avvent, jinfetaħ **il-Bieb Imqaddes fil-Katidral ta' Ruma** –il-Bażilika ta' San Ġwann fil-Lateran. Warajh, jinfetaħ il-**Bieb Imqaddes fil-Bażiliċi Papali** l-oħra. Fl-istess Ħadd, nixtieq li f'kull Knisja partikulari, fil-Katidral li hu l-Knisja Omm għall-Fidili kollha, jew inkella fil-Kon-Katidral, jew fi Knisja ta' sinjifikat speċjali, jinfetaħ għal matul is-Sena Mqaddsa kollha ***Bieb tal-Ħniena*** tal-istess għamla.

Fuq għażla tal-Ordinarju (tal-Isqof ta' post), dan (il-Bieb) jista' jinfetaħ ukoll fis-Santwarji, li jżuruhom ħafna pellegrini li, f'dawn il-postijiet Imqaddsa, il-grazzja spiss tmissilhom qalbhom u jsibu t-triq tal-konverżjoni vera. Kull Knisja partikulari, għalhekk, se tieħu sehem dirett u tista' tgħix din is-Sena Mqaddsa bħala mument straordinarju ta' grazzja u ta' tiġdid spiritwali. Għaldaqstant, il-Ġublew se jkun iċċelebrat f'Ruma, kif ukoll fil-Knejjes partikulari, bħala sinjal viżibbli (li jidher), tal-komunjoni (għaqda) tal-Knisja kollha.

Jiġuni f'moħħi (qiegħed jgħid il-Papa Franġisku) il-kelmiet mimlija sinjifikat li l-Papa San Ġwann XXIII (23) lissen fil-ftuħ tal-Konċilju Vatikan it-Tieni, biex juri l-mixja li kellha taqbad il-Knisja: "Fi żminijietna, l-Għarusa ta' Kristu (il-Knisja), tippreferi tuża d-duwa tal-ħniena flok taqbad l-armi tas-severità (dixxiplina) ħarxa... Il-Knisja Kattolika, waqt li b'dan il-Konċilju Ekumeniku terfa' fil-għoli l-musbieħ tal-verità Kattolika, tixtieq turi ruħha bħala Omm, mimlija mħabba għal kulħadd, twajba, tistabar, imqanqla mill-ħniena u mit-tjieba lejn l-ulied li nfirdu minnha".

Fuq l-istess xefaq nilmħu wkoll lill-Beatu Papa Pawlu VI (6), li hekk fisser ruħu fl-għeluq tal-istess Konċilju Vatikan it-Tieni: "Pjuttost nixtiequ ninnutaw kif ir-Reliġjon tal-Konċilju tagħna kienet prinċipalment "l-imħabba..... L-istorja antika tas-**Samaritan it-tajjeb** kienet il-mudell tal-ispiritwalità tal-Konċilju.... Mill-Konċilju nixxa fuq id-dinja moderna tal-bnedmin kurrent ta' mħabba u ta' ammirazzjoni. L-iżbalji msewwija, iva; għax dan li titlob l-imħabba, u mhux b'inqas il-verità; imma għall-persuni, kien hemm biss sejħa, rispett u mħabba. Flok verdetti (deċiżjonijiet ta' kundanni) ta' qtigħ il-qalb, soluzzjonijiet inkuraġġanti, flok tbassir traġiku, mill-Konċilju ħarġu messaġġi ta' fiduċja għad-dinja tal-lum: il-valuri tagħha (tal-imħabba), mhux biss ġew irrispettati, imma mweġġħa (mogħtija unur), l-isforzi tagħha mwieżna, ix-xewqat tagħha msoffija u mbierka… Hemm ħaġa oħra li rridu nosservaw: dan l-għana duttrinali kollu għandu direzzjoni waħda: li naqdu lill-bniedem. Il-bniedem, qed ngħidu, f'kull qagħda tiegħu, f'kull dgħufija tiegħu, f'kull ħtieġa tiegħu.

Ir-referenza ta' Ġesù għat-test meħud mill-**Profeta Hosgħa**—"tjieba rrid, mhux sagrifiċċju"—tfissser ħafna f'dan ir-rigward. Ġesù jafferma li, minn hawn 'il quddiem, ir-regola tal-ħajja tad-dixxipli tiegħu għandha tkun dik li tfittex il-primat tal-ħniena, kif Hu nnifsu jixhed meta jiekol mal-midinbin. Il-ħniena ma tmurx kontra l-ġustizzja, imma tesprimi l-imġiba ta' Alla mal-midneb, meta joffrilu possibbiltà oħra biex jerġa' lura minn triqtu l-ħażina, jindem u jemmen.

Il-Ġublew iġib miegħu wkoll l-għoti tal-**Indulġenza.** Fis-Sena Mqaddsa tal-Ħniena, din tikseb tifsira partikulari. Il-maħfra ta' dnubietna minn Alla ma tafx limiti. Fil-Mewt u l-Qawmien ta' Ġesù Kristu, Alla juri din l-imħabba tiegħu li tasal biex teqred id-dnub tal-bnedmin. Li nħallu lil Alla jħabbibna lura miegħu hu possibbli permezz tal-Misteru tal-Għid u l-medjazzjoni tal-Knisja. Għalhekk, Alla Hu dejjem disponibbli għall-maħfra (dejjem lest li jaħfrilna), u qatt ma jegħja joffriha b'mod dejjem ġdid u li ma nkunux nistennewh. Madankollu, aħna lkoll nagħmlu esperjenza tad-dnub.

Il-Papa jkompli: Il-ħsieb tagħna, issa, idur fuq **Omm il-Ħniena.** Il-ħlewwa ta' ħarsitha sseħibna tul din is-Sena Mqaddsa biex ilkoll kemm aħna, nistgħu niskopru mill-ġdid il-ferħ tal-ħlewwa ta' Alla. Ħadd daqs Marija ma għaraf il-qawwa tal-Misteru ta' Alla magħmul bniedem. Kollox fil-ħajja tagħha kien magħġun mill-preżenza tal-ħniena li saret laħam (jiġifieri li Ġesù sar bniedem bħalna). **Omm il-Mislub Rxoxt daħlet fis-santwarju tal-ħniena divina, għax ħadet sehem intimu fil-misteru ta' mħabbtu.**

Magħżula biex tkun Omm l-Iben ta' Alla, Marija kienet sa minn dejjem imħejjija mill-imħabba tal-Missier biex tkun ***Arka tal-Patt*** bejn Alla u l-bnedmin. Ħarset fil-qalb tagħha l-ħniena divina f'sintonija perfetta (fi qbil perfett) ma' Binha Ġesù. L-għanja tagħha ta' tifħir, fuq l-għatba ta' dar Eliżabetta, kienet iddedikata lill-ħniena li "tinfirex f'kull żmien" (Luqa 1,50). Anke aħna konna preżenti f'dawk il-kelmiet profetiċi tal-Verġni Marija. Dan, ħa jkun ta' faraġ għalina u jweżinna meta niġu biex ngħaddu mill-**Bieb Imqaddes biex induqu l-frott tal-Ħniena Divina.**

**Nawgura lill-Membri kollha tal-Kumitat u lill-Membri l-oħra kollha tal-Għaqda Mużikali Imperial—Mellieħa—li lkoll kemm huma jagħmlu użu tajjeb mill-Ġublew tas-Sena Mqaddsa tal-Ħniena ta' Alla, għas-salvazzjoni ta' kulħadd.**



# Fil-gwerra taħt il-Mellieħa

Evarist Bartolo

Dawk minna li twieldu wara s-sena 1942 u baqgħu jgħixu fil-gżejjer tagħna aktarx li ma ġarrbux gwerra direttament u ma jafux xi tfisser tipprova tgħix fi żmien ta' gwerra. Kull meta nsegwu l-aħbarijiet naraw biżżejjed moħqrija meta jġibulna xeni ta' gwerra. Aktarx li l-agħar xeni nibqgħu ma narawhom qatt: persuni ta' kull età maqtula u ħerba ta' djar u postijiet tax-xogħol u wirt storiku, reliġjuż u kulturali ta' pajjiżi sħaħ.




Il-ġenituri u n-nanniet tagħna li għexu dik li tissejjaħ it-Tieni Gwerra Dinjija kieku jafu sew xi tfisser tgħix l-infern ta' gwerra għalkemm irid jingħad ukoll li dawk li għexu tul il-gwerra fil-Mellieħa ma batewx daqs dawk li għexu fl-inħawi li l-iżjed li ġew attakkati fil-gżejjer tagħna: madwar il-portijiet u fejn kien hemm bini x'jiġi attakkat.

Din il-gwerra damet bejn l-1939 u l-1945. Kienet bdiet fl-1 ta' Settembru 1939 meta l-Ġermanja nvadiet il-Polonja, bħala l-ewwel pass biex tibla' kemm tiflaħ pajjiżi u tibni imperu mifrux mad-dinja kollha. Ir-Renju Unit u Franza ddikjaraw gwerra kontra l-Ġermanja. Fil-gżejjer tagħna l-aktar li laqtitna kien bejn l-1940 u l-1942. Kienet l-agħar gwerra dinjija li qatt kellha l-pjaneta tagħna s'issa. B'kollox ħadu sehem fiha madwar 100 miljun persuna bl-uniformi minn 30 pajjiż differenti. Naħa li kienet tissejjaħ l-Assi kien hemm fiha l-Ġermanja, l-Italja u l-Ġappun u fuq in-naħa l-oħra kien hemm l-Alleati: ir-Renju Unit u l-kolonji tagħha, fosthom Malta, u mbagħad ingħaqdu l-Unjoni Sovjetika u l-Istati Uniti.

Kienet gwerra terribbli. Fiha ntużaw ir-riżorsi ekonomiċi, industrijali u xjentifiċi fejn naħa ppruvat teqred lin-naħa l-oħra, bla ebda rispett lejn dawk li ma kinux bl-uniformi, lejn dawk li ma kinux imdaħħlin direttament fil-gwerra. B'kollox huwa meqjus li nqatlu bejn 50 u 85 miljun ruħ. Jinkludu dawk il-11-il miljun ruħ (Lhud, Komunisti, Soċjalisti, Kattoliċi, omosesswali, żingari, diżabbli) li Hitler u l-gvern tiegħu riedu "jnaddfu" d-dinja minnhom u bagħatuhom fil-kampijiet tal-konċentrament, isofru l-agħar ħruxija u jinħarqu fl-ifran jew fgati b'gass velenuż.

Kienet gwerra li fiha ġew attakkati ċentri strateġiċi, bliet u fabbriki fejn inqatlu l-miljuni, fosthom ħafna minn dawk li kienu jgħixu fil-bliet Ġappuniżi ta' Ħiroxima u Nagasaki fejn intefgħu fuqhom l-ewwel żewġ bombi atomiċi maħduma fl-Istati Uniti.

Malta sofriet l-iżjed bejn l-1940 u 1942 meta l-qofol tal-gwerra kien fil-Mediterran u allura l-qagħda strateġika ta' Malta kisbet importanza ikbar. Kienet għaddejja l-gwerra fl-Afrika ta' Fuq bejn il-Ġermanja u r-Renju Unit. Iż-żewġ naħat kellhom bżonn jużaw il-Mediterran biex jibgħatu l-vapuri tagħhom iwasslu munizzjon, armamenti u ikel għas-suldati tagħhom. Malta li dak iż-żmien kienet kolonja tar-Renju Unit, intużat biex jiġu attakkati l-vapuri Ġermaniżi jbaħħru fil-Mediterran. Il-ġeneral Rommel li kien imexxi l-forzi Ġermaniżi fl-Afrika ta' Fuq kien stqarr f'Mejju 1941: "Mingħajr Malta se nitilfu l-kontroll fuq l-Afrika ta' Fuq."

Il-Ġermanja u l-Italja qablu li ajruplani tal-gwerra tagħhom jibdew jattakkaw lill-gżejjer tagħna biex idgħajfu u jeqirdu l-preżenza tal-forzi tal-ajru u tal-

baħar tar-Renju Unit. L-attakki bdew fil-11 ta' Ġunju 1940 u komplew sal-20 ta' Novembru 1942. Ġew attakkati l-portijiet, l-ajruporti, il-bliet u l-fortizzi f'Malta u f'Għawdex. Saru aktar minn 3,000 attakk mill-ajru mill-Ġermaniżi u t-Taljani. Fuq il-gżejjer ċkejknin tagħna ntefgħu iżjed minn 17,000 tunnellata bombi, iżjed milli ntefgħu f'inħawi oħra fid-dinja. Inqerdu jew ġarrbu ħsarat kbar iżjed minn 30,000 dar u bini ieħor. Madwar 3,000 persuna bl-uniformi jservu f'pajjiżna ġew maqtula jew feruti gravi. Inqatlu 1,493 persuna pajżana – jiġifieri nies m'għandhomx x'jaqsmu direttament mal-gwerra u 3,764 oħra ġew feruti.

Meta bdew l-attakki diretti fuq Malta, pajjiżna u l-poplu tagħna kien għadu ma kienx imħejji sewwa biex jipproteġi ruħu, tant li ħafna mietu midfunin fi djarhom għax kienu jaħsbu li biżżejjed jinżlu fil-kantina jew jistkennu taħt it-taraġ waqt attakki mill-ajru. Fil-Mellieħa, fejn dak iż-żmien kienu jgħixu 3,842 persuna, kien hemm min kien ifittex kenn f'wieħed mill-ħafna għerien li hemm fil-widien tar-raħal u madwaru. Dan ukoll ma kienx biżżejjed għax bomba mitfugħa quddiem għar miftuħ żgur toqtol bil-blast tagħha lil min ikun jistkenn fih anki jekk ma tolqtux direttament.



Lejn il-Mellieħa ġew ukoll 1,117-il rifuġjat minn bliet u rħula oħra li kienu iżjed fil-periklu mill-Mellieħa għax kienu eqreb miri militari bħall-portijiet u fortizzi. F'Lulju 1941 l-awtoritajiet militari taw l-ordni li kellhom jibdew jitħaffru xeltrijiet taħt l-art biex iservu ta' kenn mill-attakki tal-ajru. Fost l-akbar xeltrijiet li tħaffru hemm dak fit-taraġ li bih tinżel mill-pjazza parrokkjali għall-quddiem is-Santwarju. Twil xi 500 metru u ħaffruh 13-il baqqunier bi 11-il assistent magħhom u bi ħlas ta' bejn 40ċ u 60ċ kuljum.

Għall-ewwel kien ippjanat li dan ix-xelter minbarra li jservi ta' kenn għan-nies tal-Mellieħa u għal dawk ir-rifuġjati li ġew minn bliet u rħula oħra jservi wkoll fejn jiġu maħżuna oġġetti importanti tal-arti u dokumenti ewlenin li qabel kienu miżmuma l-Belt Valletta. Iżda wara sitt xhur indunaw li dawn qed jiġrilhom il-ħsara bl-umdità, neħħewhom u ħaduhom fil-Palazz tal-Verdala. Kien hemm min gerger li f'dan ix-xelter ma kien hemm privatezza ta' xejn. Il-familji ngħataw permess iħaffru xi kamra fih għalihom iżda ma kellhomx permess iwaħħlu xi bieb li jingħalaq. Setgħu jdendlu purtiera biss. Kien hemm familji li ngħataw permess iħaffru xelter taħt id-djar tagħhom biex jinżlu fihom meta ddoqq is-sirena biex twissihom li ġej attakk ieħor mill-ajru.

Tajjeb li dan ix-xelter il-kbir fil-Mellieħa ġie restawrat, imnaddaf u miżmum mis-Soċjetà tal-Kor u Orkestra Maria Bambina u ppreżentat b'mod li jagħti ħjiel ta' kif kienet il-ħajja fih meta t-Tieni Gwerra Dinjija laqtet lill-gżejjer u lir-raħal tagħna. Kull min iżuru forsi jifhem daqxejn il-kruha u t-tbatija tal-gwerra.




Tel: 2752 4547 (home)
Mob: 9947 7427

DAILY FRESH IS BEST

Door to Door Free Delivery

Prop. M. Micallef

Specially in Mellieħa



# Jien, il-Festa u l-Banda Imperial

**Christopher Bartolo**
*Sagristan*

F'dan l-artiklu tiegħi ta' din is-sena ħsibt biex nikteb fuq tliet suġġetti li hemm rabta bejniethom u huma konnessi ma' xulxin.

Għall-grazzja t'Alla, din is-sena kelli x-xorti niċċelebra l-40 anniversarju minn meta jien bdejt il-ħidma tiegħi bħala sagristan tal-Knisja Arċipretali tagħna li tant hija għall-qalb il-komunità Mellieħija. Kienet triq twila li tatni l-opportunità li naħdem ma' ħafna nies u anke nagħti l-għajnuna lil kull min kien jinħtieġha – nies b'fehmiet, ideat u bżonnijiet differenti f'ċirkostanzi u sitwazzjonijiet differenti.

Ftit tax-xhur ilu, għall-okkażjoni ta' dan l-anniversarju, organizzajt quddiesa ta' radd il-ħajr bħala ringrazzjament lil Alla ta' dak kollu li għamel miegħi matul dawn l-erbgħin sena. Kont għad għandi sbatax-il sena. Kont għadni żgħażugħ mimli enerġija – kif kienet tinħtieġ il-knisja tagħna. Il-bidu kien ftit jew wisq diffiċli minħabba li f'dak iż-żmien kien qiegħed isir l-iskulturar u l-invjar tal-knisja mill-iskulturi Carmelo u Emanuel Cini. Għalkemm il-ħmieġ li kien jaqla' xogħol bħal dan kien tedjanti, dan ma qatgħalix qalbi minkejja l-inkonvenjent li kien joħloq ta' kuljum.

Nista' ngħid li l-imħabba lejn il-knisja nafha lill-ġenituri tiegħi Lippu u Mikelina. Monsinjur Ġużeppi Schembri – l-ewwel kappillan li ħdimt taħt it-tmexxija tiegħu – kompla rawwem fija dik l-imħabba lejn il-knisja sabiex meta nikber, inkun nista' nsir sagristan. Kif jaf kulħadd, jien dejjem għamilt l-almu tiegħi kollu sabiex il-knisja tagħna tkun imżejna bl-aħjar mod possibbli f'kull festa. Dan kien l-ideal ewlieni tiegħi u kien id-dover tiegħi wkoll. Dan ma kienx biżżejjed għaliex kelli xewqa oħra.

It-tieni xewqa tiegħi kienet li b'xi mod inkun ta' servizz għall-komunità Mellieħija. Sa minn ċkuniti, jien kont dejjem xi ftit ferrieħi u kont inħobb ngħin lix-xjuħ u tfal inqas ixxurtjati minni. Li tagħti l-għajnuna lil min ikun fil-bżonn huwa valur sabiħ u li jagħtik ħafna sodisfazzjon. Matul dawn l-erbgħin sena ta' ħidma fil-knisja tagħna, jien ippruvajt inkun ta' għajnuna għal kull min seta' kellu bżonnha. Nistqarr li kien hemm mumenti ta' ferħ u sodisfazzjon u ltqajt ma' mumenti iebsin u li niktuni. Il-mumenti ta' niket li tiltaqa' magħhom kultant jibdew jaqtgħulek qalbek, però bl-għajnuna t'Alla, terġa' tqum fuq saqajk. Kultant ngħid li donnu l-Bambin iridni nibqa' naħdem fit-tempju tiegħu għaliex, minkejja d-diffikultajiet, dejjem sibt min jinkuraġġini u jgħini sabiex nibqa' għaddej.



Din l-okkażjoni tal-erbgħin anniversarju reġgħet tagħtni kuraġġ u saħħa ġdida għaliex erġajt rajt il-poplu Mellieħi qrib tiegħi. Ħassejt il-poplu jifraħ miegħi u rrealizzajt kemm in-nies japprezzaw ix-xogħol li nagħmel u lkoll awgurawli biex inkompli naħdem b'risq il-knisja u l-komunità tagħna. Għalhekk, nixtieq nirringrazzja lil mijiet ta' Maltin u Għawdxin li ġew jifirħu miegħi u juruni l-apprezzament tagħhom.

Il-festa tal-Vitorja hija parti minn ħajti – ma nista' qatt ninfired mill-festa tagħna. Il-festa tagħna għandha għeruq b'saħħithom ħafna ġo fija. Il-festa tagħna kont, għadni u nibqa' nħobbha. Sa mill-1976, tul dawn l-erbgħin sena, għamilt ħilti kollha, flimkien ma' ħafna nies oħra, sabiex naraw li jkollna festa li tagħmel ġieħ lill-Mellieħin kollha. U hekk nibqa' nagħmel. Isir sforz kbir sabiex il-festa tkun suċċess u tħalli l-frott. Mingħajr is-sehem ta' ħafna nies, il-

festa ma tistax tħalli dak l-impatt li wieħed jistenna. Il-valuri li jintwerew matul il-ġranet tal-festa huma ta' min ifaħħarhom. Min-naħa tiegħi, jiena nagħmel mezz sabiex il-festa ngawdiha u nipprova nieħu sehem f'kull attività li tkun organizzata. Nipprova nsib il-ħin sabiex nisma' ż-żewġ innijiet sbieħ 'ad unur' Marija Bambina li jindaqqu miż-żewġ baned għeżież għalina l-Melliħin.

Jien għandi rabta maż-żewġ baned tar-raħal tagħna għal ħafna raġunijiet. Sa mill-bidu tal-ħidma tiegħi bħala sagristan, dawn iż-żewġ għaqdiet mużikali tawni l-appoġġ tagħhom. Dejjem urewni rispett u offrewli l-għajnuna li kelli bżonn. Hekk kif il-kappillan ta' dak iż-żmien, Mons. Schembri, ħabbar il-ħatra tiegħi bħala sagristan nhar l-1 ta' Mejju 1976 – jum San Ġużepp Ħaddiem – il-President, is-Sur Emanuel W. Grech, flimkien mal-kumitat tal-Banda Imperial kienu ġew jifirħuli u jwegħduni l-koperazzjoni u li tinżamm il-għaqda bejnietna. Huwa dover tiegħi li ngħid li din il-wegħda nżammet minn kull aspett u din ir-relazzjoni tajba żdiedet u ssaħħet. Din ir-relazzjoni rajtha kemm-il darba anke għall-fatt li f'kull attività li jorganizzaw il-kumitati tal-Banda Imperial u ta' għaqdiet l-oħra Melliħin li fihom dejjem urewni rispett u apprezzament tal-ħidma tiegħi kemm għall-komunità Melliħija kif ukoll għall-għaqdiet soċjali Melliħin.



F'dan il-mument, nixtieq nirringrazzja lill-President attwali tal-Banda Imperial , is-Sur Josef Borg u lis-Segretarju tal-koperazzjoni u l-preżenza tagħhom għall-quddiesa ta' radd il-ħajr fil-Knisja Arċipretali u anke għall-attività li ġiet organizzata fl-okkażjoni tal-40 anniversarju nhar it-30 t'April 2016. Jiena dejjem emmint li meta tkun qiegħed taħdem mill-qrib ma' xi għaqda soċjali bħalma hi l-Banda Imperial , tkun qiegħed taħdem qrib parti sostanzjali mis-soċjetà ta' dak il-post u meta tagħmel hekk, tkun qiegħed tkun viċin ħafna nies, possibilment b'valuri, fehmiet u ideat differenti. B'hekk ukoll, ikollok opportunità kbira biex tiltaqa' ma' ħafna nies bi bżonnijiet differenti u b'hekk ikollok ċans tgħinhom b'ħafna modi differenti.

Kif diġà għedt iktar 'il quddiem, mill-bidu nett tal-ħidma tiegħi bħala sagristan, kont offrejt kull għajnuna u koperazzjoni fil-ħin liberu tiegħi lil kull għaqda Melliħija. Din l-għajnuna offrejtha minn qalbi u mingħajr ebda preferenza lejn ħadd. Jiena dejjem kont disponibbli u aċċettajt kull stedina li saritli u lil kull min talabni. Il-ħbiberija li rnexxieli nibni ma' kull għaqda u soċjetà fir-raħal tagħna matul dawn l-erbgħin sena ntweriet fl-okkażjoni ta' dan l-anniversarju. Kien ta' sodisfazzjon kbir għalija li nara lill-presidenti u lis-segretarji ta' kull għaqda jkunu preżenti jifirħu miegħi kemm għall-quddiesa ta' radd il-ħajr fil-knisja kif ukoll fiċ-Ċentru Parrokkjali. Nixtieq nirringrazzjahom minn qalbi għaliex bil-preżenza tagħhom urewni l-apprezzament tagħhom tal-ħidma tiegħi magħhom, imma b'mod speċjali fost il-komunità Melliħija.

Nagħlaq dan l-artiklu billi nrodd ħajr lil Alla ta' dawn l-erbgħin sena li għoġbu jagħtini biex nagħti s-servizz tiegħi bħala sagristan. Nirringrazzja lill-Arċipriet u lill-kleru kollu tal-parroċċa tagħna, lis-Sindku u l-kunsilliera tal-Kunsill Lokali, lill-President u l-kumitat tal-Banda Imperial u lill-għaqdiet l-oħra kollha Melliħin. Nixtieq niżżi ħajr lil kull min għinni u ħadem minn wara l-kwinti sabiex ġew organizzati l-attivitajiet tal-erbgħin anniversarju minn meta bdejt il-ħidma tiegħi bħala sagristan.

Però l-akbar ringrazzjament nagħtih lill-komunità Melliħija kollha li tant ħabbitni u li, sena wara l-oħra, tkompli tagħtini l-kuraġġ u turini li tapprezza l-ħidma tiegħi. Grazzi mill-qalb u jalla nkomplu naħdmu flimkien sabiex kemm il-Knisja Arċipretali kif ukoll is-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna tal-Mellieħa jkunu mill-isbaħ żewġ knejjes fil-gżejjer Maltin u Għawdxin.

Il-festa t-tajba lil kulħadd. Viva Marija Bambina!



# Il-Bieb tal-Ħniena

Maria Grima

Kemm hi kbira dik l-Imħabba
Li Int għandek għall-bnedmin,
Wisq u wisq nobbli l-Qalb Tiegħek
Int tassew Missier Ħanin!

Bla qies huma l-attributi
L'Int għandek, għażiż Mulej,
L-aqwa fosthom hija l-Ħniena
Tal-Qalb Tiegħek, O Feddej!

O Mulej, x'inhuwa l-bniedem?
Xi sbuħija Int rajt fih?
Tajtu l-ħajja, b'Ibnek fdejtu
U għamilt kollox għalih!

Wisq kbira hija Ħnientek
Qalbek hija Oċean,
Ta' ħlewwa, maħfra, u imħabba
Għax tal-qlub Inti s-Sultan!

Hekk ifisser Bieb il-Ħniena
Li nfetaħ f'dan il-Ġublew,
Qed jgħidilna sabiex nagħrfu
Kemm Alla hu Kbir tassew.

Qalb Ġesù hi Bieb il-Ħniena
Miftuħa beraħ fuq Salib,
Fejn ġo fiha żgur kull bniedem
Ħniena u maħfra żgur isib.

Mill-Ħniena nfinita Tiegħek
Ixħet fuqna kull barkiet,
Għinna nindmu, u għandek niġu
Sabiex taħfrilna d-dnubiet!

Jien ngħejja nitlob maħfra
Għax jien dgħajfa bħal kulħadd,
Waqt li Int, O Alla tiegħi
Li taħfer, żgur, ma tgħejja qatt!

Ejjew nidħlu mill-Bieb tal-Ħniena
U ma noħorġu minnu qatt,
Ejjew naħfru f'Isem Kristu
Ejja nħobbu lil kulħadd!

**Nota Editorjali**

Wieħed mit-tliet Bibien tal-Ħniena fid-Djoċesi ta' Malta jinsab fis-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna tal-Mellieħa. Dan infetaħ minn Monsinjur Arċisqof Charles J. Scicluna nhar il-Ħadd 27 ta' Diċembru 2015, festa tal-Familja Mqaddsa u l-Jum Ġubilari tal-Familja. L-Arċisqof iċċelebra quddiesa fil-Knisja Arċipretali tal-Mellieħa, u wara pellegrinaġġ qasir fetaħ il-Bieb tal-Ħniena f'dan is-Santwarju Marjan.



# "Once a Marine, always a Marine"

## *The Royal Marines Association (Malta Branch)*

**Brian Roberts**

Two years ago, I wrote an article regarding the history of the Royal Marines and the Corps association with Malta for the Festa. The response was overwhelming and as a result I have been asked to write a follow up regarding the present day relationship we have with the Maltese Islands.

Of course, there are no more serving Marines here today, but there is a strong "historical" presence in the form of the Royal Marines Association (Malta Branch) which has members from all around the world. The main aim is to keep all ex-Royal Marines who served here in Malta stay in touch with each other.

In November each year, a re-union is held here in Malta when over 100 members and their families meet for a week of social and remembrance celebrations. This includes special visits to various parts of the Islands.

In November 2015 the group was invited to the Imperial Band Club for a concert by the Band and one of Peter's famous pasta meals. Over 90 members attended to what was a memorable day. Our grateful thanks go to the committee, members of the band and Peter and his "team" for making it a great day for our members.

The Band was superb and produced a programme of wonderful quality and variety. The finale was a rousing rendition of music from "Last Night at the Proms" which was enjoyed by everyone. I am told there were also a few tears!!

The concert took place in the newly refurbished Band Room and gave the Band and the Surmast the chance to test the acoustics in front of an audience, and I know everyone was pleased with the result.

Following the concert, the Royal Marines presented a plaque from the Branch to the Imperial Band Club and the Local Council as mementos of their visit; a visit which will be remembered for years to come.

As I mentioned in my previous article, the Royal Marines have had a long history with this part of Malta. It was the Royal Marines who landed in Mellieħa Bay to arm the Maltese against Napoleon and it was the Marines who freed Gozo from the hands of the French. No wonder that the Corps has such a lasting respect and attachment for Malta.

That goes for the Royal Marines Association (Malta Branch) who will continue to uphold those traditions no matter what the future brings.

In November 2016, the RMA Malta Branch is invited to visit the club again and I can assure you it will be the highlight of their visit to Malta.

Have a great Festa.







# Accidental Circumstances

Geoff Thomas

Whilst truth may be stranger than fiction, and my article last year on the deaths of composers may have supported that belief, opera often proves the exception to the rule.

> *'No good opera plot can be sensible, for people do not sing when they are feeling sensible.' (W.H.Auden)*

When you think of your favourite operas, or indeed your favourite opera arias, the odds are that you will pick a tragedy.

> *'Well, basically there are two sorts of opera …There's your heavy opera, where basically people sing foreign and it goes like "Oh oh oh, I am dyin', oh I am dyin', oh oh oh, that's what I'm doin", and there's your light opera, where they sing in foreign and it basically goes "Beer! Beer! Beer! Beer! I like to drink lots of beer!", although sometimes they drink champagne instead. That's basically all of opera, reely.' (Terry Pratchett – Maskerade)*

The title of my article is taken from the prologue to Benjamin Britten's opera, Peter Grimes. William Spode, a boy apprentice, has drowned and the coroner is holding an inquest. Despite Peter's wish to be tried properly to avoid the continuing accusation of the villagers, the coroner says that the boy died in accidental circumstances – "but that's the kind of thing people are apt to remember." Unfortunately for Peter, another boy falls to his death and in order to escape the mob (predicted so accurately in the opening scene) Peter Grimes sails out to sea and presumably drowns. This is probably one of the most realistic and heart wrenching moments in all opera. Not all opera is as believable as this; it is well known that in opera you can get away with anything as long as you sing it.

Whilst 'The opera isn't over until the fat lady sings' is supposed to refer to Brünnhilde in Wagner's Ring Cycle, it can unfortunately apply when it really shouldn't. Think, for example, of Verdi's *La Traviata* and Puccini's *La Bohème*. At the end of both of these perennial favourites, the heroine dies of consumption (tuberculosis, or the wasting disease). Does this look authentic?



So we accept that we have to suspend our disbelief, to the relief of Leah Crocetto (above) as well as Pavarotti, Caballé and others in their later years. But what of the plots themselves? Which are the most bloodthirsty? Which are the most bizarre deaths? Which deaths are the most difficult to stage? Here are a few of my favourites.

> *'Opera is when a guy gets stabbed in the back and, instead of bleeding, he sings.' (Ed Gardner)*

Shooting and stabbing are quite commonplace. Lensky (Eugen Onegin) and Turiddu (Cavalleria Rusticana) are both killed in duels; Klinghoffer (The Death of Klinghoffer) is shot in the head whilst in his wheelchair, Bystrouška (the Vixen) is shot by Harašta (the poacher) in *The Cunning Little Vixen* and poor Danny is accidentally shot by Myles, apparently being mistaken for an otter, in Julius Benedict's *Lily of Killarney*. Stabbings

are deeply personal and are often used in matters of jealousy or revenge. *Pagliacci, Rigoletto, Attila, Carmen, Il Tabarro,* and *Porgy and Bess* all contain fatal stabbings. Perhaps the most tragic of these is *Rigoletto* in which the title character pays the assassin Sparafucile to kill the Duke. It is only when Rigoletto has dragged the sack containing the body round the cobbled streets of Mantua and is about to throw it into the river that he discovers that it contains his daughter who has sacrificed herself in place of the Duke. What if he'd opened the sack immediately – would she have survived? We'll never know.

Views on suicide have been influenced by religion, honour, and the sanctity of life. Many religions view suicide as an offence to God, other belief systems see it as an honourable escape or even as a duty. In opera, there is suicide by drowning, fire, hanging, jumping to death, poisoning, shooting, stabbing and accidental suicide. Perhaps the most famous suicide is in *Madama Butterfly* in which Cio-cio-san commits jigai, the female version of seppuku (hara-kiri). In some operas, the death is through shame or because there is no way out: *Norma* & Pollione jump on a funeral pyre; Jocasta, Oedipus's mother, hangs herself in her chambers (*Oedipus Rex*); overwhelmed by shame, Iris throws herself into an abyss (*Iris*), Fanella does the same (*La muette de portici*), Werther shoots himself, Lucretia stabs herself (*The Rape of Lucretia*) as do *Ernani* and *La Gioconda*. In *Les Troyens* the women collectively commit suicide, then Dido climbs on top of a pyre and stabs herself with a sword once given to her by Aeneas. In Berg's *Wozzeck*, the title character slits his wife's throat and then drowns himself.

*'Well, what did you expect in an opera? A happy ending?' (Bugs Bunny)*

Just occasionally the death is seen as part of an act of redemption as in Puccini's *Suor Angelica*, where after learning of the death of her son, Sister Angelica is seized by a heavenly vision — she believes she hears her son calling for her to meet him in paradise. She makes a poison and drinks it, but realizes that in committing suicide, she has committed a mortal sin and has damned herself to eternal separation from her son. She begs the Virgin Mary for mercy and, as she dies, she sees a miracle: The Virgin Mary appears, along with Sister Angelica's son, who runs to embrace her. In *The Flying Dutchman*, Senta throws herself into the sea, thus redeeming the Flying Dutchman and they both ascend to heaven.

*Tosca* is often thought of as one of the most lethal of operas. None of the central characters makes it to the end alive. Scarpia is stabbed by Tosca, Cavaradossi is shot by firing squad, and Tosca throws herself to her death from the walls of Castel Sant'Angelo.



Before moving on to operas which are positively bathed in blood, Tosca is one of those operas about which there are many anecdotes, probably apocryphal, but nonetheless entertaining. All of them involve the famous ending where Tosca throws herself to her death.

At one point it was thought that she threw herself into the Tiber, but that would have been a superhuman feat, even for opera, as can be seen from the picture above. Some Toscas have been large ladies and needed extra help in making sure they landed safely behind the scenery. Imagine being in the audience at the time where a trampoline or perhaps an extra springy mattress was placed to break the fall and witnessing the reappearance of Tosca, again, and again, and again… That one can't be true, can it?

There is apparently evidence of the time when local schoolchildren had been brought in to fill the uniforms of the pursuing guards at the very end and had, in lieu of rehearsal, been hurriedly given the standard stage instruction, "exit with the principals." So, when they saw their Tosca leap from the parapet, they dutifully lined up. And as the curtain came down, the audience was treated to the sight of the soldiers, in an orderly line, leaping to their death one by one.

If you think Game of Thrones is good at killing off its characters, what about *Lucrezia Borgia, Dialogues des Carmélites, Lulu,* and *Lady Macbeth of Mtsensk (Katerina Ismailova), Ali Baba* and the *Ring* cycle? Those familiar with the stories surrounding the Borgias will not be surprised by the poisoning of Orsini, Liverotto, Vitellozzo, Petrucci and Gazella as well as Gennaro - Lucrezia's son. Heartbroken, Lucrezia mourns the loss of her son, and she too, dies. In Poulenc's *Reign of Terror*

opera, most of the Carmelite nuns are executed by guillotine, in Shostakovich's Lady Macbeth, Boris Izmailov eats a meal of mushrooms, laced with rat poison, Zinoviy Izmailov is strangled and finished off with a blow on the head from a candlestick then Sonyetka & Katerina Izmailova fall into an icy river.

*Lulu* is the drama of a young woman who sexually and emotionally dominates a wide range of willing victims, both male and female. Lulu's first husband, a physician, dies of a heart attack, her second – the Painter – cuts his own throat, she fires five shots into the back of her third husband whose son is then killed by an African prince. Lulu and her friend the Countess are both killed by Jack the Ripper.

> *'My thanks to the people who showed me that opera was stranger than I could imagine.' (Pratchett – Maskerade)*

Then there are the more unusual stage deaths. In *Adriana Lecouvreur* (Cilea) the heroine dies after eating poisoned violets; in *The English Cat* (Henze) Tom (a cat) is murdered by his lawyer's clerk (a fox); and in *The Makropulos Affair* (Janáček), Elena Makropulos, who has been alive for over 300 years, decides not to continue taking her potion, for her life has been marked by boredom and loneliness. In Birtwistle's *Punch and Judy*, Baby is thrown into a fire, Judy is stabbed, the Doctor is stabbed with an oversized hypodermic syringe, the Lawyer is stabbed with a quill, Choregos is somehow sawn in half with a bass viol case and the Hangman is tricked into lynching himself. In *Ali Baba* (one of the feeblest things Cherubini ever wrote, according to Berlioz) the robbers hide in bales of coffee which are all burned, and in the huge *Ring* cycle, Fafner kills his brother Fasolt, Hunding finishes Siegmund off with a sword, then is killed by Wotan's glance, Siegfried kills Fafner (as the dragon) then Mime, and in the final instalment Hagen kills Siegfried, then Gunther. He is then drowned by the Rhinemaidens. All the gods perish in Valhalla as it burns, and, as the comedienne Anna Russell says, you're exactly where you started twenty hours ago!

And finally, the most bizarre and painful deaths in opera. *Aida* and Radamès are buried alive, as is *Don Carlo*. Rachel & Eleazar are thrown into a cauldron of boiling water in *La Juive* and, of course, the Witch is burned alive in *Hansel and Gretel*. Don Giovanni, Bertram and John Wellington Wells are dragged back to hell in *Don Giovanni, Robert le Diable* and *The Sorcerer* respectively. In Rimsky-Korsakov's *Le Coq d'Or*, King Dodon is pecked to death by a cockerel who pecks his jugular in a show of loyalty and in *Le Grand Macabre* by Ligeti, Nekrotzar bites Mescalina's neck, killing her, although she reappears from the tomb towards the end of the opera, whereupon he shrinks until he is infinitesimally small and disappears.

Perhaps, even more interesting to stage are Dame Ethel Smyth's *The Wreckers* in which the two young lovers, Mark & Thirza, are to be left chained in a cave as the incoming tide gradually fills it; Handel's *Semele* in which the flames of Jupiter's power burn Semele and she dies, Bacchus is then born from her ashes; and for those of you who read this before the concert on September 2nd a special treat – an aria from *La Wally*. Catalani's opera is set in the alps and at the end, Haghenbach calls to La Wally, setting off an avalanche that sweeps him away. In despair, Wally throws herself after him into the abyss.

Somehow, in Mellieħa, I think it will be a concert version, and not staged. As a footnote, I notice that parts of La Wally were recently staged in the USA in a double bill with a new opera called Everest (in which the chorus were those who had died on the mountain).

The Alps and Everest in one evening on stage? Something we're unlikely to witness at Teatru Manoel!



# Għotjiet mill-Emigranti lill-Għaqda Mużikali Imperial




*Is-Sinjura Jeanette Borg, għan-nom ta' numru ta' emigranti fl-Awstralja, tippreżenta plakka kommemorattiva, badges u donazzjoni.*

*L-Emigranti benefatturi kienu:*
*Sam u Tessie Vella*
*Charlie u Pia Grech*
*Vince u Rita Borg*
*Louis u Josephine Borg*
*Anthony u Josephine Dimech*
*Frank u Mary Vella*
*Charlie u Grace Zammit*
*Anthony u Pauline Attard*
*Paul u Mary Mifsud*
*John Pisani*



# Għotjiet lill-Għaqda Mużikali Imperial



*Is-Sinjura Jane Caruana tippreżenta donazzjoni f'isem il-Familja Caruana.*



*Is-Sinjura Marisa Sammut tippreżenta mużika f'isem il-Familja Sammut.*



*Is-Sinjura Mariella Barbara tippreżenta donazzjoni f'isem il-Familji Barbara u Borg.*



*Is-Sur Damian Vella jippreżenta mużika f'isem il-Familja Vella.*



*Is-Sur Christian Schembri jippreżenta kompożizzjoni tiegħu stess.*



*Is-Sur Clayton Bartolo jippreżenta mużika.*



*Is-Sur Anthony Grech jippreżenta l-arma tas-Soċjetà maħduma fil-ħadid minnu stess.*



# Programm tal-Festi organizzati mill-Għaqda Mużikall Imperial

## *fl-okkażjoni tal-Festa ad Unur ta'*

# *MARIJA BAMBINA*

## *Patruna tal-Parroċċa tal-Mellieħa*

### L-Erbgħa 24 t'Awwissu 2016

**6.30p.m.** Tombla Speċjali organizzata mill-Kumitat Nisa tal-Għaqda Mużikali Imperial.

**8.30p.m.** *Wine and Pizza Night* ġewwa l-Każin. Waqt l-ikel ser jiġi organizzat briju mis-Sezzjoni Żgħażagħ.

### Il-Ġimgħa 26 t'Awwissu 2016

**8.00p.m.** *Barbeque* fil-Pjazza tal-Parroċċa. Ikun hemm kant u divertiment ieħor. Mistieden speċjali Joe Demicoli.

### It-Tnejn 29 t'Awwissu 2016

**7.30p.m.** Kunċert tal-Programm tal-Festa mill-Banda u l-Kor Imperial fis-Sala tal-Każin taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur Mro Anthony Borg.

### It-Tlieta 30 t'Awwissu 2016

**8.00p.m.** Laqgħa soċjali għall-emigranti Melleħin li jkunu fostna biex flimkien magħna jiċċelebraw il-Festa ta' Marija Bambina.

### L- Erbgħa 31 t'Awwissu 2016

**6.30p.m.** Is-Soċjetà flimkien mal-Banda u l-Kor jieħdu sehem fiċ-ċelebrazzjoni reliġjuża fil-Knisja Parrokkjali fl-okkażjoni ta' "Jum l-Għaqdiet Ċiviċi".

**8.00p.m.** Kunċert Ġenerali tal-Programm tal-Festa mill-Banda u l-Kor Imperial fis-Sala tal-Każin taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur Mro Anthony Borg.

### Il-Ġimgħa 2 ta' Settembru 2016

**8.00p.m.** Programm Vokali u Strumentali mill-Banda u l-Kor Imperial taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur Mro Anthony Borg fil-Pjazza tal-Parroċċa. Wara jsir riċeviment fis-Sala tal-Każin.

### Is-Sibt 3 ta' Settembru 2016

**8.00p.m.** Riċeviment fil-Każin għall-Kumitati, bandisti, u membri tal-Kor, flimkien mal-familjari tagħhom.

## Il-Ħadd 4 ta' Settembru 2016

**8.30p.m.** Marċ mill-Banda Imperial li jibda minn Triq l-Għerien, Triq Snajjin, Triq il-Kbira, Triq Ġorġ Borġ Olivier, Triq il-Parroċċa u jispiċċa f'Misraħ il-Parroċċa.

## It-Tlieta 6 ta' Settembru 2016

**8.00p.m.** Marċ mill-Banda Imperial minn Triq V. Ciappara u jispiċċa f'Misraħ il-Parroċċa.

## L-Erbgħa 7 ta' Settembru 2016

**7.00p.m.** Marċ mill-Banda Imperial minn Triq il-Kbira kantuniera ma' Triq is-Salib, Triq Sant'Anna, Triq il-Parroċċa u jispiċċa f'Misraħ il-Parroċċa.

**9.15p.m.** Il-Banda u l-Kor Imperial jesegwixxu l-Innu lil Marija Bambina. Il-Programm jingħalaq bid-daqq tal-Innu Marċ Popolari 'Tal-Iljun' flimkien mal-Innu tal-Banda.

## Il-Ħamis 8 ta' Settembru 2016

**5.30p.m.** Marċ mill-Banda San Sebastjan tas-Soċjetà Filarmonika Pinto ta' Ħal Qormi minn Triq Sant'Anna, Triq il-Parroċċa u jispiċċa fil-Pjazza tal-Parroċċa. Wara jittella' programm mużikali mill-istess banda quddiem il-Każin li jilħaq il-qofol tiegħu bid-daqq tal-Innu lil Marija Bambina mal-wasla tal-istatwa tal-Bambina quddiem il-Każin.

## Il-Ġimgħa 9 ta' Settembru 2016

**5.00p.m.** Ser tiġi organizzata ħarġa tal-għada tal-festa fuq il-Hop On Hop Off mill-Kumitat Nisa. Ser jiġi organizzat briju mis-Sezzjoni Żgħażagħ bħas-snin ta' qabel.




epc
MELLIEHA COMPUTER CENTRE
Shop Hours
Mon – Fri 08:30 – 19:00
Sat 09:00 – 13:00
ONSITE & WORKSHOP REPAIRS ON ALL BRANDS
SALES OF COMPUTERS, LAPTOPS, TABLETS & ACCESSORIES
PRINTER CARTRIGES & TONERS
TAILOR-MADE PCs
CCTV & HALL PORTERS EQUIPMENT
AND INSTALLATION
Microsoft CERTIFIED
Microsoft CERTIFIED
www.epc.com.mt | T: 21525280 | M: 79043333


Microsoft Azure
The cloud for the modern day business.
Scalable cloud solutions with pay as you go capabities.
Office 365
Connect to your office from anywhere.
Step into Office and reconnect from any web browser or device.
EYETECH
we manage IT
We manage IT, so you don't have to.
Providing end to end IT solutions & services to meet your specific needs.
CONTACT US
A: 11/12 Melfar Building, Msida Malta
W: www.eyetechltd.com
E: sales@eyetechltd.com
T: +356 21 336 853
Microsoft Partner
Gold Small and Midmarket Cloud Solutions
Silver Software Asset Management
Silver Small Business



# Activities Organised by The Imperial Band Club

## *for the feast in honour of Our Lady of Victories Patron of Mellieħa*

### Wednesday 24th August 2016

**6.30p.m.** A special bingo night organised by the Ladies Committee of the Imperial Band Club.

**8.30p.m.** A Wine and Pizza Night will be held at the club. Festive entertainment will be organised by the Club's Youths Section.

### Friday 26th August 2016

**8.00p.m.** BBQ organised by the Imperial Band Club in the Parish Square. Special guest will be Joe Demicoli.

### Monday 29th August 2016

**7.30p.m.** Rehearsal by the Imperial Band and Choir in the club's music hall under the direction of Mro Anthony Borg, the club's musical director.

### Tuesday 30th August 2016

**8.00p.m.** Annual Get Together for the Emigrants at the Imperial Band Club.

### Wednesday 31st August 2016

**6.30p.m.** The Imperial Band and Choir together with the club's committee and members participate in a Holy Mass in the Mellieħa Parish Church on the occasion of the day dedicated to civic societies.

**8.00p.m.** General rehearsal by the Imperial Band and Choir in the club's music hall under the direction of Mro Anthony Borg, the club's musical director.

### Friday 2nd September 2016

**8.00p.m.** Vocal and instrumental concert by the Imperial Band and Choir at the Parish Square. A reception will be held afterwards in the main hall of the Imperial Band Club.

### Saturday 3rd September 2016

**8.00p.m.** A reception will be held at the Imperial Band Club for the committees, band and choir members, together with their guests.

### Sunday 4th September 2016

**8.30p.m.** Band marches by the Imperial Band from Mellieħa Heights to the Mellieħa Parish Square.

### Monday 5th September 2016

**8.00p.m.** Band marches by the St George's Band of Cospicua from N. Caruana Dingli Street to the Mellieħa Parish Square.

### Tuesday 6th September 2016

**8.00p.m.** Band Marches by the Imperial Band from V. Ciappara Street to the Mellieħa Parish Square.

### Wednesday 7th September 2016

**7.00p.m.** Band Marches by the Imperial Band from Main Street corner with Cross Street to the Mellieħa Parish Square.

**9.15p.m.** The Imperial Band and Choir will perform the Hymn in Honour of Our Lady of Victories on the Club's Band Stand, followed by the band's most popular march 'Tal-Iljun' and the Imperial Band Hymn.

### Thursday 8th September 2016

**5.30p.m.** Band marches by the St Sebastian Band of Qormi from St Anne's Street to the Mellieħa Parish Square. Afterwards, a musical concert by the same band will take place on the Club's Band Stand. As soon as the statue of Our Lady arrives in front of the Club, the Band and Choir will perform the Hymn in Honour of Our Lady of Victories.

### Friday 9th September 2016

**5.00p.m.** An outing will be organised by the Ladies Committee on the Hop On Hop Off Buses to round off the activities organised for the village feast. Festive entertainment will be organised by the Youths Section.


POPEYE VILLAGE
PLAYPOOL
BOAT TRIPS
MUSEUM
ACTIVITIES & GAMES
WATER TRAMPOLINES, POOLS & BEACH AREA
ANIMATION SHOWS
FREE WiFi ALL ROUND THE COMPLEX
Bus number 101 from Mellieħa Bay
2152 4782/3/4
info@popeyemalta.com
www.popeyemalta.com
popeyevillagemalta

# Proġett mill-Għaqda Mużikali Imperial

## fl-iskema 'Support for Capital Expenditures for the Arts and Cultural Societies'

**Norbert Vella**

Wara l-festa tas-sena 2014, bħala Kumitat Direttiv konna ddeċidejna li napplikaw għal fondi mingħand il-'Majjistral Action Group Foundation' (MAGF) fl-iskema 'Support for Capital Expenditures for the Arts and Cultural Societies'. Bħala kumitat iddeċidejna li kellna napplikaw għal dan li ġej:

1. Lift biex il-każin tagħna jkun iktar aċċessibbli għal kulħadd.
2. *Air Conditioners* għas-sala tal-kunċerti.
3. *Sound Proofing* fis-sala tal-kunċerti biex din is-sala jkollha akustika ferm aħjar u tkun tista' tintuża għar-*recordings*.
4. Kif ukoll nixtru xi strumenti tal-perkussjoni bħal timpani, biex ma jkunx hemm bżonn iktar li dawn it-tip ta' strumenti nikruhom mingħand baned oħra.



Wara li ddeċidejna għal xiex konna ser napplikaw, iltqajt mal-Viċi Sindku tal-Mellieħa, is-Sur Clayton Bartolo, li kien ta' għajnuna kbira fil-mili tal-applikazzjoni, kif ukoll mal-Perit Joseph Attard li ta l-għajnuna kbira tiegħu fejn jidħol xogħol ta' applikazzjonijiet mal-MEPA u ħafna xogħol ieħor relatat mal-pjanti u kwotazzjonijiet ta' xogħol ta' kostruzzjoni, u li flimkien miegħu ddeċidejna wkoll li minħabba l-lift, ikollhom isiru *toilets* ġodda. Dan ix-xogħol kollu għamluh mingħajr ma talbu l-ebda rimunerazzjoni. Wara ħafna ġiri biex niġbru tliet kwotazzjonijiet ta' kull ħaġa, daħħalna l-karti kollha u kull ma kien baqa' kien li nistennew it-tweġiba tal-MAGF. Ġara li, fil-bidu ta' Diċembru, għal xi raġuni li ma kellniex kontroll fuqha, l-applikazzjonijiet kollha ġew ikkanċellati u qalulna li sejħa oħra ser tiftaħ fil-bidu tas-sena 2015. Din kienet daqqa ta' ħarta għax-xogħol kollu li kien sar f'dawk l-aħħar tliet xhur tas-sena.

Is-sena 2015 bdiet fejn ħallejna fis-sena 2014 għax kellna nerġgħu ndaħħlu l-applikazzjoni għall-fondi biex inwettqu l-proġett li konna ddeċidejna fuqu. Dan kien ifisser li kellna nerġgħu ngħaddu mill-proċess kollu mill-ġdid speċjalment fejn jidħlu applikazzjonijiet, peress li l-kwotazzjonijiet kollha li kellna kienu skaduti. Wieħed jista' jimmaġina minn xiex kellna ngħaddu biex terġa' tmur għand l-istess aġenti u terġa' titlobhom kwotazzjonijiet oħra.

Wara li għamilna dan kollu, f'Lulju ħadna l-aħbar tajba li l-applikazzjoni tagħna ġiet milqugħa u konna ser ningħataw is-somma ta' €79,902.27, jiġifieri 80% tal-ispiża tal-proġett kollu li kienet tammonta għas-somma ta' €99,877.84. Wara li tawna l-aħbar, bdejna x-xogħol l-ieħor, fejn



ordnajna l-affarijiet materjali kollha li kien hemm bżonn, kif ukoll ftehmna mal-bennej u l-ħaddiema l-oħra biex jibdew ix-xogħol kemm jista' jkun malajr minħabba li dan ix-xogħol kollu ried ikun lest fi żmien qasir.



Biex seta' jsir dan ix-xogħol u jitħallas kulħadd, il-kumitat kellu jissellef il-flus biex dan seta' jsir. Dan għaliex apparti l-20% li jkun irid joħroġ il-każin, il-kumplament kellna noħorġuhom aħna qabel nibdew nirċievu l-fondi dovuti lilna u dan kellna nagħmluh għaliex ma tistax tapplika biex tiġbor il-flus lura qabel ma' inti tkun ħallast.

Wara li tlesta x-xogħol kollu, nhar il-Ħadd 13 ta' Diċembru 2015, l-Onorevoli Dr Ian Borg, Segretarju Parlamentari għall-Presidenza UE 2017 u għall-Fondi Ewropej inawgura dan il-proġett, kif ukoll fetaħ uffiċjalment wirja ta' presepji li kienet qiegħda tittellgħa mill-Kummissjoni Żgħażagħ.

Minn hawn nirringrazzja lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor kienu ta' għajnuna biex dan ix-xogħol seta' jsir, u b'hekk għamilna l-każin aċċessibbli għal kulħadd kif ukoll armajna l-banda tagħna bi strumenti tal-perkussjoni ġodda.


# Il-Bar tal-Każin tal-Banda Imperial

*Għal xarba ġenwina mal-ħbieb*
*jew għal ikla ġenwina*
*(tistgħu tordnaw fniek u laħam taż-żiemel)*

***7, Pjazza tal-Parroċċa, il-Mellieħa***
***Tel: 2152 3467***

*Il-familja Gauci*
*tawgura l-Festa t-tajba lil kulħadd.*



# Mellaha 1856

Jimmy Muscat

Ninsabu fl-inħawi tar-raħal ġdid tal-Mellieħa kif kien jidher 160 sena ilu, fis-sena tal-Mulej 1856. Qed ngħid fl-inħawi għax dan ir-raħal kien għadu qiegħed jiġi ffurmat, b'ħafna bini ġdid tiela' fit-toroq li ġew imfassla mill-Gvern Ingliż ftit snin qabel. Il-Knisja Parrokkjali ma kinitx hemm u bdew jieħdu forma ta' toroq dawk l-erbgħa dritti neżlin min-naħa tal-Miżieb lejn is-Santwarju u ċ-ċimiterju tal-Mellieħa li kien għadu kemm tlesta fl-1853. Tnax-il sena qabel, fl-1844, ir-raħal tal-Mellieħa kien ġie maqtugħ minn man-Naxxar u reġa' ġie stabbilit bħala parroċċa għalih, kif kien sa minn żmien antik ħafna.

Sal-1850 dawn l-inħawi tal-Mellieħa kienu għadhom kważi vojta, kollha xagħri, mimlijin blat, xewk u pjanti oħra selvaġġi li kienu jikbru fl-imniedaq tal-ħamrija verġni li kien hemm qalb il-blat. Sa minn żmien il-Medjuevu, dawn in-naħat kienu jintużaw biss biex fihom iġibu l-annimali biex jirgħu u nistgħu ngħidu li n-nies li kienu jgħammru hawn kienu joqogħdu l-aktar madwar is-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa, li kien ilu jeżisti bħala knisja sa minn żmien bikri ħafna, f'xi ftit irziezet imferrxin 'l hawn u 'l hinn u l-kumplament fil-widien għammiela tal-madwar. Ngħidu biss li madwar l-1856 fil-*Melleha*, għax hekk kienet tissejjaħ dak iż-żmien, kienu jgħixu madwar 760 ruħ, li kienu mferrxin fil-Widien ta' Għajn Żejtuna, Ġnien Ingraw, San Niklaw, il-Wied tal-Madonna qrib is-Santwarju, l-Imġiebaħ, Qasam Barrani, l-Aħrax, Selmun u nħawi oħra madwar il-Pwales u Għajn Tuffieħa.

Wieħed jista' jqabbel aħjar dan in-numru meta f'din is-sena l-popolazzjoni ta' Malta kienet madwar 63576 irġiel u 66352 nisa.[1]

L-Ingliżi minn dejjem xtaqu jaraw in-naħat kważi vojta ta' fuq ta' Malta jiġu abitati u allura l-Gvern Ingliż, immexxi mill-Gvernatur it-tenent Kurunell Sir William Reid, kien ta aktar minn elfejn tomna art fl-Aħrax u f'Qasam Barrani bħala ċens għal tul ta' 99 sena, biex iħajjar in-nies jimlew dawn il-postijiet. Ġew imfassla toroq ġodda qalb dawn l-artijiet jew tenementi, inbnew ħafna ħitan tas-sejjieħ u dawk li ħadu l-artijiet qatgħu l-blat, wittew l-art, ġabu l-ħamrija u għamlu għelieqi ġodda. Minħabba din l-għotja ta' art, ħafna nies minn irħula oħra bħal Naxxar, Mosta kif ukoll minn Għawdex li kienu ħadu xi għelieqi jew artijiet, xtaqu jiġu joqogħdu hawn u allura tħajru mbagħad jibnu dar ħalli jkunu qrib għax-xogħol tal-biedja.[2] Din l-art żdiedet ma' dik li kienet diġà teżisti sa minn sekli qabel fil-widien kennija li semmejna aktar 'il fuq u allura żgur li għenet biex il-Mellieħa saret ħolqa agrikola importanti.






Biex jgħin aktar l-iżvilupp ta' dawn l-oqsma, insibu li f'din is-sena 1856 id-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi kien qiegħed itawwal triq ġdida li tgħaddi minn Selmun, bi stima ta' £814. Dan ix-xogħol kien beda f'Diċembru 1851 iżda kien għadu ma tlestiex u kienu ntefqu biss madwar £513.[3] Kienet qiegħda tiġi

mibnija wkoll triq oħra li kienet qed taqsam l-Aħrax. Din kienet inbdiet fi Frar tal-1855 u kellha stima ta' £287. Din tlestiet din is-sena u s-somma stmata serviet eżatt.[4] Din it-triq kienet waħda minn dawk it-toroq paralleli li għadhom jintużaw sal-ġurnata tallum u li jaqsmu l-Aħrax f'tenementi rettangolari ta' art tajba biex fiha jitkabbru għadd ta' prodotti.

Għalkemm kienu għaddew biss ftit snin minn meta kienu nħolqu dawk l-oqsma għall-biedja, s-sena 1856 turina li fil-*Melleha*, li kienet taqa' taħt ir-4 Distrett, kien jitkabbar qamħ f'madwar 284 ejker,[5] maħlut fi 222 ejker, barley fi 53 ejker, ful, piżelli, ċiċri u żrieragħ oħra f'7 ejker, qoton f'79 ejker u magħlef f'62 ejker. Kien hemm imbagħad 14-il ejker użati bħala mergħat u 313-il ejker użati bħala ġonna. Ejker kien fiha madwar 3.6 itmien u allura ta' min jinnota hawnhekk li dawn kollha kienu jitilgħu għal madwar 3730 tomna art li kienet qed tiġi maħduma jew użata għal skopijiet agrikoli, ammont sostanzjali meta tqis li ħafna minnha kienet għadha qed tiġi żviluppata.[5] Naraw ukoll li l-qoton kien qiegħed jiġi mkabbar f'madwar 285 tomna. Dan il-prodott kien imfittex ħafna u kien iġib prezz tajjeb fis-suq, peress li ħafna minnu kien jiġi esportat. Dawk id-927 tomna msemmija bħala ġonna kienu jiġbru fihom l-għelieqi għammiela mogħnija bl-ilma ġieri li sallum insibu fil-widien paralleli li jżejnu l-madwar tal-Mellieħa, fosthom Ġnien Ingraw, il-Ġonna ta' San Niklaw, Ta' Ferfer li jagħmel parti mill-Wied tal-Madonna, Ta' Għajn Żejtuna, Tal-Imġiebaħ u Tal-Imxaxa.



Għal dawk li huma bhejjem fl-istess distrett insibu 89 bejn żwiemel, bgħula u ħmir, 80 annimal bil-qrun, 349 nagħġa u 95 mogħża.[6] Naraw ukoll xi prezzijiet kif kienu dik il-ħabta u nsibu li ż-żwiemel kienu jinbiegħu bejn £10 u £50 il-wieħed, in-nagħaġ bejn £2 u £3 il-waħda, il-mogħoż bejn £3 u £4 il-waħda u l-qżieqeż bejn £3 u £5 il-wieħed. Dawn il-prezzijiet wieħed irid iqabbilhom ma' kemm kienet il-paga dak iż-żmien, jiġifieri 160 sena ilu, fejn insibu li din kienet tvarja bejn 5 Soldi u 2 Xelini kuljum, skont ix-xogħol li jkun.[7] Naraw hawnhekk kemm kienu importanti ż-żwiemel, bgħula, ħmir, baqar, għoġġiela u annimali oħra għax kienu jintużaw fix-xogħol tar-raba', li kien jiġi l-ewwel f'moħħ il-bdiewa Melliħin peress li kien l-għixien prinċipali tagħhom. Nistgħu nżidu wkoll li fid-djar tagħhom dejjem kont issib żewġ kmamar allokati għal dawn l-istess bhejjem u għall-għalf tagħhom.


[ 41 ]

LIST OF MILITARY POSTS UNDER THE CONTROL OF THE WAR DEPARTMENT.

MALTA—Valletta—The whole of the Fortifications including the City of Valletta, Fort St Elmo, Cavaliers St John and St James included, as also the several Barracks, Military Quarters, Hospitals, Guard Rooms, War Department and Commissariat Establishments.

Floriana—The whole of the Fortifications and Out Works enclosing the suburb of Floriana with the Horn and Crown works in advance of the Land Front.

Fort Ricasoli.

Fort St Angelo.

The Fortified Lines enclosing the City of Vittoriosa.
The Fortified Lines enclosing the City of Senglea.
The Margarita Lines (and new Works in course of construction) enclosing the City of Burmola.
The Cottonera Lines.
} No legal transfer of these lines has ever been made to the War Department.

Fort Tignè.

Fort Manoel.

The Signal Stations at Asciack and Ghargur.

The Signal Stations on the roof of the Selmun Palace. { Temporarily under the charge of the War Department the building on which it is erected belonging to the Civil Government.

The Towers and Redoubts in the Bay of Marsascirocco. { No legal transfer of these has been made to the War Department.

Gozo—

Fort Chambray.
Castle, Rabato.
} No legal transfer of these has been made to the War Department.

F'din is-sena nsibu wkoll li fid-Distrett numru 4 tal-Kampanja, li minnu kienet tagħmel il-*Melleha*, kien hawn Sotto Kumitat biex jieħu ħsieb il-provvista tal-ilma u ż-żamma tal-indafa fir-raħal. L-Uffiċjal Prinċipali tal-Gvern fil-*Mellaha* f'dan ir-rigward kien it-Tabib Ġirolamo Mifsud, megħjun mis-Sur Giuseppe Ellul Bonnici.[8] Biex jgħinu lil dawn f'dan ix-xogħol kien hemm, fost oħrajn, ir-Reverendu Dun Giuseppe Baldacchino, Kappillan tal-*Melleha*, ir-Reverendu Dun Vincenzo Grech u t-Tabib Giuseppe Trevisan.[9] Insemmu biss li r-Reverendu Grech kien l-uniku saċerdot, ta' madwar 54 sena, li kien iservi mal-Kappillan Baldacchino fil-Mellieħa ta' dak iż-żmien[10] u li t-Tabib Trevisan kellu l-ewwel u t-tielet mezzanin fil-Pjazza tas-Santwarju mikrija għandu għas-somma ta' 30 Skud fis-sena.[11] Fil-*Mellaha* kien hawn ukoll Spiżerija pubblika, imħallsa mill-Gvern. Din ġiet miftuħa fl-1848 u fl-1856 ġew trattati 234 każ fl-ispiżerija stess waqt li 502 każi oħra ġew trattati fid-djar, b'54 minnhom billejl. Matul din is-sena wkoll saru 40 tilqima kontra xi marda jew oħra.[12]

F'din is-sena nsibu li t-tabib Antonio Caruana Dingli kien inkarigat mill-*Melleha*. Huwa kien ġie appuntat mill-Gvernatur fl-10 ta' Ottubru tal-istess sena b'salarju annwali ta' £40.[13]

Taħt l-ispiża tal-Militar Ingliż, f'din l-istess sena nsibu li fuq il-bejt tal-Palazz ta' Selmun kien hemm imwaqqaf stazzjon għas-sinjali, speċi ta' stazzjon tar-radar. Dan kien taħt il-kontrol tad-Dipartiment tal-Gwerra, għalkemm il-binja tal-Palazz innifsu kienet tal-Gvern Ċivili.[14] Dan il-Palazz kien sikwit jintuża mill-Militar Ingliż biex madwaru jsiru eżerċizzi militari minn suldati Ingliżi stazzjonati hawn Malta u l-pożizzjoni tiegħu, maqtugħ waħdu fil-beraħ ta' Selmun, kienet ideali għal hekk. U la semmejna s-suldati Ingliżi, dawn kienu jitħallsu 8 Soldi u nofs kuljum.[15]

Għal dak li hu Reliġjuż naraw li, fid-daqs, il-*Melleha* kienet meqjusa bħala nofs mil kwadru, bir-Rettur ir-Reverendu Dun Giuseppe Baldacchino li kien jgħix fid-dar parrokkjali. Bħala knisja ewlenija kien hawn is-Santwarju ddedikat lin-Nativitâ ta' Marija Verġni u bħala parruċċani kien hawn madwar 400. Jissemma li f'din il-Parroċċa tal-*Melleha* kien hawn 3 kappelli, li kienu jieħdu madwar 100 persuna kull waħda. Dwar l-attendenza f'dawn il-knejjes jissemma li kważi l-popolazzjoni kollha tattendi fil-Ħdud u fil-festi.[16] Din is-sena sar ħlas ta' 96 Skud biex saru 14-il kwadru tal-kawba tal-Via Crucis flimkien max-xogħol tal-ħadid ta' taħthom u t-twaħħil tagħhom fis-Santwarju[17] kif ukoll 21 Skud oħra lil Giuseppe Galea talli rranġa l-loġġa fil-Bitħa tas-Santwarju li kienet infetħet f'diversi nħawi wara ċaqliqa fit-terremot tal-Ġimgħa, 12 ta' Ottubru tal-istess sena l-1856.[18] F'dan l-istess terremot kien iġġarraf ukoll it-Torri Selmun jew Ta' Għajn Ħadit fuq ir-riħ tal-Imġiebaħ. Is-sular ta' fuq waqa' għal isfel minn fuq ix-xifer għal ġo l-irdum tafli ta' taħt u għadu hekk sallum.[19]



Nota qasira taħt it-titlu ta' Edukazzjoni jissemma Wettinger Giuseppe, li kien professur tal-Matematika u tal-Fiżika. Huwa kien ġie appuntat mill-Gvernatur Ingliż nhar l-1 ta' Ottubri 1840 b'salarju ta' £120 fis-sena. Għandna għax nifhmu li dan Giuseppe kien il-bużnannu tal-Professur Godfrey Wettinger li għex il-parti l-kbira ta' ħajtu fil-Mellieħa.[20]

Qegħdin nitkellmu fuq il-Mellieħa fi żmien meta f'Malta ma kinitx titħallas posta jew bolla fuq ittri mibgħuta barra minn Malta waqt li fuq dawk interni kien hemm pustaġġ ta' 2 Soldi fuq użin sa uqija toqol u 8 Soldi fuq dawk jiżnu bejn 3 u 4 uqijiet.[21] Kien żmien ukoll meta biex iżżomm mejda tal-Billiard ridt tħallas £5 fis-sena waqt li biex iġġorr senter ridt tħallas 10 Xelini fis-sena.[22] Biex wieħed jikri dgħajsa għal Malta kien hemm ħlas ta' 3 Xelini waqt li kirja ta' dgħajsa għal Għawdex kienet tiswa 2 Xelini.[23] Qed insemmi dan kollu biex wieħed ikun jista' jqabbel ftit il-valur tal-flus kif kien dak iż-żmien. La qegħdin insemmu l-flus tajjeb ngħidu hawnhekk li kienet biss is-sena ta' qabel, l-1855, meta kienet ħarġet il-Proklama tal-4 ta' Ottubru 1855 li kienet tgħid li minn dik id-data l-muniti Brittaniċi, jiġifieri l-Lira, ix-Xelin, is-Sold u muniti oħra mislutin minnhom, biss kellhom valuta legali għal kull ħlas li seta' jsir. Dan sar skont l-Avviż tat-30 ta' Novembru 1850.[24] Ngħidu wkoll li, sa dik is-sena, kien għad baqa' fl-idejn ħafna muniti tal-Kavallieri, jiġifieri Skudi, Irbiegħi u Grani, u damu wkoll ankè sa diversi snin wara.

Biex nifhmu aħjar l-istat tal-Mellieħa meta mqabbla mal-kumplament ta' Malta tal-1856, nagħlqu billi nagħtu ħarsa lejn id-dritt tal-vot u kif kienet issir elezzjoni biex jintgħażlu l-membri ħalli jservu fil-Kunsill tal-Gvern. Dik is-sena kien hawn 3953 elettur f'Malta u 395 oħra f'Għawdex. Din il-lista ta' votanti kienet tiġi ppublikata fil-Gazzetta tal-Gvern. Il-Kummissarji nkarigati kienu jillestu l-biljetti tal-voti, iqassmuhom lil dawk il-votanti fuq imsemmija, u wara jumejn jerġgħu jiġbruhom biex jiġu verifikati, u naturalment mgħaduda. Imbagħad il-Kummissarji kienu jiddepożitaw fil-Qorti tal-Appell ċertifikat fuq dawk li kienu jġibu l-aktar voti u wara isimhom kien jidher fil-Gazzetta tal-Gvern. Kull elettur kellu d-dritt isemmi jew jivvota għal erba' persuni fuq il-biljett tal-vot tiegħu.[25]

F'din il-ħarsa qasira lejn dak li kienet il-Mellieħa madwar 160 sena ilu wieħed jista' jieħu ħjiel tal-ħajja li kienu jgħixu missirijietna, ħajja totalment differenti minn dik tallum. Mehdijin fix-xogħol tar-raba' kienu l-ħin kollu jaraw kif jagħmlu biex jirranġaw u jtejbu l-kundizzjonijiet tagħhom biex jaqilgħu l-ħobża ta' kuljum, jissieltu mal-elementi tal-ħajja u tan-natura. Il-pedament li għamlu huma ħafna minnu għadu sallum jitgawda minna, li għarafna mbagħad nibnu fuqu biex illum għandna belt żgħira, imma sabiħa, f'dawk l-inħawi li dik il-ħabta kienu għal kollox maqtugħin mill-bqija ta' Malta.

Tagħrif fuq is-sorsi 1-25 jinsab għand l-awtur.
03.05.2016

# L-Inċident tal-Vapur Skaubryn - 1958

David Bartolo
B(Hons) European Studies (Melit)

Din is-sena ħa nitkellmu fuq inċident partikolari li laqat lil diversi Maltin fosthom anki Melleħin (wieħed minnhom kien iz-ziju tiegħi Toni Bartolo ħu missieri Ġużepp Bartolo) li ġara 58 sena ilu preċiżament fl-1958.

Inċidenti diversi u ta' kull għamla u li ġieli jkunu wkoll traġiċi, iseħħu sfortunatament kważi kull ġurnata u dawn jieħdu prominenza f'kull tip ta' *media* li teżisti. Dan l-inċident li ħa nittrattaw fuqu, kien dak tal-vapur Skaubryn li jseħħ fil-lejl ta' bejn il-31 ta' Marzu u l-1 ta' April 1958 fl-Oċean Indjan. Inċidenti ta' vapuri, il-biċċa l-kbira tan-nies isemmu dak tal-għarqa tat-Titanic li sseħħ fil-15 ta' April 1912 fl-Oċean Atlantiku u anki dak riċenti tal-Costa Concordia li sseħħ fit-13 ta' Jannar 2012 fl-Italja, imma l-għarqa tas-Skaubryn kważi ntesiet għal kollox u għalhekk tajjeb li nagħtu u nfakkru l-ġrajja tiegħu.



L-iSkaubryn dieħel ġewwa l-port ta' Sydney f'wieħed mid-diversi vjaġġi li għamel

L-iSkaubryn kien vapur li jġorr l-emigranti Maltin lejn l-Awstralja u l-għarqa tiegħu kienet l-unika disgrazzja li qatt seħħet fl-istorja tal-immigrazzjoni Maltija bejn l-1946 u l-1974 li f'dan il-perjodu kien hemm moviment ta' kważi 140,000 ruħ minn Malta li telqu lejn artijiet oħra biex jibdew ħajja ġdida hemmhekk.

Qabel nitkellmu fuq x'ġara eżatt, tajjeb li nagħtu sommarju tal-istampa Maltija ta' dak iż-żmien. Wara t-Tieni Gwerra Dinjija, Malta kienet għaddejja minn taqlib politiku, ekonomiku, kulturali u anki soċjali. Il-Gvern Ingliż ma tantx ta trattament tajjeb lil dawn il-gżejjer u lil nieshom avolja kienu taw servizz mill-aqwa u b'lealtà kbira f'din l-gwerra.

L-ekonomija ta' dawk iż-żminijiet kienet ħafna minnha bbażata fuq il-politika ta' bażi tad-difiża Ingliża li wara l-gwerra bdiet tmajna, u dan ġab tnaqqis ta' xogħol. Fl-1958, meta ġara l-inċident tal-iSkaubryn, il-biċċa kbira tal-impjiegi tal-Maltin kienu mas-servizzi tal-militar Ingliż. Fl-1958 Malta kellha popolazzjoni ta' 323,667 ruħ. Minn 88,710 ruħ li kellhom xogħol, 22,480 minn dawn kienu jaħdmu mas-servizzi Ingliżi li kien 25.3 % tat-total tal-impjiegi u mill- inqas 19.2% tal-ħaddiema l-oħra kellhom impjieg li kien jiddependi bil-kbir mill-forzi Ingliżi. Ix-xogħol kien skars u anki l-ħlas u l-ġimgħa tax-xogħol kienet twila. F'dawk iż-żminijiet ma kienx hemm ġimgħa ta' 40 siegħa għal kulħadd imma kien hemm differenzi bejn il-ħaddiema tal-gvern u dawk li jaħdmu mal-privat u kif ukoll differenzi bejn il-ħaddiema klerikali u dawk industrijali. Eżempju kien fejn il-ħaddiema klerikali mal-gvern kienu jaħdmu 42 siegħa u nofs u dawk industrijali kienu jaħdmu 47 siegħa u kwart maqsuma fuq sitt jiem.

Dawn il-fatturi flimkien ma' oħrajn kienu jagħtu lok biex ħafna nies jagħżlu biex jemigraw lejn pajjiżi oħra bħall-Awstralja. Għal perjodi twal ħafna, diversi Maltin telqu mill-pajjiż biex isibu għajxien u futur aħjar. L-emigrazzjoni kienet qiesha r-rimedju naturali għan-nuqqas ta' xogħol u l-qgħad f'Malta. Fl-1957, emigraw 3,285 persuna minn Malta u fl-1958, telqu 3,152 lejn pajjiżi oħra li minnhom 1,643 marru lejn l-Awstralja.

Minħabba l-fenomenu tal-emigrazzjoni, fi ħdan l-awtoritajiet Maltin, għal diversi snin kien jeżisti l-Ministeru tal-Emigrazzjoni u l-gvern kien jagħti skema ta' għajnuna għal min ma kellux mezzi finanzjarji biex jemigra.

Sintendi, il-Mellieħa għal perjodi sħaħ,

speċjalment fis-snin ħamsin u sittin tas-seklu għoxrin, għaddiet ukoll minn din l-esperjenza fejn ħafna minn niesha telqu biex ifittxu ħajja aħjar f'pajjiżi oħra. Statistika miċ-ċensimenti li saru fl-aħħar tas-snin erbgħin, ħamsin u sittin tas-seklu għoxrin juru li l-popolazzjoni tal-Mellieħa naqset. Fl-1948 fil-Mellieħa kien hawn joqogħdu 4,549 persuna, fl-1957 kien hawn 4,299 persuna waqt li fl-1967 kien hawn 4,279.



*Xi Maltin fosthom Melleħin li salvaw minn fuq l-iSkaubryn*

Waqt li tajna ħarsa ħafifa lejn il-qagħda ta' Malta fl-1958, issa naraw x'ġara fl-inċident tal-vapur Skaubryn. Dan il-vapur, li kien Norveġiż, inbena fl-1951 u bejn l-1952 u l-1958 kien diġà għamel sitt vjaġġi bejn Malta u l-Awstralja u kellu bħala kaptan lil Alf Haakon Feste. Fil-vjaġġ tal-inċident, kien hemm madwar 1,082 emigrant, fosthom 169 Malti, mill-persuni kollha abbord kien hemm 200 tifel u tifla fosthom 40 tarbija u 208 membri tal-ekwipaġġ. Il-vapur kien salpa mill-port ta' Bremen, il-Ġermanja ġimgħa qabel wasal Malta.

Il-vapur ħalla Malta fit-22 ta' Marzu 1958 li kien is-Sibt u wara ftit jiem daħal fl-Oċean Indjan. Fil-lejl tat-Tnejn il-31 ta' Marzu 1958, żviluppa xi ħruq fil-magni tal-vapur li kien ilhom jaħdmu biss sitt snin u n-nar beda jinfirex. Il-Kaptan ordna biex kulħadd jabbanduna l-vapur u tniżżlu d-dgħajjes tas-salvataġġ fejn salva kulħadd minbarra persuna ta' nazzjonalità Ġermaniza li mietet b'attakk tal-qalb.



*L-iSkaubryn qed jaqbad*

Fortunatament fil-qrib kien hemm għaddej il-vapur tal-merkanzija City of Sydney u sar kuntatt mill-SS Skaubryn. Dan mar fejn kien qed jegħreq u ġabar il-passiġġieri kollha fuqu. Is-City of Sydney, peress li kien vapur tal-merkanzija, kulma kellu kien akkomodazzjoni għal 30 passiġġier biss. Il-Kaptan ta' dan il-vapur beda jibgħat messaġġi lil vapuri li kienu għaddejjin fil-qrib u fortunatament kien għaddej il-vapur lussuz tal-passiġġieri Taljan ir-Roma taħt il-Kaptan Nimira li kien sejjer l-Italja mill-Awstralja li wieġeb għas-sejħa tal-għajnuna u ġabar il-passiġġieri kollha tal-iSkaubryn.

Il-vapur Roma ħa l-passiġġieri Aden (illum il-Jemen) fejn niżlu hemm fl-4 ta'April 1958 li kienet l-Ġimgħa l-Kbira. Dawn damu hemm tlett ijiem u ġew trattati sew mill-awtoritajiet lokali. Dawn ġew mogħtija anki xi flus u ġew infurmati l-qraba tal-passiġġieri kemm f'Malta kif ukoll fl-Awstralja. Ta' min jgħid li dawn kienu tilfu kulma kellhom u fosthom kien hemm mara Maltija li kienet sejra tiżżewweġ l-Awstralja u tilfet il-libsa tat-tieġ fl-istess inċident.



*Grupp ta' Maltin li ħelsuha minn fuq l-iSkaubryn f'Aden (illum il-Jemen)*

Wara dawn il-jiem, il-passiġġieri ġew meħuda lejn l-Awstralja fuq vapur Ingliż l-SS Orsova fejn tniżżlu fi Freemantle, South Australia u ġew milqugħa mill-Kummissarju Malti u l-awtoritajiet lokali. Il-Kummissarju baqa' mal-passiġġieri Maltin sakemm waslu Melbourne, Victoria fis-17 ta'April 1958. Il-Maltin ta' aktar minn 20 sena ġew mogħtija 50 dollaru Awstraljan mill-istess Kummissarju f'isem il-gvern Malti u dawk li kienu fl-età ta' bejn 14-20 ġew mogħtija 25 dollaru Awstraljan u t-tfal ta' taħt l-14-il sena ġew mogħtija 10 dollari Awstraljani. Minbarra din l-għajnuna, il-Gvern Awstraljan ta 20,000 dollaru Awstraljan bħala kumpens u diversi għaqdiet filantropiċi bħall-Għaqda tas-Salib Aħmar Awstraljana u s-Soċjetà ta' San Vincenz de Paule taw flus u ħwejjeġ.



Last week's average daily sale—140,631
BUREAU FORECAST: City.—Fine. Cool night.—Page 14

**The Herald**

No. 25,222 MELBOURNE, TUESDAY, APRIL 1, 1958 Phones: MF0211 28 PAGES 3d.

# MIGRANT SHIP BURNS, SINKS

## 1300 saved— ocean drama

*Australian Associated Press*

LONDON, Today. — The Norwegian liner, Skaubryn (9786 tons) bound for Australia with 1100 migrants and crew of 200, caught fire and sank in the Indian Ocean today.

Radio reports picked up in Holland said all on board were picked up by the British ship, City of Sydney (7000 tons).

The Skaubryn burst into flames between Aden and Colombo at 2.50 (Melbourne time). She carried 738

**She was built for safety**

The Skaubryn was built in Sweden in 1951 — the first passenger ship in Europe constructed under rigorous safety regulations of the new International Conventions of 1948.

She was owned by the Norwegian shipping magnate, I. G. Skaugen, and registered in Oslo.

She was specially built to carry migrants

THE SKAUBRYN

SAUDI ARABIA
INDIA
Arabian Sea

CONVICTS

*Rapport tat-traġedja f'gazzetta Awstraljana*

Ta' min jgħid li wara din it-traġedja l-Kaptan Feste kien għamel rapport fejn elenka li l-kawża tal-ħruq kien nuqqas ta' ftehim bejn żewġ membri tal-ekwipaġġ, meta xi żejt fil-kamra tal-magni ħareg b'saħħa kbira fuq il-pajpiet tal-*exhaust* sħun.

Din it-traġedja li s-saga tagħha damet sejra tmintax-il ġurnata b'ħafna taqtigħ il-qalb, spiċċat b'wiċċ il-ġid, hija tifkira kerha fl-istorja tal-emigrazzjoni Maltija. Żgur u mhux forsi, apparti x-xokk li ġarrbu l-passiġġieri, kien ukoll xokk għal qrabathom kemm f'Malta, fl-Awstralja kif ukoll f'pajjiżi oħra li kellhom nieshom fuq l-iSkaubryn. Wieħed irid jiftakar li f'dawk iż-żminijiet, il-komunikazzjoni kienet primittiva għall-aħħar u l-uniċi mezzi kienu l-posta u t-telegrammi.

Nispera li din il-kitba sservi bħala għarfien ta' ġrajja pjuttost traġika, bħala parti mill-istorja tal-Mellieħa, fejn persuni Melleħin ġarrbu n-niket u t-tiġrib anki l-bogħod minn xtutna. Minn hawn insellmulhom kemm jekk mietu kif ukoll jekk għadhom magħna f'din id-dinja.



TIMES OF MALTA, WEDNESDAY APRIL 2, 1958

**Malta Migrants Saved From Burning Ship**

**FIRE IN R.F.A. FORT DUQUESNE**

**SOCIAL AND PERSONAL**

**Attempted Homicide Compilation**

**FEAST OF THE RESURRECTION**

**APPROPRIATION BILL ASSENTED TO**

**"Gaslight" in Maltese**

BY A STAFF REPORTER

**WATERFRONT DISPUTE**

**NOTICE**

We hereby inform all our customers who own GEYSERS or WATER HEATERS which are not fitted with a FLUE either because such flue was not ordered or because the customer did not want it, that SUCH FLUE IS ABSOLUTELY NECESSARY and should be FIXED WITHOUT FURTHER DELAY.

BUTAN GAS CO. (MALTA) LTD.
41/42, ST. MARK STREET, VALETTA

**MALTA RACING CLUB**

**RACES AT THE MARSA**

SUNDAY 6th APRIL

SEVEN RACES

Including the Mediterranean Derby Challenge Cup

FIRST RACE at 2.30 p.m.

Next Day's Racing — SUNDAY, 20th APRIL

*Ir-rapport tat-traġedja tal-iSkaubryn kif irraportata fit-Times of Malta*

**Riferenzi:**

Attard, L E. (1999), L-Immigrazzjoni Maltija fis-seklu Dsatax u Għoxrin, PIN

Bartolo D, Sammut J, Sammut J.M. (2007), Analiżi Soċjo-Ekonomika u Ambjentali tal-Mellieħa . GEM-Friedrich Ebert Stifung

Coxhead, W.J.(2015) "MS Skaubryn 1958 " f' http://www.freewebs.com/skaubryn/ (ġie aċċessat fl-20 ta' Lulju 2016)

Sant A.(1988), 28 ta' April 1958 il-ħobż u l-ħelsien, SKS

Times of Malta

Greystone
Bar & Restaurant
Mellieħa

153, Triq Ġorġ Borg Olivier,
Mellieħa
MLĦ 1020

Tel: +356 2152 3499
Mob: +356 9944 6621
Email: greystonepub@hotmail.com



# Trinity Concert Band Visit to Malta

Stephen Kerry

Trinity Concert Band went on tour in Malta at the end of May - this is the first tour by the band for quite a few years - and eagerly anticipated by all who were able to go.

The days were spent as 'normal' tourists, with the weather significantly warmer than at home. So we enjoyed harbour tours, visits to the sights of Valletta, and the surrounding country. The evenings were planned as concert times, either giving concerts or performing together with a local band. Trinity Concert Band was the guest at three band clubs, all with lovely settings and generous hospitality.

The first evening was at The Imperial Band Club at Mellieħa. Based in gorgeous premises with magnificent views over the coast and overlooking the Church plaza, the band were witness to the colourful procession for the local children's first mass before holding a concert in two halves in the spacious plaza area for a lovely audience. Trinity Concert Band performed in the first half, and in the second half were very privileged to join together with the Imperial Band. Both maestros Paul Speed (of Trinity) and Anthony Borg (Imperial Band) conducted the joint band for different pieces, including the newly written piece 'Malta'. This was written specially for the tour by our Bass Trombonist, Len Tyler, based on a cypher of note letters relating to the name 'Malta'. The concert also included traditional marches (The Standard of St George, Holyrood), music from musicals and films (My Fair Lady, Somewhere, Les Miserables), and pieces with more local connections (Maltese Rhapsody, Bella Italia). An appreciative audience enjoyed the music as the sun went down in the warm evening. The band was presented with a beautiful plaque from Imperial Band to commemorate the occasion. Imperial band were presented with a Trinity Concert Band stand pennant and score and parts for 'Malta'.

The next evening concert was held at the St Gabriel Band Club in Balzan. Trinity played a concert to a large enthusiastic audience in their ancient courtyard. Again there was something for everyone, with music from traditional marches and selections, classical, west end musicals and original band music. The concert ended with impressive fireworks and generous hospitality.

Next day the band was treated to a coach tour of parts of Malta including the ancient city of Mdina and the Blue Grotto, by boat. The final concert was hosted by St. Elena Band Club in Birkirkara, in another quite different setting. As with the other two bands, we had a tour of their impressive tour of the band rooms, trophies and historical records. Lastly the extensive underground tunnels were shown,



*Trinity Concert Band playing in a joint performance with The Imperial Band Club at Mellieħa, Malta*



*Trinity Concert Band presented with a plaque by The Imperial Band Club at Mellieħa, Malta*

carefully hewn from the rocks beneath the club and surrounding area for protection in WW2. We enjoyed a very friendly audience in the square. The band later enjoyed wonderful hospitality, meeting the officers and members of the Maltese band.

Every member of Trinity expressed their strong wish to return to Malta, and see more of the Islands. The highlight of the tour was meeting each of the Band Clubs, starting with Imperial, then St. Gabriel and St. Elena. It enabled us to have a Malta Experience beyond the normal tourist visitor, and enjoy making music with friends, which joins us all together. We were most impressed with each band's club. The tour exceeded our expectations and was a great success.

Trinity Concert Band departed to a much cooler UK, all insisting that if nothing else, the band must return to Malta for another tour, having had such a wonderful time with generous musician hosts.








# Viva Santa Marija Tad-'Dgħajsa'

Jos. F. Cachia

L-imħabba u d-devozzjoni lejn Sidtna Marija, Omm Ġesù, kienet ħajja, sa mill-ewwel żminijiet tal-Kristjaneżmu. F'kull art fejn nibtet u kibret ir-reliġjon Kattolika, ser issib tal-inqas xbieha jew santwarju għażiż, iddedikat lejn il-Verġni Marija, Omm Ġesù.

Inħolqu titli u ngħataw ismijiet lilha, li juru kif il-bniedem jaf jorbot flimkien in-naturali mas-sopranaturali. Verità? Leġġendi? Ħolqien il-Moħħ? Effetti tat-tbatija jew il-biża' li ngħaddu minnha aħna lkoll? Minix ċert, liema minn dawn hu s-sewwa, però nistqarr, li jrid ikollok fidi tassew qawwija, biex temmen f'uħud minnhom.

Dawn kienu l-ħsibijiet li għaddew minn moħħi, hekk kif, nhar l-Erbgħa 23 ta' Marzu 2016 ħabib, poeta, għalliem Galizjan, ħadna lili u lil ibni, inżuru u naraw ftit mill-bosta dehriet memorabbli, matul il-Costa da Morte, (Xatt il-Mewt), fil-Galizja, Spanja. Kont naf li sabiħa din l-art, minn xi kliem li kont smajt fuq CD, 'Nunca Mais' dwar diżgrazzja ambjentali fl-istess ibħra.



*Mewġ qawwi tal-Atlantiku jaħbat mas-Santwarju*

Xorta waħda imma bqajt imbellah bil-qawwa u s-setgħa tan-natura li rajt.

Rebbieħ tal-premju Poeta Żagħżugħ Ewropew, ta' dik is-sena, Miro Villar, kien żar Malta, fis-sajf tas-sena 2002. Imwieled f'Cee, raħal ċkejken, hu kien kiteb bosta poeżiji dwar pajjiżu. Ibni kien qaliblu xi wħud minnhom għall-Malti u saru ħbieb kbar. Jien kont stedintu biex nurih kif fil-Mellieħa wkoll għandna Santwarju mimli b'ex-voto li ngħataw minn baħħara wara li hu kien semmieli dwar it-traġedji tal-Costa da Morte. Minnbarra li żorna flimkien is-Santwarju, konna tlajna wkoll sa fuq il-kampnari u l-bejt tal-knisja parrokkjali, u wara ġibnieh sal-Każin Imperial, fejn ħadna xi ħaġa ħafifa. Kont ktibt dwaru fil-magażin tal-Imperial tas-sena 2003.

Kien ilni nixxennaq li naraha din il-famuża Costa da Morte, però kellhom jgħaddu erbatax-il sena, biex rajtha mill-qrib. Kont ma' ibni, f'Santiago de Compostela, meta hu kien ġie l-lukanda bil-karozza tiegħu biex ħadna nduru u naraw bosta nħawi ta' interess storiku, fil-Galicia del Nord. Fost tal-ewwel li rajna kienet Fisterra, (Finis Terra jiġifieri tarf id-dinja). Qabel Kristofru Kolombu kien 'sab' l-Amerika, dan kien maħsub li hu l-post fejn tintemm id-dinja.

Irdumijiet weqfin, xtajtiet imrammlin, riħ qawwi, mewġ kbir joħloq rawgħa madwar skollijiet ppuntati, gawwi u tajr ieħor tal-baħar itiru bla waqfien ilkoll joffru xeni spettakolari. Mewġ feroċi li ġej mill-Atlantiku, li jkarkar u jkisser kulma jsib quddiemu. Mhux ta' b'xejn li ilha li ssejħet Costa da Morte, għaliex f'inqas minn mitt sena kien hemm iktar minn sittin nawfraġju, f'dawn l-inħawi. Aktarx li l-agħar traġedja kienet dik tal-HMS Serpent, li fih, fl-1890, kienu għerqu 172 baħħar Ingliż. Ġrajja oħra




*It-tanker 'Prestige' maqsum minn nofs kawża tal-maltemp*

kerha kienet dik tal-qasma minn nofs tat-tanker 'Prestige', fit-13 ta' Novembru tas-sena 2002 . Dan kien niġġeż ix-xtut kollha minn dawk Baski ta' Franza sa dawk tal-Portugall. Bnedmin ma mitux, imma nqatlu eluf kbar t'għasafar u ħlejjaq tal-baħar. Alla biss jaf kemm fl-istess inħawi mietu eluf ta' baħħara u sajjieda, fis-sekli ta' qabel.

Kien hawnhekk, ftit 'il bogħod minn Fisterra, li smajt bil-leġġenda/storja tal-Verġni tad-Dgħajsa (La Virgen de la Barca). Taħt sema griż, żorna, (minn barra biss,) santwarju, li kellu faċċata lixxa b'żewġ kampnari u salib bejniethom. Miegħu hemm marbutin diversi leġġendi.



Il-blata li tiżfen

Leġġenda minnhom issemmi kif il-Verġni Marija waslet f'dawn l-inħawi ġo 'dgħajsa' tal-blat, biex tqawwi lill-Appostlu San Ġakbu, (Sant Iago, bl-Ispanjol), wara li ma ntlaqax tajjeb min-nies tal-belt ta' Duio. Bħala kastig talli, flok semgħu kliemu, dawn taw qima lix-xemx, il-belt sfat mgħarrqa taħt l-ilma, u kulmin kien jgħix fiha għeb minn wiċċ l-art. L-Appostlu rtira lejn ix-xtut ta' Muxia, u talab lil Alla sabiex in-nies jieqfu mill-mibgħeda u jisimgħu il-prietki tiegħu.


Il-blata li tfejjaq

Minn dak il-mument inħolqu leġġendi dwar xi wħud mill-bosta blatiet kbar li hemm qrib ix-xatt. Dawn taw bidu lil għadd ta' riti li bdew isiru fuq l-istess blatiet. L-iktar waħda magħrufa hi dwar il-blata, hekk imsejħa "Roca de Alabar". Din jingħad li qiegħda fuq il-post fejn l-Appostlu iltaqa' mal-Verġni Marija. Peress li fiha 8.7 metri tul, u tibbilanċja, intqal li jekk tkun bla ħtija tista' 'iċċaqlaqha' u dnubietek jinħafru, imma jekk le, il-blata ma tiċċaqlaqx. Xi drabi l-blata tiċċaqlaq weħidha, u dan ikun ifisser li ġejja xi disgrazzja.

Il-wisgħa tagħha hu ta' kważi seba' metri. Dawn l-aħħar snin ġarrbet xi ħsarat mill-maltemp, li anke ċaqlaqha mill-post oriġinali tagħha, u kellha titreġġa' lura hemm. Filwaqt li matul il-gwerra bejn Kastilja u l-Portugall il-blata qatt ma bbilanċjat, jingħad li kienet tat skoss qawwi ħafna, meta darba xi ħallelin taw is-salt biex jisirqu mis-Santwarju u li b'hekk qajmet lill-ġirien u dawn qabdu lill-ħallelin.

Blata kbira oħra nteressanti, hi l-hekk imsejħa, Pedra dos Cadris, jew aħjar "tal-Kliewi". Din jingħad li għandha setgħat li tfejjaq xi uġigħ, bħal pereżempju, tad-dahar, tar-ras, kif ukoll mard tal-kliewi. Biex tfiq mill-uġigħ, trid tgħaddi disa' drabi minn taħtha, peress li fiha sura ta' kliewi. Jingħad li din il-blata kienet il-qlugħ tad-dgħajsa tal-Verġni. "La Pedra del Timon" mhux daqstant tqila li fiha tara t-"tmun" tad-Dgħajsa għax tassew tixbah lil tmun ta' xi vapur.

Qrib xtajta mrammla, mhux tant 'il bogħod minn dawn il-blat hemm żewġ blatiet, li wkoll ma tantx trid immaġinazzjoni biex tistħajjilhom żewġ namrati. Għalhekk tissejjaħ "La Pedra o Furna Dos Namorades".

Leġġenda oħra ssemmi kif darba, wara li kienu daħħlu x-xbieha tal-Verġni fil-knisja ta' Muxia,


Is-Santwarju qrib il-baħar

belt fil-qrib, l-istess xbieha għebet mill-knisja u reġgħet instabet fuq ir-Roca de Alabar, mnejn kienu neħħewha qabel. Għalhekk kienu qatgħuha li jibnu s-Santwarju tant qrib il-baħar.

Il-festa tiġi ċċelebrata fit-tieni Ħadd ta' Settembru, ftit iktar minn ġimgħa wara l-Vitorja, f'Malta. Din is-sena 2016, ser tkun fis-16 ta' Settembru. Festa li torbot id-devozzjoni tal-baħħara u s-sajjieda lejn il-Verġni tad-"Dgħajsa" mat-tradizzjonijiet u s-superstizzjonijiet Kelti tal-blat. Dejjem issib lil min jittanta 'jżeffen' lil Roca de Alabar, biex jikseb xi xewqa minn tiegħu, waqt li ma jonqsux dawk il-bosta li jitkaxkru mal-art minn taħt il-Pedra dos Cadris, sabiex tfejjaqhom mill-uġigħ.



*Il-Purċissjoni bl-istatwa*

Is-Santwarju nbena fejn, qabel mar-residenti saru Nsara, kien hemm Maqdes tal-Kelti (Celtic Shrine). Il-Konverżjoni saret fis-Seklu 12, però s-Santwarju nbena fl-1719. Il-faċċata hija binja sempliċi li ftit li xejn fiha skultura. Iż-żewġ kampnari żdiedu fl-1959. Is-Santwarju għandu sura ta' salib Latin, b'tul ta' 33 metru, u d-"dirgħajn" fihom 19-il metru. Ħitan ħorox, sammi minn barra, imma minn ġewwa kienu miksijin b'ħafna tiżjin. Hemm seba' artali, li lkoll imdawrin bi statwi jew rilievi tal-appostli, jew il-patrijarki kbar tar-reliġjon Kattolika, flimkien ma' tiżjin ieħor ta' anġli, iljuni, kastelli, xmux, kwiekeb u oħrajn. Ilkoll huma ndurati bid-deheb jew ta' materjali għonja.



*L-Artal Maġġur*

Kollox juri kemm u b'liema devozzjoni kien miżmum dan is-Santwarju. Ħasra li, nhar il-Milied tas-sena 2013, waqt maltempata tipika kif taf tagħmel fil-Galizja, sajjetta minn 162 li ġew irrekkordjati fl-inħawi bejn il-5.00 am u s-7.00 am, laqtet *power line*, biex bdiet nar li qered kulma kien hemm fis-Santwarju.

Mhux magħruf jekk ir-Roca de Alabar iċċaqqalqetx jew le, qabel jew waqt il-maltempata!

**SELMUN**
**TAL-FNIEK**
**Bar & Restaurant**
***Specialising in Maltese Dishes, Rabbit, Horse Meat, Quails, and Delicious Pizza.***
**Large Groups are Welcome**
**Tel: 2157 2984 • Mob: 9944 6225**

**LIVE Sport events on BIG SCREEN**

# Cantamici Choir in Malta

Bryan Lewis



Cantamici, a Choir from the City of Leicester (which conductor David Necklen never ceased to tell audiences at our concerts is renowned for the success of its football team as Premier Division champions, and the final resting place of King Richard III, 630 years after his death at Bosworth Field), hugely enjoyed its visit to Malta in the first week of June. The success was in no small measure thanks to the generous welcome we received from the Imperial Band Club in Mellieha, the conductor of the Band Tony Borg, the arrangements made by Delyth's father Geoff Thomas and stepmother Julie (both of whom accompanied us to all our events), the generosity of Mellieha's Local Government and the effective arrangements made by Deputy Mayor Clayton Bartolo and the thorough and efficient groundwork of John Thawley. Nor do we forget 'Comptroller General' David Piper.

We were privileged to be invited to contribute to the annual Mellieha International Music Festival. On arrival on Tuesday evening we sat in awe to hear the rehearsal of the Imperial Band of Mellieha. The Grand March from 'Aida' almost literally one felt might bring the roof down. We were to visit the Band Club more than once. On Wednesday evening we were delighted to join the members of the Band and Choirs there for dinner. On the Tuesday I spotted a restaurant in the square advertising 'Traditional Maltese Food'. I asked John Coles who had come to Malta with Sally two days earlier what 'Traditional Maltese Food' was. He replied 'big helpings'. The meal laid on by the Band Club bore that out!

Participants won't need reminding that we were worked hard with rehearsals and five concerts in four days, albeit three of them were short programmes. The first was at the Ministry of Gozo Exhibition Hall in Victoria where, totally, unexpectedly it rained – but before we sang, not inspired by our singing. The Thursday evening concert in the strikingly modern, acoustically responsive St. Joseph's Roman Catholic Church in Manikata, was the opening event of the Mellieha International Music Festival 2016 organised by the Mellieha Local Council. On Friday we travelled into Valletta by the coast road with an informative commentary from Geoff. In the evening we sang in St Paul's Pro-Cathedral with its lovely acoustic.





The crypt undercroft made for an exceptionally spacious changing area with perilous steps into the nave. On Saturday we sang at lunchtime in the Sanctuary of Our Lady of Mellieha.

In the evening we joined the Imperial Band and Choir and the Sanctuary Choir to perform in the square on a quintessentially warm Mediterranean evening where our familiarity with the programme was fully tested, given there was no back lighting or face-back sound to enable us to read our music or hear what was being sung or played!

So much for the 'business' side of the tour. A few random recollections follow:

- drama at Birmingham Airport where Brian Moore contrived to lose a shoe – for a time – and the keys to his case.
- our unexpected pleasure at the substitution of the planned hotel by The Riviera Resort and Spa in Marfa Bay. Its location and comforts were splendid and coach travel from there to our venues was first rate;
- the handsome settlement of Mdina, wondrously situated;
- red telephone and pillar boxes;
- absence of litter and graffiti (at least where we went);
- modern coaches and buses which have replaced the 'clapped out' vehicles of yesteryear;
- contrasting road surfaces – rough to smooth and back again;
- stunning views of the Grand Harbour in Valletta;
- the baroque splendour of the Roman Catholic Cathedral in Valletta where some of us heard a Norwegian male voice choir singing a mass by Gounod (though we did not envy them being dressed in heavy morning suits);
- Delyth thanking our host in Maltese;
- Andrew forever taking photographs (thank goodness);
- the participation of our guests, some of whom were former members;
- our loyal and supportive camp followers;
- warm sunshine (after Wednesday);
- greenery back in England – hardly surprising after such a wet June – which contrasted with the vegetation-free much of Malta;
- Brian Moore's Ode.

We all had a thoroughly enjoyable visit (helped enormously by the warm, sunny weather), appreciated the opportunity to explore Malta, welcomed the chance to sing in some lovely buildings and grasped the hands of new musical friends. Thanks again to all those new friends!

George's Bakery

22, Main Street, Mellieħa
Tel: 21 520685

Jawgura l-Festa t-Tajba lil Kulħadd



# Il-Kotra fil-Festa

Philip Borg

Fil-misraħ tal-knisja inġabret il-kotra
biex tidher qalb waħda f'dal-jiem daqshekk sbieħ,
għax waslet il-festa u r-raħal vetrina
għatxan biex igawdi fil-ferħ bla mistrieħ.

It-toroq imlewna b'kull sett bandalori,
mal-pavaljuni, bradelli u tiżjin,
bil-baned jimlewna bil-marċi tal-briju
u dlonk iferrħuna, kuljum u kull ħin.

Filgħodu w fl-għaxija bil-ħsejjes u d-daħna
b'murtali u blalen kull daqs kollha lwien,
min jaf kemm raw sogru, kemm swew ħin u ħila,
ħa jpaxxu lill-kotra u jdawlu l-ħolqien!

Il-kotra tingħaqad għax waslet il-festa
u moda li tidher bħal poplu ferħan,
hekk sew li jitgħannqu biex jidhru bħall-aħwa
bit-tama li x-xena mhix żiffa duħħan...

Il-birra bħal duwa li tnessi stalletti
u l-għaraq li jaħsel l-intejjen tas-snin,
għax hekk sew u xieraq ladarba tal-festa,
ħa nidhru l'aħn'aħwa qalb waħda mbewsin.

Imbagħad hemm il-knisja, bilħaqq hemm il-knisja!
Suppost hija l-qofol fis-sens reliġjuż,
għad illi għal ħafna mużew bit-teżori
bil-kotra tiftaħar bil-wirt tant glorjuż.

Fir-raħal impitter fuq l-għolja sultana
li tfakkar lil niesna rebbieħa, twajbin,
b'eżempju għalina biex nirbħu fi żmienna
kull għelt u kull firda li jfiġġu mas-snin.

Imqar daqs il-fided, tiżjin u bradelli
hemm aktar imħabba u għożż' għal xulxin
tul sena mhux ġimgħa, fil-misraħ, fi djarna,
imqar li ningħaqdu bħal aħwa Maltin!

Xħin tgħaddi titbandal fil-misraħ l-istatwa
il-kotra ċċapċpilha lis-sbejħa Bambina,
kemm iktar nixtieqha tixtarr x'qed tgħallimna
biex ngħixu ta' nsara, u l-barka turina!

*Birkirkara*
*18.vi.2016*

**The Veggie Truck**
Mobile Fruit And Veg Specializing in the very best local and imported produce
*David Vella (Owner)*
*9962 9372 / 9965 7483*
*Delivery Service Available*
*jovella1@gmail.com*





# Il-Kmandament Numru Ħdax

Paul P. Borg

Dażgur li naf li kienu għaxra biss il-Kmandamenti!

*Dażgur li naf li kien Alla li naqqax l-għaxar Kmandamenti lil Mosè, wieħed Lhudi mit-Testment il-Qadim! Dan nafuh mill-Eżodu, Kapitlu 20.*

*U naf ukoll li kienu għaxar kmandamenti* ***ċari*** *u tondi fl-amar tagħhom, la toqtolx, la tisraqx, la tiżnix, u l-bqija, espliċiti, imma nħoss bl-umiltà kollha – anzi nażżarda bir-rispett kollu naħseb – li kien hemm wieħed nieqes li ma nkitibx ċar u tond bħala kmand* ***ċar*** *lill-umanità. Nibża' ngħid dan, imma mqar f'moħħna u fil-kuxjenza tagħna bħala bnedmin fuq din l-art tagħna, naħseb li wieħed* ***għandu bżonn sewwa*** *jaġġorna mal-****ħtieġa*** *taż-żminijiet: tabilħaqq hemm bżonn li wieħed jibda jitkellem ukoll fuq il-kmandament* ***ġdid*** *ibża' għall-ħolqien! Speċjalment Malta!*

*Din is-silta li ġejja hi meħuda minn rumanz ġdid li għadu kif ġie mniedi m'ilux, u li jismu "****Il-KMANDAMENT NUMRU ĦDAX - ħobb lill-ħolqien****". Ir-rumanz hu ġrajja mimlija avventuri li jgħaddi minnhom żagħżugħ Malti jismu wkoll Mosè meta Alla jgħaddilu l-kmandament li ma jidhirx fost l-Għaxra li kienu tnaqqxu lil Mosè tal-Iskrittura fuq il-muntanja Sinaj.*

**...mela Alla jista' qatt jinsa?...**

"Mur ġib zappuna," qallu darba missieru. Kien għadu ma dalamx sewwa, kien dieħel is-sajf u l-jum kien ġmielu jitwal. "Aqbad unqox dok il-basal... u ħsiebek hemm Musè..."

It-tfajjel ma qalx le, imma mtela ferħ għax kien sa jibqa' ftit ieħor hemm fuq. Obda lil missieru, mexa lejn il-għorfa fejn kellhom l-għodda biex iġib iz-zappuna ċkejkna bil-marloġġ qasir li kien juża hu.

"U turqodx tofx!" qal missieru qabel telaq. Kien jaf il-missier li ibnu Mosè kellu ħabta jiċċassa, jintilef idur qalb il-friegħi tal-ħarrub u qalb ix-xtieli u qalb is-sagħtar tax-xagħra ta' rdum, mitluf jilgħab, mitluf jiċċassa lejn il-bebbux u lejn is-sriep u l-lifgħat jew il-gremxul li donnhom kellhom ħabta joħorġu jixirfu meta jkun hemm it-tfajjel għax jafu li kien iħobbhom, ma jasal qatt jaħqarhom, kien jieqaf jitkellem magħhom, iżiegħel bihom u huma jiqfulu ċassi jarawh hekk mitluf bi ġmielhom...

Missieru sellem lil Toni l-bidwi, ġar li kien jaħdem fil-ħabel qrib, u rħielha lejn id-dar.

"Niżżlu miegħek lil Musè, Tuni," kien l-aħħar kliem tal-missier qabel qabad triqtu 'l isfel.

Mosè kien safa' waħdu fir-raba' ta' missieru, nitfa ta' tifel sultan tal-irdum. Lil hemm fil-ħabel biswit kien hemm Toni, bidwi twil, minn dejjem xiħ, minn dejjem mgħawweġ tnejn mal-wiċċ tar-raba'. Mosè kien jaħsbu biċċa mill-irdum bħalma kienet il-ħamrija, bħalma kienu s-siġar qodma tal-ħarrub. Jew bħalma kienu l-friegħi tat-tina fejn il-ġiebja. Bħalma s-siġġu dejjem ikun mal-mejda kien Toni fuq l-irdum.

Qalb it-tfajjel libtet dakinhar, ferħ kbir ħakmu, ħataflu ruħu u ħataflu ħsibijietu bħalma kellu ħabta jiġri meta jsib ruħu waħdu qalb dak il-ġmiel. Mosè waqaf iħares lejn il-ħaxix imnibbet madwar iz-zkuk tal-basal, u waqaf. Inqabad mill-ħsibijiet li kienu jiġru minn rokna ta' moħħu għal oħra bla ma jħalluh bi kwietu.

Kien daqsxejn ta' tifel żgħir iħares lejn il-ħwejjeġ madwaru, imma qatt ma ħass li kien xi ħaġa aktar minn kull ħlejqa. Ukoll minn biċċa ħaxixa li kien qiegħed jaħsdilha ħajjitha biz-zappuna tiegħu. Minn ċkunitu kien intebaħ li hu ma kienx hu waħdu imma hu kien ukoll il-bebbuxu mgħaxxex fil-ġebla samma bħalma kien ukoll il-gremxula ttir minn ġebla għal ġebla. X'ikun li jnibbet l-aħdar mill-ħamrija, imnejn jiġu dawk iz-zkuk moħbijin fil-baħħ tad-dinja tat-trab, x'ikun li jbiddel it-traba maħmuġa f'meraq mill-ifjen fil-qalba tal-basla taħraq jew tal-bettieħa li tintefaħ fl-art jew tal-larinġa mdendla? X'ikun dak it-trab tal-art li jsir bebbuxu jew gremxula, u

għaliex pepprina ssir ħamra u ġarġira ssir safra, għaliex l-ilma jaħrab u t-trab ħafif itir, għaliex iż-żrara iebsa u t-tuba titfarrak?

Minn dejjem stagħġeb jara dan kollu u minn dejjem stagħġeb imqar jara d-dell quddiemu u x-xemx warajh, il-qamar fil-għoli u l-qamar jitfellel, jara xagħru jitwal, imqar jara jdejh jiċċaqalqu l-istess bħalma jiċċaqlaq il-kelb u bħalma tiċċaqlaq il-qattusa għadha kif ħarġet minn żaqq ommha, id-dubbiena ttir u d-dudu ikrah ifaqqas mill-imsaren tal-qanfud mejjet li ħadd ma kien radam...

Kif jista' dat-trab, dal-frak tal-ħajja jsir annimal hekk ikrah – jew annimal hekk sabiħ? X'ikun dal-ġenn li minn żaqq mara toħroġ tarbija li titbiddel ftit ftit, bħallikieku l-frakiet jimmultiplikaw irwieħhom, bħalma l-frak tat-trabiet tal-ħamrija u l-frakijiet tal-ħajja jitbiddlu u jsiru l-qalb jew l-imsaren jew l-għadam jew qoxra tal-bebbuxu jew qoxra tal-bettieħa jew zokk kbir tal-ħarruba jew biċċiet ta' bhima tiċċaqlaq, idejn, saqajn, ġwienaħ, ħuta żżiġġ fl-ilmijiet, tajra li ttir 'il fuq 'il fuq...

Kien qiegħed idur minn naħa ta' rdum għal oħra t-tfajjel Mosè, iz-zappuna f'idejh sewwa; kien sultan t'hemm fuq, nesa dak li kien qallu missieru, imma bħal dejjem mixrub f'dawn il-mistoqsijiet, mitluf bejnu u bejn ruħu f'dawn il-misterji ta' ġmiel il-ħajja li ħadd ma jifli. Il-ħin kien għaddej sewwa u x-xemx kienet ġmielha tersaq lil hemm mill-għoljiet biex tinqaleb kif kienet tagħmel kuljum kuljum.

Mosè kien baxxut jara l-ħanżir l-art jitgerbeb taħt ġebla li qaleb, u n-nemel miexi serbut twil twil issa lil hemm u issa lil hawn.

"Qed tilgħab Musè..." Kien Toni l-bidwi ġar. Leħnu baxx Toni, bniedem twajjeb, qalbu f'idu. "Huwa missierek ma qallekx tunquxlu l-basal? Għidli naqra..."

Toni ħares lejh jarah mitluf jara dawk il-ħlejjaq ċkejknin għaddejjin b'xogħolhom u tbissem lil Mosè.

"Issa kbirt ent, Musè!" Toni tbissem, serraħ l-għodda mal-ħajt u tbaxxa ħdejh. "Għudek tilgħab bin-nemel u d-dud..."

Ix-xwejjaħ taptaplu fuq dahru. Mosè kien jaf li Toni ma kienx bħall-bqija. Toni kien bniedem li f'ħarstu kellu ħwejjeġ li kien jifhimhom hu biss. Toni kien iħares lejn l-irdum u lejn il-ħamrija u lejn il-ħarrub bħalma kien iħares hu; kien jafha dil-biċċa Mosè. Toni kien iżiegħel bil-ħamrija, u bis-siġar, kien imelles il-ħmara tiegħu bħalma kien imelles il-kelba u lix-xitel tas-sagħtar, iqim il-bużbieża daqskemm iqim ix-xewka tal-bajdi, jifraħ bit-tniggiż tax-xewka daqskemm jifraħ bir-ranċis ifuħ. Toni kien jifraħ jara l-ġmiel tan-natura madwaru, ma kienx kliem li jaf jgħidu dan iċ-ċkejken Mosè, imma kien iħossu. Kien jaf li Toni ma ddejqux ir-riħa tal-ħamrija mqallba daqskemm ma ddejqux ir-riħa tad-demel imqalleb fuq il-miżbla.

"Issa la teqleb il-ġebla lura," kien qed jgħid Toni, "muħħok hemm, Musè! Muħħok hemm, sabiħ, tofx, għax tehriżhem dok il-ħanżir l-art... ma ssibx kif kienet il-ġebla eżatt u hu jkun iċċaqlaqlek... mela muħħok hemm, ara, farfru ftit lil hemm, ara, hekk... hekk... qiegħed dil-laqxa taħt ħalli l-ġebla ma tintelaqx għalkillex mat-trob... hekk, hekk... Hawn min jaħqar imqar nemlu appusta, Musè... imma inti mhux hekk... hekk narok jen."

"Dok iweġġa' wkell, Tun," qal Mosè.

"Dok ħija mhux killu ħajja!" wieġeb Toni. "Mhix killex ħulqien t'Alla dawk! U l-ħulqien jekk taħqru mhix killu jgħid l-aħħ! Dażgur li jħissu u jweġġgħew dawk. Ikilli ngħid ukill il-ħarrub iwaġġa' u t-tin ukell jgħid l-aħħ u d-dielja meta nużburha ma tofx tgħajjat imma l-aħħ ikilli ngħid li tof tgħidha f'qalbha."

"Mhux aħna bess!"

"Il-bhejjem killha jgħidu l-aħħ u jkilli ngħid il-ħulqien killu, bis-siġor ukell! Il-bniedim għandu l-muħħ u jaħseb, dok killex. Hekk magħġunin aħna, nofu naħsbu u nofu li qegħdin naħsbu, dok killex... Mhux mit-trub ġejjin aħna wkell! Imma nofu naħsbu... Imma ma nofx kif jaħsbu l-ħarruba u d-dielja jien, imma jaħsbu wkell għax meta jridu jurqdu u meta jsirilhem il-ħin iqumu mal-istaġun, bħalma t-tiġieġa tqum u turqod max-xemx, u bħalma aħna nqumu u nurqdu mad-dawl li vvintajna billejl! Għax qebel max-xemx ukell kinna aħna, tof xej'!"

Toni ra lit-tfajjel issummat iħares lejh, maqbud f'dak li kien qed jgħidlu. Toni tbissem.

"Ara li jkillek hawn jaħdem, Musè!" qallu u messlu qalbu. "Ħafna drobi trid taħseb ukell b'qalbek ibni, tof xej'! Mhux bilfurs taħseb bħall-bqija imma trid tħess ukell... għalhekk il-ħanżir l-art għamilnielu l-laqxa... imma mhux kulħadd jof jeħseb b'qalbu... inti tof hiex vieru, Musè!"

U tbissem Toni. Feraħ mhux ftit meta lil Mosè ma rahx jitfixkel. Ma nfixel xejn Mosè meta Toni qallu li jeħtieġ ikun bniedem li jaħseb b'qalbu. Dan-naqra ta' tfajjel li l-ħsieb tal-moħħ u l-weġgħa u l-ferħa tal-qalb ġa jaf iġarrabhom meta jintasab qrib it-trab tar-raba' u tal-bqija tal-ħolqien. Kienu kwalitajiet rari fil-bniedem, ħaseb Toni, imma daċ-ċkejken Mosè kien twieled bihom mal-laħam u mad-demm li sawwarlu ġismu.

"Ħallina minn don, Musè!" qal ix-xiħ wara ftit ħemda. "Ejja nunqxulu l-basal lil missierek, ejja ntik daqqa t'id, ħeffef... Għax nurqdu haw' inkella! Għeddu dalam!"

Imma Mosè kien ferħan wisq b'dak li kien qed jisma'.

"Daqskemm hawn sabiħ hawnhekk!" qal Mosè.

U ma ċċaqlaqx imnejn kien.

Toni ħares lejn it-tfajjel. Fi ħbub għajnejn Mosè kien hemm imħabba kbira moħbija lejn dak il-ħolqien li kienu jitkellmu fuqu. Kienu ħwejjeġ li t-tfajjel kien biss iħoss u ma jaf xejn aktar fuqhom. Toni tbissem. Hu wkoll ħass qalbu tfur jara ħlejqa hekk ċkejkna miġbuda hekk lejn il-ħolqien, lejn is-sagħtar u l-ħarrub u l-blat iebes ta' rdum daqskemm imqar ġurdien jew xewka jew miżbla. Toni ħaddan liċ-ċkejken Mosè miegħu.

"Haw' sabiħ hux, hawnhekk?" qal Toni. "Tħessu s-sabiħ, hux vieru?"

Mosè baxxa rasu. Għajnejh mimlijin dmugħ ma jafx għaliex. Idejh jiżżerżqu jmellsu l-ġebla ħdejh, imellsu l-weraq twil twil tal-basla fix-xifer tal-ħabel li suppost beda jonqox.

"Imma ifhem don li sa ngħidlek, Musè," qallu Toni. Imbagħad baxxa leħnu x-xiħ.

"Il-ġmiel li tara mhux taroh tkun qiegħed, imma tħissu! Il-ġmiel tal-ħamrija hawnhekk qiegħed, f'qalbek, killu hemm qiegħed, Musè. Il-ġmiel tal-ħarruba fil-qalb qiegħed ibni, hu wkell, u tat-tina u tax-xemx u tal-qamar u tal-ħulqien killu kemm hu fil-qalb qiegħed, Musè! Il-ġmiel tan-nogħġa u tal-ħmora u tat-tiġieġ killu fil-qalb qiegħed!"

Mosè waħħal ħarstu f'tax-xiħ.

"Ukill il-ġurdien u l-far meta qatlulkhem iż-żromeġ..." qal Toni. "Dok ukill ħulqien Musè... hekk jof jagħmel. Dok qaddisu!"

It-tfajjel kien qiegħed jisma' għall-ewwel darba f'ħajtu jinfirxu quddiemu s-sigrieti tan-natura li ftit wisq mill-ħolqien qatt fehem jew ħass.

"Dok kililhem imsorinhem," kompla Toni. "Imma hu wkell il-ġmiel tal-ħulqien t'Alla, xurta waħda!"

Mosè ċċassa lejn ix-xiħ għax kmieni f'ħajtu fehem il-bżonn tal-qalb u l-bżonn tal-bikja tal-ferħ bħalma kien qiegħed jibki hu. Bla jaf għaliex ħass ferħ kbir, ukoll jekk bħala naqra ta' sabi jiġġerra fl-għelieqi ma kienx jaf li kien imnissel fih mill-ħolqien madwaru.

Bħalma kien jibki t-tfajjel Mosè, hekk ukoll kien qiegħed jibki wkoll f'daqqa waħda x-xwejjaħ Toni. Dmugħ sħun u dmugħ misterjuż mimli hena nieżel ma' ħaddejhom, tal-wieħed wiċċ lixx u tari bla ebda tiġrib tal-innoċenza; tal-ieħor xieref, imħaffer bil-kanali tas-snin u tat-tiġrib. Tal-wieħed dmugħ tal-ferħ tal-ħolqien li kien, bħallikieku fulu għadu kemm sponta f'xitla zokk abjad abjad sa jibda jiħdar fil-ħajja 'l fuq mill-wiċċ tal-ħamrija – bla ma jara l-budebbusa mistoħbija għalih. Tal-ieħor dmugħ mimli bil-ferħ tal-ħolqien qawwi u setgħan, imma jaf bil-qerq ta' min jeqred bl-addoċċ il-ħajja tal-ħolqien.

Mosè ma setax jieqaf u Toni ħass ukoll qalbu tinqasam jara nitfa ta' tfajjel diġà maħkum mill-ġmiel tal-ħolqien ukoll jekk għadu bilkemm jaf jaqbad zappuna b'idejh, u ma jafx bl-uġigħ ma jaqta' xejn li jġarrab il-ħolqien.

"U hawn min il-ġebla jaraha flus, Musè!" kompla Toni. "Għod tikber u tara kemm jeżistu nies illi l-ġebla u t-trob għalihem huma biss flus. Dok hu l-ġmiel li jaraw. Għax kill ħoġa fil-ħulqien kulħadd jaraha kif irid imma tħissha biss b'qalbek, intix tifhem... Għodek żgħir biex tifhem don killu... għodek żgħir, imma meta jasal il-waqt killu jiġi qiddiemek!"

Toni ried jgħid ħafna u ħafna aktar imma kien jaf li l-ħlejqa quddiemu kienet tarja wisq biex iġġarrab it-taħlita tal-fehma tal-moħħ tal-bniedem u l-kisra tal-qalb tal-istess bniedem ukoll.

Toni ħares lejn il-ħwejjeġ madwaru: xejn ma kien dak li kien, ħaseb, imma kollox kien dak li kien qiegħed jara u jħoss hu. Kull ġebla ma kinitx teżisti, imma l-ġebla reali kienet dik li kien hemm f'qalbu. Il-ħarruba reali kienet dik li kien qiegħed iħobb hu f'qalbu, kull bniedem kien jara l-ħarruba tiegħu. Kull bniedem kien jara x-xemx tiegħu, u ġmiel il-ħolqien propju kien dak li kien iħoss, dak li kien iġarrab.

Mur fehemhielu din liċ-ċkejken Musè, ħaseb. Mur fehemha saħansitra lix-xjuħ l-uħrajn ukell, madonkillu! Liema bnidmin qatt fehmu don is-sigriet tal-ħulqien!

"Il-ħarruba ħadra u sabiħa hi dik li hemm fil-qalb, Musè," kompla jgħid Toni waqt li ħabbatlu fuq qalbu, jitkellem aktarx waħdu. "Il-ħarruba s-sabiħa ġġurra miegħek f'qalbek, Musè. Inti tħubbha... imma ssib ukill min ma jaħmilhiex ibni! Għod tiltaqa' magħhem dawn il-flien, mhux għax iridu, imma qalbhem imħassra għax lill-ħulqien ma jħebbuhx! Ma tista' tgħidilhem xej' lil dal-flien, għax mhux tort tagħhem ikunu hekk! Iz-zopp tlumu jekk jimxi zopp? Magħża tlumha jekk tmur tnaqqar mill-ħsora? Tgħidlu miskin liz-zopp, u deqshekk, hiex vieru? Għodek żgħir, Muse, għodek żgħir ibni... jekk tusta' tgħinu jimxi... jekk iħallik, madonkillu..."

Mosè kien sieket ħdejh, ħarstu miksura lejn ix-xemx nieżla. Toni dawwar ħarstu madwaru jara x-xagħra miftuħa. U qtar ta' dmugħ żied jiġġelben għax intebaħ kemm ftit kienu l-Maltin li qatt fehmu xagħra xi tfisser.

"U dok mhux blot iniklek saqajk!" kienet saħansitra tgħid martu. Blot iniklek saqajk. Bidwija għomorha u żmienha tiġri qalb dal-blot, ħaseb, u xurta waħda tgħidlek hekk. Aħseb u ora jiġu minn barra x'jgħidu.

"In-naħla tiekel ftit mis-sagħtar Tuni, u tħallih hemm, ma tiqirdux," kien jgħidlu nannuh. Hekk kien

jgħidlu nannuh xiħ xi ħamsin sena ilu. "In-naħla ma tmurx tiekel mill-fjur li jfewwaħ; dok in-nejk tħallih għall-bniedim. In-narċis iximmu l-bniedim, in-naħla tfittex il-fwieħa tal-golbu, tfittex is-sagħtar, il-plejju tal-widien, it-tullier; anki n-nittiena tiekel minnha u anki l-ħarrub tfittixha... Imma l-prinjula le, dik ma ddakkarhiex imbagħad... dok ir-riħ idakkarha, il-prinjula ma tersaqx lejha n-naħla... Imma s-sagħtar hu l-iprem, is-sagħtar hu s-sulton tax-xagħri... ara kif hu biss jibqa'... ħores naqra Tuni, ħores ora naqra kif ix-xagħra bla sagħtar hi fortosa!"

Toni tbissem bejnu u bejn ruħu malli lemaħ l-istess xtieli jitmiegħku mal-blat imqalla', tiela' u nieżel, imħaffer jew lixx, jew imtaqqab, sewwasew kif ħallieh Alla tal-Ħolqien miljuni, biljuni ta' snin ilu.

Imma issa x-xagħra hi xagħra ġdida, qal bejnu u bejn ruħu Toni, waqt li swied il-qalb żdiedlu bla jaf għaliex.

"Tuni," ħasdu Mosè ħdejh. "Qed tibki lew?"

Toni nfixel. Ma kienx jaf x'sa jaqbad jgħid. Bla ma ried mesaħ ħaddejh. Dan kif raġel imdaħħal sewwa fis-snin, jibki hekk quddiem tfajjel?

"Dok hekk jiġrili lili, Musè," qal bil-mod. "Qum! Imxi! Dalam għeddu! Imxi nunqxulu dok il-basal lil missierek..."

Toni qam minn postu.

Imma quddiemu sab lil Mosè ċċassat lejh, wieqaf dritt bi ħbub għajnejh imqabbdin f'tiegħu. Mosè kien jikkonfondih ħafna drabi. Il-lewn ta' għajnejh kien ibeżżgħu. Kienu jibbru għajnejn it-tifel, kienu jtaqqbuh, joħorġu minn wiċċu smajjar u jibqgħu deħlin fih, dritt, ifittxulu s-sigrieti ta' qalbu u ta' ħsibijietu.

Toni ntebaħ li t-tfajjel ma kienx sejjer jaqbad zpapen qabel ma jkun jaf x'kienet il-biċċa.

"Ora naqra madworek, Musè," qal bil-mod waqt li ħares madwaru. Kien jaf li jgħid x'jgħid kien sa jibqa' dieħel sewwa fil-ġewwieni ta' Mosè.

"Intix tora dok il-biżbież?" staqsieh. "Intix tora kif killimkien mimli bih?"

Mosè ħares madwaru, lejn il-bużbież u lejn xtieli u arbuxxelli oħra li kien hemm fuq ix-xagħra.

"Alla ħalaq dix-xitla u l-bniedim sob tarfha," qal Toni. "In-naħla ma tikelx mis-sagħtar? U hekk għamel il-bniedim, kiel mill-biżbieża biex iħawwar il-patota l-forn lew selaħha tkun torja tikilha wkell, lew in-naħla wkell tirgħa fuqha l-biżbieża... u l-megħeż jirgħawha wkell... tgħaddi l-merħla megħeż u nogħoġ u jikluha ... Dori r-raħħol kien jgħaddi b'xi ħames lew sitt mitt ros, tof xejn! Ir-raħal ma kienx hawn sitta sebat elef ros! U kill ros kienet tagħraf lil sidha! U sidha kien jagħraf lilha! Mhux bħal tal-vanġielu din, lew? U kienu jieklu killex, dok killu li jgħedd għalihem meta jgħaddu mix-xogħri, u l-ħatab li jibqa' mill-biżbież killu għall-forn biex inkebbsu l-fuklor!"

Mosè ħares madwaru, jara kullimkien zkuk tal-bużbieża. Alla, ħaseb f'salt, mela Alla nsiehom jikbru issa! Daqs dan biżbież!

"Imma dok mhux Alla ħalliehem jikbru hekk għalxejn b'xejn, tof xej'!" qallu Toni bħallikieku jaqralu moħħu. "Għax issa l-forn sor bil-gass, lew bid-dawl! U l-ħatab tax-xogħra ħedd ma jridu! Dori meta kent tfol kenna rridu niġru fix-xogħri llaqtulha l-ħatab lil ummi... ora issa l-ferli kif żiegħed killimkien! Ora l-ħatba s-sewda kif imliet killimkien ukell! Qabel ma konniex inħalluha tiksi killimkien fuq ix-xogħri! Ix-xogħra llum hi xogħra oħra, Musè... ir-raħal killha kemm aħna kenna ngħixu mix-xogħri... dori imma, tof xej'!..."

Mosè kien jifli madwaru, moħħu mitluf matul sekli ta' snin sħaħ ilu bħallikieku kien dak il-waqt stess, bħallikieku bejn ilbieraħ u llum ma kienx hemm bogħod.

"U l-ħarruba fuq x-xogħri kienet tikber weħedha!" kompla Toni. "Il-ħulqien hekk jaħdem... ma jkabbarhemx sewwa sew ħada xulxin aqqas! Alla jkillu moħħu hemm u jagħmel killex kif xieraq. Kien jaħratha missieri, u meta tfarfarna kenna naħartuha aħna, u missieri kien jiżburha... dawk il-friegħi tagħha kienet iddum issajjar bihem ummi! Lew kien iqabbad lil xi ħadd missieri u l-ħlos missieri kien jgħidlu: issa iżburha ta' roġel u ħlosek ikun il-ħatab tagħha! Mela x'inhu!"

Mosè ntilef f'dak li kien qed jgħidlu x-xwejjaħ Toni.

Imbagħad ħadd ma tkellem. It-tnejn intilfu fi ħsibijiethom.

It-tfajjel mitluf f'mistoqsijiet li kien żgħir wisq biex jifhem li sa jibqa' mingħajr it-tweġiba tagħhom. Kien żgħir wisq biex jifhem li Alla ma jikxifhomx il-misterji tal-ħolqien, ma jikxifx kif minn ftit taħlit ta' ilma mat-trab tinbet ħajja ġdida b'sura differenti minn ta' ħdejha. U kif jista' Alla ma jitfixkilx meta f'moħħu kellu tant u tant xtieli u tant u tant ħlejjaq? Kif jista' jżomm tant għerf bla qies li tinbet il-bużbieża jew tnibbet il-miżwed jew is-sagħtar jew il-ħarruba?

Jinsa Alla l-Imbierek? staqsa lilu nnifsu Mosè.

Ix-xwejjaħ kellu fih id-dehra tax-xagħra ta' tfulitu. U dak kollu li kien għadu kif qal lil Mosè urieh bi swied il-qalb kbir li x-xagħra ta' dari mhix l-istess waħda. Kien jaf li x-xagħra mhix il-blat, mhux il-ħaxixa u l-arbuxxell u xewk il-bajdi jew xewk il-ġemel, jew is-sagħtar, jew dawk il-fjuri ċkejknin ċkejknin, imma kollox flimkien, l-irwejjaħ, l-ilwien, il-ġrajja tal-wesgħat fil-ġrajja Maltija: dik kienet ix-xagħra għal Toni. Kienet il-ġurdien jaqbeż u l-bies nieżel vleġġa għalih; kienet

il-bebbux; kienet ir-redus tal-mogħoż, ir-redus tal-fniek qalb it-toqob fil-blat. Ara issa kif kullimkien ġebel imqalleb meta jiġu jfittxu l-bebbux. Ara issa kullimkien bużbież, kullimkien xewk u ħatab iswed u spraġ xewwieki u għollieq jitmiegħek ferħan u bla kontroll kull fejn jista'.

Kien hemm ħemda kbira dak il-ħin. Toni ħa nifs fil-fond.

"Issa xogħra oħra qed tara quddiemek, Musè," qal kemm kemm jinstama'. "Imma x-xogħra li hemm fija mhix din li qed naraw qiddiemna, Musè. Ix-xogħra t'hawn ġewwa, haw' fil-qalb, Musè, din hi x-xogħra li ħalaq Alla... Din ta' qiddiemek ħoloqha Alla imma għod inikuha l-bnidmin u għod inikuha aktar u aktar. Għod jiqirduha, għod jherżu dol-blot killu u jibnuh, ibni."

Mosè kien qed iħares lil hemm, 'il fejn kien hemm ix-xemx nieżla.

"Ix-xogħra tubqa' sakemm tubqa' tgħix... imma mbagħad tmut ukill... dok Alla tal-ħulqien hekk jaħdem..."

Toni ċċaqlaq, u bla kliem ieħor beda jnaqqax il-basal ta' missier Mosè.

"Aqbad flann hemmhekk inti, Musè," qal lit-tfajjel waqt li qam bilwieqfa. "Ejja nagħmlulu xi ġiex flanni lil missierek... mhux nitħaddtu biss..."

Toni, tawwali u rqajjaq, tgħawweġ mill-ġdid inaqqax il-basal biex iqalliblu kemm kemm il-wiċċ ħalli ma jiġrix l-ilma tat-tisqija imma jinżel sewwa madwar ix-xitla.

"Tinżilx fil-fond sabiħ, tof xej'!" widdeb Toni lil Mosè li kien ukoll qabad il-lant. "Għax tixxuttoh lit-trob! U don mhux sawwa..."

Ħadmu ftit fil-ħemda, u fuq l-irdum kienet tinstama' biss id-daqqa ħafifa tax-xafra taz-zappuna dieħla fil-wiċċ. Madwarhom kien hemm is-sliem li Mosè kien tgħallem iħobb, u issa tgħallem li ma kienx skiet li jisimgħu b'widnejh imma skiet li tħoss il-qalb u li l-qalb kienet torbot miegħu l-ġmiel tal-ħolqien.

It-tifel waqaf jonqox, serraħ fuq il-marloġġ u xeħet ħarstu lejn Toni fil-qrib.

Toni ntebaħ li Mose kien għadu jaħseb. Ix-xwejjaħ ukoll waqaf, b'ħarstu fuq Mosè jistenna l-mistoqsija.

"Tun," qal Mosè. "Dol-ħulqien mhux killu Alla għamlu? Hux vieru killu Alla ħalqu?"

Toni tbissem.

"Huwa ħija, mela x'inhu! Mhux killex hu għamel?!" wieġeb Toni. U waqaf jistenna aktar.

"U l-Kmandamenti mhux Alla tuhom lil Musè?" kompla t-tifel.

"Iwa!" qal Toni. "Lil Musè tal-Lhud! Bħolek kien jismu dok, imma kien Lhudi! Fuq il-muntanja li jsejħulha Sinaj... La tisraqx, la tuqtolx, la tgħidx kelma b'oħra... killha fuq it-twovel kienu..."

Mosè baqa' ħarstu lejn Toni. Ma tkellem xejn aktar. Imma kellu ħarsa stramba t-tfajjel. Baqgħu wkoll xi ftit tal-ħin ma jgħidu xejn, bħallikieku Mosè kien għadu jfittex il-kliem għal dak li kien sa jgħid lil Toni.

"Imma Tun," staqsa t-tfajjel, "il-kmandamenti mhux biex ma nagħmlux dnubiet tahomlna Alla?"

Toni qaħqaħ griżmejh, ma jafx x'kien għaddej minn moħħ Mosè. Kien jaf biss li issa, minkejja d-dawl ibatti, il-lewn aħdar ta' ħarset it-tfajjel kien donnu aktar xegħel, aktar tqawwa. Imma mhux dak biss ra Toni, mhux dak biss, imma ra li kien hemm ħarsa ġdida li ma tantx kien raha sikwit fuq wiċċ Mosè.

"Imma allura, Tuni," qal Mosè, "allura għaliex m'hemmx kmandament għall-ħulqien... biex inħebbu lill-ħulqien? Lew biex ma noqtlux il-bhejjem u ma neqirdux il-ħulqien?"

Toni nħasad. Immuta l-imsejken xwejjaħ. Stagħġeb ħarstu fuq Mosè jaralu għajnejh jikbru u jikbru u jiħdaru. X'jaqbad jgħidlu? X'jaqbad iwieġeb? Kif hu stess qatt ma ħasibha dil-biċċa?

Imma ħarset it-tifel imsammra fuqu fixklitu qatigħ.

"Huwa ħija, dok hu jofu!" qal leħnu mitfi sewwa. "Mhux hu jikkmanda?!... Imma qolilna la tuqtolx... iġifieri tuqtolx il-bhejjem ukell..."

"Imma aħna lill-bhejjem noqtluhem hiex vieru!" kien pront wieġeb Mosè.

"Issa ma nofx, jien!" qata' qalbu Toni.

"Imħawda l-biċċa, imma," kien qiegħed jgħid Mosè. "Għax il-prif tal-mużew qolilna li Abraham kien sa juqtol lit-tifel u Alla deherlu u qallu joqtol bhima li kienet weħlet fil-friegħi ta' xitla fil-qrib... Alla ma jimpurtox jekk nuqtlu xi gidi lew xi fenek biex nikluh..."

"Issa ma nofx jien," reġa' Toni. U kompla jtektek iz-zappuna mal-wiċċ tal-ħamrija.

"Lew killha stejjer tal-fatoti daw!" qal it-tfajjel. "Lew prospar tas-sħorijiet bħal tat-trunġa l-mhewwija, Tun, lew l-istejjer tal-ġganti... Mela missieri sa jaħraqni lili... dokinhor ħaraq il-magħża rdum... dik li kienet mietet bil-gidi... imma mhux sa jaħraq lili... Il-miżew għedtlu killha stejjer tal-fatoti daw'!"

Toni aktar tfixkel jisma' dak il-kliem. Il-Bibbja stejjer tal-fatati u tas-sħarijiet! Toni aktar tħasseb u mtela mistoqsijiet dwar dan il-bniedem żagħżugħ quddiemu. Kien ifixklu, bniedem jaħseb, riservat, fommu sieket, biċċa mill-irdumijiet, biċċa mix-xagħri, fergħa tal-ħarrub, arbuxxella ħajja li timxi u taħseb, tiela' dritt dritt minn qiegħ il-blat kien dan Mosè.

"Dok insieh Alla jkilli ngħid!" qal Mosè. "Dok

il-kmendament fuq il-ħulqien...”

Toni radd is-salib.

“X’waħda din!” ħataf lil Mosè. “Alla jista’ killex u ma jinsa xej’, Alla! Lil Musè toh dok killu impurtanti!”

“Iwa, imma l-ħulqien ngħid jien?!...”

Toni ma qal xejn. Ma ġieh xejn u xejn f’moħħu biex ikun jista’ jikkalma lit-tfajjel.

“Tabilħaqq,” qal bejnu u bejn ruħu Toni. “Don kif m’hemmx imqor biċċa sinjol li l-ħulqien ma jinqeredx!”

Lil Mosè qallu:

“Imma tibqox teħseb hekk, Musè!”

“Imma mela għidli, Tuni,” kompla Mosè. “Mela Alla jinsa wkell, lew?”

Imbagħad xengel rasu Toni, ma kellu ebda ħsieb jibqa’ jhewden fuq ħwejjeġ hekk delikati dwar dak li kien sar u dak li kellu jsir. Ma kellu ebda ħjiel kif jitkellem fuq mistoqsija bħal din.

Imbagħad ma qalux kelma oħra lil xulxin. U Toni kien jaf li fil-moħħ ta’ Mosè kien hemm muntanji kbar ta’ mistoqsijiet, vulkani lesti biex jisplodu.

Baqgħu jonqxu sakemm illestew nofs tużżana raddi u x-xemx kienet staħbiet wara x-xefaq.

Waqt li Alla tal-Ħolqien kien qiegħed iniżżel lix-xemx lil hemm lejn in-naħa l-oħra tad-dinja, kien hemm fuq l-irdum żewġ bnedmin imġennin għall-ġmiel tal-ħolqien. Il-wieħed xiħ u jaf li dak li jara u dak li jġarrab hu dak li hemm f’qalbu. Dak li jara hu ġmiel in-natura għax hu kien Toni u kellu f’qalbu l-imħabba lejn il-ħolqien. Il-ħarruba ġo fih kienet ħsieb u tiġriba personali, xewqat personali, ma jafx ifissru bi kliem dak li ħass u dak li kien għaddej minn moħħu, għax l-imħabba ma tista’ tfissirha b’ebda kliem. Kollox imbagħad marbut ma’ din l-art li tagħtu l-eżistenza tiegħu u li wkoll kebbitu fi ġrajjietha. Hu u l-ħarruba kienu ħaġa waħda, kienu l-istess ħaġa. Kien il-ħolqien hu stess. Kien ix-xagħra hu. Kien it-tina, għax it-tina kollha ġmiel kienet dak it-tin li qalbu u t-tiġrib tiegħu ħolqulu fih.

Imma kien imfixkel sewwa bil-mistoqsijiet li ħasdu bihom Mosè. Toni kien immuta, sikket ilsienu aktar milli qatt kien sikktu.

Mosè kien jonqox ukoll, daqqa wara daqqa, attent bħalma kien qallu missieru. Imma ħsiebu kien fil-ħarruba li Toni kien qallu li kien hemm f’kull bniedem li kien jaf iħobb. Ħsiebu kien fil-ħolqien li kien hu stess. Mosè kien ukoll moħħu fil-ħanżir l-art taħt il-ġebla. Kienx intgħaffeġ xi wieħed. Kienx għamel xi ħsara billi qaleb il-ġebla lura.

Imma moħħu kien mimli bil-kmandament ġdid li qatt ħadd ma semma’. Li Alla nnifsu kien donnu nesa. B’xi mod Mosè kien qiegħed iħoss li dak il-waqt kien għalih waqt solenni. Kien hu wkoll donnu ġabar fih dak kollu li kien ix-xwejjaħ Toni, imma kien aktar minn hekk Mosè. Aktar minn dak biss li kien Toni. Għax fih kien hemm il-mistoqsijiet li Toni qatt ma staqsa, li qatt qabel ħadd ma staqsa. U b’xi mod it-tfajjel Mosè dan ħassu, fehmu u ħassu sewwa. Għalhekk ħass reżħa bard taħkmu dak il-ħin it-tfajjel. Għalhekk kien waqt kbir li kien sa jkollu snin sħaħ jistenna t-tifsira tiegħu.

U meta x-xemx staħbiet wara l-għoljiet, Toni u Mosè niżlu lejn id-dar qajl qajl.

Imsejken it-tfajjel Mosè!

Hu u miexi ma’ Toni, fommu kien sieket; imma ftit kien jobsor f’liema baħar ta’ avventuri u taħbiliet kien sa jidħol fihom minħabba dak il-ħsieb tal-kmandament ġdid li Alla kien nesa. Ftit basar li kien dieħel f’dinja stramba mimlija bnedmin ikissru l-ħolqien u l-ambjent bl-addoċċ – imma sturduti, mitlufin għalkollox, moħħhom biss fil-ġrajjiet tal-fatati u tas-sħarijiet.





# A Sustainable Future for our Mellieħa

Stephen Calleja

It is clear that our Mellieħa, like the rest of Malta, has started the twenty-first century in a stable and prosperous manner. This is to be especially appreciated when one considers the very volatile situation that has emerged in our Euro-Mediterranean region in recent years.

To the south of Malta, across the Arab world, instability has become the dominant feature with revolutions in Tunisia, Egypt and Libya resulting in a constant struggle for power and an escalation of tension and outright conflict from time to time. To the north of Malta the European continent has been seeking to manage continuous economic uncertainty and contend with regular terror attacks. The European Union has also been shocked by the decision of the United Kingdom to leave the EU, an outcome that is certain to have far reaching consequences if it ultimately happens.

While so far we in Malta have enjoyed a peaceful lifestyle and prosperous standard of living it would be a mistake to take this for granted. Our peace of mind could be shattered overnight if the instability around us was to manifest itself somehow in Malta. In order to prevent this from happening it is thus essential that all the resources possible are invested to safeguard our security and economic and environmental outlook.

If our future is to be a sustainable one it is also essential that we address immediate local challenges that are stifling our productivity and quality of life. While development is to be welcomed it must not take place at any price. Everyone knows that Malta's natural geographical characteristics and heritage is running the serious risk of being ruined by overdevelopment. Rampant building is destroying the landscape and the environment we live in. Our air quality, our seas and our 'green areas' are all under threat and have already been negatively impacted by poor planning decisions since the turn of the millennium.

Better management to halt this process is urgently required, for example, by making use of empty buildings everywhere instead of destroying natural land.

Malta has been a member of the EU for more than ten years but are we doing everything possible to ensure that EU environmental standards and regulations are being enforced to protect our standard of living? Everyone knows that our roads have become 'war zones' with far too many accidents and fatalities taking place – when is a serious approach to traffic management and enforcement of road laws going to take place?

Having spent hundreds of millions of euros on continuous construction in the past two decades the time has come to dedicate equivalent resources to other sectors including our Mediterranean heritage, green parks and sport facilities. Only then will we be ensuring that the next generation inherits a sustainable and prosperous future.



# Il-Mellieħa fi Żminijiet Oħrajn

Mario Fenech

Għal dan l-artiklu tiegħi ta' din is-sena għall-Programm li tippubblika s-Soċjetà Mużikali Imperial tal-Mellieħa, għażilt uħud mir-ritratti li għandi fil-kollezzjoni tiegħi. F'dawn ir-ritratti naraw veduti differenti tal-lokalità tal-Mellieħa tant snin ilu.

Meta tlestiet il-faċċata tal-Knisja Parrokkjali l-ġdida tal-Mellieħa, bosta kienu dawk in-nies li waqt li jkunu fi triqithom lejn Għawdex fuq xi karrettun kienu jitfgħu l-ħarsa tagħhom lejn il-Knisja fuq l-għolja tar-raħal.

Id-ditta tal-fotografija "Chretiene & Co." tal-Belt Valletta kienet ħarġet dan ir-ritratt tal-faċċata tal-Knisja bil-kitba fuqu "Chiesa Nuova Della Melleiha 1921" (hekk miktuba fuq il-kartolina). Fir-ritratt jidhru l-kampnari tal-Knisja mingħajr il-qniepen, għad m'hemmx arloġġ, filwaqt li fuq in-naħa tal-lemin tal-Pjazza, il-ftit bini li hemm huwa b'sular wieħed. Jidher li dan ir-ritratt kien ġie miġbud waqt il-jum tal-Ħadd għaliex hemm ħafna nies u tfal fil-Pjazza.







Triq importanti fil-Mellieħa għaliex minnha jgħaddu bosta vetturi matul il-jum hija dik li minn ħdejn is-Santwarju twasslek lejn il-Bajja tal-Għadira. Fir-ritratt li huwa kartolina naraw din it-triq meta kienet għadha qiegħda tinbena kif jidher mill-istess ritratt. Fuq in-naħa ta' wara tal-Knisja ftit li xejn jidher bini, filwaqt li jidher sew il-bieb tas-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa. Il-kitba fuq il-kartolina hija "View of Mellieha Church, St. Paul's statue in foreground".

It-tielet ritratt li huwa wkoll kartolina naraw fih dehra tar-raħal bil-Knisja Parrokkjali (illum Arċipretali) kif kien jidher minn tarf it-triq li tibda minn ħdejn il-mitħna l-qadima. Jidher sew il-bini li kien hemm f'nofs l-għelieqi ta' mal-ġenb tal-wied li issa għamel il-wisa' għal ieħor. Ħdejn il-bitħa tas-Santwarju jidhru erba' trakkijiet tal-linja f'dik li qabel kienet il-venda.

Jidhru wkoll sew fil-parti ta' fuq tar-ritratt iż-żewġ faċċati tal-każini tal-banda fil-pjazza, bl-arblu tal-bandiera fuqhom. Ħafna minn dan il-bini, li meta nġibed dan ir-ritratt kien għadu jidher sew, fil-



preżent huwa moħbi wara l-bini modern u għoli li ġie mibni matul dawn l-aħħar snin.

Dan huwa l-prezz li jġib miegħu l-iżvilupp, speċjalment f'lokalitajiet meqjusa bħala mportanti għall-industrija tat-turiżmu, bħalma huwa r-raħal tal-Mellieħa.

Il-Festa t-tajba lil kulħadd.

BILLY'S
CHAUFFEUR SERVICE
CAR HIRE
HOLIDAY HOMES

113, George Borg Olivier Street, Mellieħa MLH 1020 - Malta
**Telephone:** (+356) 21 523 676, (+356) 21 523 784
**Mobile:** (+356) 9949 7575, (+356) 9942 7575 • **Fax:** (+356) 21 521 016
www.billyscarhire.com • e-mail: info@billyscarhire.com



# REFLECTIONS

## Sports Pub & Grill



## MELLIEHA



21523756 / 79536969

Events@reflectionsmalta.com






66, Church Street,
St. Paul's Bay SPB 01
Malta
• Tel: 21 573480, 21 573269
• Fax: 21 572318

GILLIERU
RESTAURANT




# Il-bank tiegħek fil-qalb tal-komunità

L-HSBC huwa l-bank li jinsab fil-qalba tal-komunità tiegħek. B'għarfien internazzjonali u esperjenza lokali, aħna nistgħu ngħinuk tieħu ħsieb aħjar il-finanzi tiegħek. Il-fergħat tagħna huma miftuħin kuljum f'diversi lokalitajiet madwar Malta u Għawdex, b'xi wħud mill-fergħat joffru wkoll servizz ta' filgħaxija.

Għalhekk ejja żurna u flimkien niddiskutu l-bżonnijiet bankarji tiegħek. L-impjegati tagħna, kollha mħarrġa fil-*customer service* u mmexxija minn *branch manager* b'esperjenza kbira fil-qasam bankarju jinsabu ħerqana biex ikunu ta' servizz għalik.

Ċempel **2380 2380**
Żur **hsbc.com.mt**
Mur **fl-eqreb fergħa**

HSBC

Approvat u maħruġ mill-HSBC Bank Malta p.l.c. 116, Triq l-Arċisqof, Valletta VLT1444.





THE CATERER

Ernest Vella,
Triq in-Nahal, Mellieha
+356 2152 3023
+356 9923 8591

Fresh Bread, Frozen Food, Cakes, Pastries, Sweets & More!

We also cater for Weddings, Parties, Events & Outside Catering

Visit our shop for our full range of products!

www.thecaterer.com.mt • info@thecaterer.com.mt • Find us on Facebook




TONY'S BAKERY

*Triq il-Madonna Tal-Għar,*
*Il-Mellieħa MLH 1174 - Malta*

*Tel: 2152 3432*
*Mob: 9945 1519*
*99451514*

Jixtieq lill-klijenti u 'l-Melleħin
kollha l-Festa t-Tajba

# MIDDLEHILL STORE

**Prop: A. Cutajar**



*8,*
*Ġ. Borġ Olivier Str.*
*Mellieħa*
*Tel: 21 520603*

# DINGLI BUTCHER

67, P. P. Magri Street,
Mellieħa

**Tel: 2152 3588**

**Specialising in**
**Maltese & European Fresh Meat,**
**Marinated Meats and Poultry,**
**Fresh made Kebabs,**
**Home Made Sausages & Burgers,**
**Local Fresh Rabbits**

***Opening Hours:***

| | |
|---|---|
| Mon / Tues | 07.00am till 12.30pm |
| Wed / Thurs / Fri | 07.00am till 12.30pm |
| | 03.30pm till 06.30pm |
| Saturday | 07.00am till 01.00pm |

*Free Delivery*



# Min Hi Marija

Ralph Micallef

- Il-Knisja tapplika għall-Madonna l-kelmiet tal-ktieb tal-Proverbi *(6,34-35)* "Hieni l-bniedem li jismagħni, li jishar kuljum wara biebi, għax min isib lili, isib il-ħajja u jikseb l-imħabba tal-Mulej", u tfissirhom hekk: Min isib il-Madonna, min iħobbha u jqimha huwa tabilħaqq hieni, għaliex isib il-ħajja u jikseb mingħand Alla s-salvazzjoni ta' dejjem.
- Marija, sa mill-ewwel mument tal-eżistenza tagħha, mhux biss kienet mingħajr ebda tebgħa tad-dnub oriġinali, iżda wkoll ruħha kienet imdawla bid-dawl sabiħ tal-grazzja u tal-qdusija. Marija kienet dejjem, sa mill-bidu nett ta' ħajjitha, il-"mimlija bil-grazzja", "kollha kemm hi sabiħa u safja, l-Immakulata". "Jekk inti timxi wara Marija, ma titlifx it-triq; jekk titlobha, ma taqtax qalbek; jekk taħseb fiha, ma tiżbaljax; jekk twieżnek hija, ma taqax; jekk tħarsek hi ma tibżax".
- Fil-Vanġelu ta' San Mattew *(1,18)* insibu li Marija kienet mgħarrsa ma' raġel li kien jismu Ġużeppi. Il-Vanġelu jixhed ukoll li Ġużeppi kien ġej min-nisel ta' David, hekk li meta deherlu l-Anġlu sejjaħlu "Ġużeppi, bin David" *(Mt. 1.20)*. Dan ifisser li huwa kien dixxendenti mis-slaten, iżda ma rahiex bi kbira li jmidd idejh għax-xogħol umli ta' mastrudaxxa. Ġużeppi għadda l-parti l-kbira ta' ħajtu ma' martu Marija u ma' Binha Ġesù.

Jekk il-Knisja Mqaddsa kollha hija midjuna lejn l-Omm Verġni, għax permezz tagħha stħaqqilha tilqa' lil Kristu, żgur li wara Marija, il-Knisja għandha trodd ħajr u tagħti ġieħ lil Ġużeppi.

### Talba lill-Madonna

**O Sinjura tiegħi, Omm tiegħi, jiena noffri ruħi kollha lilek, u bħala xbieha tad-devozzjoni tiegħi lejk, noffrilek għajnejja, widnejja, fommi, qalbi, lili nnifsi, u kollni kemm jien. La jiena kollni tiegħek, O Omm kollok tjieba, ħarisni u aqbeż għalija bħala ħaġa tiegħek u li qiegħda f'idejk.**




Feel the Nature... as we bring Life to your Surroundings
Specialising in natural stone decor for interior decorating and exterior landscaping. Products include feature wall coverings, mosaics, pebbles, paving, slate tiles & more...
STONEAGE
Decorative Concrete & Natural Stones
TRIQ SAN SILVESTRU, MOSTA
T. 21 423 662 M: 9952 6254 E. info@stoneage.com.mt W. www.stoneage.com.mt
Find us on: facebook


ROY THAI SPECIALIST
Massage & Beauty Centre
MASSAGE
WAXING
BEAUTY
PHYSIOTHERAPY
34, Francis Zahra Street, Mellieha
M: 77 222 113 | T: 2713 7513 | E: roythaispecialist@gmail.com | F: Roy Thai Specialist


Set in Mellieha's
most amazing panorama
ViewPOINT
RESTAURANT
Opening 4th June
Mediterranean Cuisine serving fresh fish daily
Al Fresco
Open daily
from 7.30pm onwards
For Reservation
Tel:- 2152 1020
or e-mail
reservations@viewpointmalta.com
Panorama Hotel
Dun Belin Azzopardi Street,
Mellieha
www.viewpointmalta.com



# Passiġġieri Jitħallew Jistennew fuq il-Moll tal-Marfa fi Żmien il-Gwerra

**Kitba ta' Charles Debono**

*Kuratur, Mużew Nazzjonali tal-Gwerra*

Matul dan il-perjodu l-laneċ kienu jġibu ħafna passiġġieri minn Għawdex għall-Marfa, minn fejn kienu jaqbdu l-karozza tal-linja biex imorru għall-post tax-xogħol tagħhom f'Malta. Madankollu, kien ikun hemm ftit karozzi tal-linja jistennew il-passiġġieri Għawdxin u ftit biex jakkomodawhom kollha. Ġamri Vella, li dak iż-żmien kien isuq tal-linja jiftakar li:

> *"L-awtoritajiet f'Għawdex kienu kull darba jċemplu biex javżaw kemm hemm passiġġieri abbord il-bastiment li jkun ħalla Għawdex. Il-karozzi tal-linja kienu jintbagħtu skont kemm kien ikun hemm nies fuq il-bastiment. Kien ikun hemm minn tlieta sa' erba' karozzi tal-linja jew aktar."*

Ħafna passiġġieri Għawdxin kienu jdumu jistennew għal sigħat sħaħ, u ma kienx hemm kenn biex jipproteġihom mill-qilla tax-xemx jew ix-xita. Ma' dawk li kienu jkunu jistennew kien hemm ukoll nies tas-servizzi, li kienu jservu fir-*Royal Army Medical Corps* (R.A.M.C.), *King's Own Malta Regiment* (K.O.M.R.) u r-*Royal Malta Artillery* (R.M.A.), li ma kinux iħallsu għall-biljett. Huma kellhom id-dover li jaslu fil-ħin fil-post tax-xogħol tagħhom u jekk ma jaslux fil-ħin eżatt kienu jiġu mċanfra mis-superjuri tagħhom. Din is-sitwazzjoni nġabet għall-attenzjoni minn ittra li ġiet ippubblikata fuq *Il-Berqa* tas-27 ta' Ġunju 1941 miktuba minn Koli Apap, li kien iservi fl-R.A.M.C. f'Malta:

> *"Nixtieq inwassal l-ilmenti tiegħi u ta' kulhadd quddiem id-Direttur tat-Traffic Control Board dwar in-nuqqas ta' organizzazzjoni li qegħdin insibu kull nhar ta' Tnejn filgħodu fil-karozzi tal-Marfa.*
>
> *Nibda biex ngħid li ħafna minna s-suldati Għawdxin li nservu fl-RAMC, fil-KOMR u fl-RMA qed niksbu l-leave mis-Sibt filgħaxija sat-Tnejn filgħodu, biex inkunu nistgħu ngawdu l-familji tagħna.*
>
> *Ta' kull nhar ta' Tnejn nitilqu minn Għawdex mal-lanċa tal-ewwel, imma meta naslu l-Marfa qegħdin insibuha ħaġa tqila, biex naslu fil-postijiet tagħna fil-ħinijiet stabbiliti.*
>
> *Malli l-lanċa tasal il-Marfa tilmaħ għadd kbir ta' nies jaqbżu meta l-lanċa tkun għadha ma ttrakkatx mal-moll sabiex jilħqu jirkbu f'karozza għar-raguni li jkun hemm xi disa' jew għaxar karozzi biss u għalhekk ta' kull darba mijiet ta' nies ikollhom ta' bilfors joqogħdu jistennew ħin twil il-Marfa.*
>
> *Aħna s-suldati aktarx li dejjem issibna ma' dawn tal-aħħar, għaliex billi nkunu mgħobbija b'xi affarijiet tas-servizz ma nistgħux naqbżu u għalhekk f'xemx tiżreġ bla heda jkollna noqogħdu nistennew il-Marfa waqt li d-dmirijiet tagħna jkunu jsejħulna band'oħra.*
>
> *Għalhekk nitolbu li l-Awtoritajiet jagħmlu arranġament li xi karozzi jitħallew għas-suldati biss, u t-tieni li l-Pulizija għandha twaqqaf darba għal dejjem dak il-qbiż mil-lanċa qabel ma' din titrakka."*

Ittra oħra ġiet ippubblikata, din id-darba fuq it-*Times of Malta* tal-25 ta' Ġunju 1941 minn persuna li kienet toqgħod Tas-Sliema, fejn emfasizzat fuq din il-problema, speċjalment fil-Ħdud. Numru mhux ħażin ta' passiġġieri minn Għawdex kienu qegħdin jitħallew għal ħin twil il-Marfa minħabba li ma kienx ikun hemm biżżejjed karozzi tal-linja. Din il-persuna kitbet li:

> *"Jien kont wieħed minn dawk il-passiġġieri li lbieraħ (Il-Ħadd) wara nofsinhar, qsamt mill-Imġarr (Għawdex) għall-Marfa. Aħna żbarkajna għal ħabta*

*tal-4.45pm u sibna li ma kienx hemm biżżejjed karozzi tal-linja, bir-riżultat li 200 persuna tħallew jistennew, mhux għal ftit minuti imma għal sagħtejn sħaħ f'xemx tiżreġ, sakemm il-Pulizija tat-Traffiku seta' jibgħat aktar karozzi tal-linja. Dawn il-karozzi tal-linja waslu għal ħabta tas-6.45pm, li kienet impossibbli għal dawk il-passiġġieri li kienu joqogħdu barra mill-Belt Valletta biex jaqbdu l-aħħar karozza tal-linja, u għalhekk kellhom jimxuha sad-dar tagħhom, jew jaqbdu taxi, fejn kellhom jidħlu għal spejjeż żejda."*



Ir-Royal Lady sorġut mal-moll tal-Imġarr, Għawdex.

Il-qarrej tat-*Times of Malta* qal li dan kollu jista' jiġi evitat li kieku l-Pulizija jkun jaf kemm ġejjin passiġġieri minn Għawdex għal Malta fil-Ħdud wara nofsinhar. Hu kompla jgħid li jekk id-Direttur tat-Trasport ma jistax jipprovdi biżżejjed karozzi tal-linja għall-passiġġieri ġejjin minn Għawdex, id-Direttur għandu jsib mezzi oħra biex ma jħallix nies jistennew. Il-qarrej issuġġerixxa li l-aħjar ħaġa kienet li n-numru ta' passiġġieri li jitħallew jitilgħu abbord ir-*Royal Lady* fl-Imġarr, ikun biżżejjed li meta jaslu l-Marfa, jirkbu l-karozzi tal-linja li jkunu qegħdin jistennewhom, mingħajr ma ħadd jitħalla l-art.

Din is-sitwazzjoni kompliet kemm matul l-agħar xhur tal-gwerra, kif ukoll wara li l-attakki naqsu drastikament. Din il-problema nġabet għall-attenzjoni minn Dr. Sacco fil-Kunsill tal-Gvern tal-25 ta' April 1942, meta staqsa lill-*Acting Lieutenant-Governor* jekk jafx li diversi nies li jaqsmu bejn Għawdex u Malta, qegħdin jitħallew l-art il-Marfa, mingħajr m'għandhom post fejn jistrieħu. Dr. Sacco staqsa mistoqsija oħra:

> *"Jekk hux possibbli li tiġi rekwiżita parti mil-lukanda Marfa fejn tiġi addattata għal dan il-għan?"*

L-*Acting Lieutenant-Governor* wieġeb lura li:

> *"Din qiegħda tiġri biss meta persuni jivvjaġġaw fi ġranet meta ma jkunx hemm servizz regolari bejn iż-żewġ gżejjer. Probabbilment dawn in-nies ikunu jafu bid-diffikultajiet li jistgħu jiltaqgħu magħhom u għalhekk naħseb li m'hemmx bżonn li tiġi rekwiżita dil-binja."*

Aktar informazzjoni tinsab fil-ktieb tal-istess awtur *Wartime Mellieħa: The role of the village in the Second World War 1940-43* li jista' jiġi akkwistat mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa.







**MARK TALIANA**
**GARDENER**
***For professional gardening, maintenance & landscaping***
**Mob: 7783 0983**

# Attivitajiet
## matul il-Festa tal-Vitorja 2015


















IMPERIAL
BAND CLUB
MELLIEĦA

# Ħtif ta' Ajruplan Taljan fit-Tieni Gwerra Dinjija

**Jeffrey Sammut**
*B.Ed (Hons) E.M.Y & History*

Illum il-ġurnata kulħadd sema' b'terroristi li jaħtfu ajruplani u wara jitolbu flus jew li jinħelsu xi priġunieri mill-ħabs biex iħallu lill-passiġġieri jitilqu qawwijin u sħaħ. Ħafna minn dawn il-*hijacks* jispiċċaw fi traġedji, bħalma kien ġara fl-ajruport ta' Malta fl-1985.

Iżda ftit jafu li f'wieħed mill-ewwel *hijacks* li sar ukoll kienet involuta Malta. Kienet is-sena 1942, fl-eqqel tal-Gwerra. Ajruplani Ingliżi kienu ta' kuljum joħorġu jattakkaw bastimenti Taljani u Ġermaniżi. U hekk ġara fit-28 ta' Lulju 1942. Beauforts (*bombers* Ingliżi) ta' 217 Squadron, armati *b'torpedoes*, sabu xi bastimenti Taljani ftit 'il barra mill-kosta tal-Greċja. Il-Beauforts ittajru fil-baxx, ftit metri 'il fuq minn wiċċ il-baħar, biex jitilqu t-*torpedoes*



Beaufort ta' 217 Squadron f' Malta

u jippruvaw jolqtu l-vapuri tal-għadu.[1] Dan kien perikoluż għax il-vapuri Taljani kienu jkunu armati sa snienhom b'kanuni ta' kontra l-ajruplani. Is-sema mtela duħħan, splużjonijiet u biċċiet tal-azzar itiru.

Tnejn mill-ajruplani Ingliżi ntlaqtu. Wieħed spiċċa fil-qiegħ tal-baħar filwaqt li l-ieħor, imtajjar mit-Tenent Edward Strever, bil-magni vampa nar, tkaxkar għal fuq wiċċ l-ilma. Għalkemm fi ftit ħin imtela' bl-ilma u għereq, dan ta ħin biżżejjed biex l-ekwipaġġ irnexxielu jitla' ġod-*dinghy* li kien hemm fil-Beaufort. B'hekk erbgħa min-nies spiċċaw jitbandlu bejn sema u ilma, fix-xemx tiżreġ ta' Lulju.

Wara xi sigħat jippruvaw jaqdfu lejn l-art dehret tikka sewda fis-sema. Kien *seaplane* Taljan li hekk kif rahom dlonk niżel fuq l-ilma. Strever u sħabu qadfu lejn l-ajruplan u spiċċaw priġunieri. L-ajruplan ħadhom fuq gżira fil-qrib u hemm it-Taljani laqgħuhom b'ospitalità kbira, tawhom ikla tajba filwaqt li ħallewhom jużaw il-kamra tal-ikel tal-uffiċjali tagħhom. Filgħodu pprovdewlhom kolazzjon u, wara ritratt tal-okkażjoni, rikbu fuq *seaplane* Taljan Cant-Z biex jittieħdu lejn Taranto l-Italja u minn hemm għal ġo kamp tal-priġunieri.[2]



Cant-Z 506B Taljan ser jinqata' minn fuq l-ilma

Ġol-Cant-Z, barra erba' Taljani li jtajru l-ajruplan, kien hemm ukoll kapural *b'revolver* f'idejh li xogħlu kien li jgħasses l-erba' priġunieri. L-Ingliżi bdew jagħmlu sinjali bil-moħbi lil xulxin biex jippruvaw jaħtfu l-ajruplan. L-ewwel attentat falla. Strever ipprova jaqbad flixkun mimli żejt, aktarx biex jużah bħala arma imma t-Taljani ndunaw u ħaduhulu minn idejh.[3]

Aktar ma beda jgħaddi l-ħin, aktar it-tama

tagħhom bdiet ittir mar-riħ. Il-kosta Taljana bdiet toqrob ma' kull tidwira tal-iskrejjen tal-ajruplan. Iżda x-xorti daħkitilhom. Il-kapural Tajlan beda jħossu ma jiflaħx. L-ajruplan kien qed jagħmillu d-deni![4] Wilkinson, il-*gunner* tal-Beaufort, ġietu idea. Ittawwal 'il barra mit-tieqa, ipponta b'idejh u beda jgħajjat, "Ara! Ara!" It-Taljan li kien hemm ħdejh ħares barra mit-tieqa u Wilkinson kien pront lagħablu daqqa ta' ponn. Sekonda wara qabeż fuq il-kapural u ħataflu r-*revolver* minn idu. Stever kien pront qabad ir-*revolver* u mmirah lejn il-pilota Taljan li kien għadu b'ħalqu miftuħ b'dak li ġara. Huwa ġiegħel lit-Taljan idawwar ir-rotta lejn il-gżira ta' Malta.[5]

Fl-ajruplan ma kien hemm l-ebda mapep allura l-Ingliżi ma kinux ċerti fejn qegħdin eżatt! Wara ftit dehret l-art fuq ix-xefaq u Strever induna li kienet il-kosta Taljana. Allura l-ajruplan dar lejn in-nofsinhar u bdew jittamaw li tfiġġ il-kosta Maltija qabel jispiċċaw bla *fuel*. Iżda l-inkwiet tagħhom kien għadu bilkemm beda!



Cant-Z 506B fil-bajja tax-Xemxija. Fuqu jidhru kemm l-ekwipaġġ Taljan kif ukoll l-Ingliżi li ħatfuh.

Fuq ir-radar ta' Malta dehret tikka riesqa bil-mod lejn il-gżejjer Maltin. Kien l-ajruplan maħtuf imma l-Ingliżi ma kinux jafu b'dan. Ħasbu li kien ser isir attakk fuq il-Port il-Kbir. Allura bagħtu erba' Spitfires, ajruplani tal-glied Ingliżi, biex iwaqqfu dan l-ajrupjan milli jersaq lejn il-gżira.

Hekk kif Strever u sħabu raw l-Ispitfires joqorbu ndunaw x'kien ġej. Dunsmore, l-assistent pilota tal-Beaufort, beda jxejjer il-flokk ta' taħt abjad li kellu 'l barra mit-tieqa biex juri li l-Cant-Z ma kienx ser jispara fuqhom. Imma kien kollu ta' xejn. L-Ispitfires fetħu n-nar u l-ajruplan Taljan intlaqat minn xi erbgħin balla fil-ġwienaħ. Kif ra hekk, Strever ġiegħel lill-pilota Taljan iniżżel l-ajrupjan fl-ilma. Hekk kif l-ajruplan mess mal-baħar il-magni ntfew. Kienu spiċċaw bla *fuel*!

L-Ispitfires daru lura biex jerġgħu jisparaw imma xħin raw li l-ajruplan Taljan kien fuq wiċċ il-baħar bil-magni mitfija u li kien hemm xi ħadd ixejjer xi ħaġa bajda qisu miġnun indunaw li 't-Taljani' kienu ċedew. Allura għarrfu lill-awtoritajiet f'Malta b'dak li kien ġara u dawn bagħtu l-HSL 107 (High Speed Launch) biex jiġbru lit-Taljani.

Hekk kif il-lanċa waslet fil-qrib dehret xena mhux tas-soltu. Kien hemm disa' persuni bilqiegħda fuq il-ġwienaħ tal-ajruplan jixorbu l-inbid u l-*brandy*.[6] Is-sorpriża tan-nies fuq il-lanca kompliet kibret hekk kif indunaw li kien hemm xi Ingliżi fuq l-ajruplan Taljan! Baħri minn fuq il-lanċa għajjat "Aħna ħsibna li se nsibu lil Mussolini li ġie biex iċedi!"



L-istess Cant-Z 506B miżbugħ b'marki Ingliżi.

L-ajruplan ġie miġbud lejn il-bajja ta' San Pawl il-Baħar. Issa t-Taljani kienu spiċċaw priġunieri! Kif tinbidel ix-xorti fil-ħajja! Għall-inqas kienu ħelsuha mill-perikli tal-gwerra. Aktar tard il-Cant-Z ġie meħud il-Port il-Kbir fejn ġew mneħħija l-marki Taljani minn fuqu u flokhom ġew miżbugħin dawk Ingliżi. Dan l-ajruplan baqa' jintuża għas-salvataġġ minn fuq il-baħar. Ma jistax jonqos li Stever u sħabu ngħataw medalja għall-bravura li kienu għamlu.

**Referenzi**

1 Vella, P. (2001) pg. 161
2 HMSO (1944) pg. 77
3 Levine, A. (2000) pg. 110
4 Vella, P.(2001) pg. 161
5 HMSO (1944) pg. 78
6 Cull, B. (2005) pg. 233

**Bibliografija**

Levine Alan (2000) *Captivity, Flight, and Survival in World War II* Praeger, 2000
Brian Cull (2005) *Spitfires over Malta* Grub Street London
Vella Philip (2001) *Malta Blitzed but not Beaten* Progress Press Valletta
Galea Frederick R. (2002) *Call Out* Bieb Bieb Publications St Julians Malta
HMSO (1944) *The Air Battle for Malta* London

# John Buttigieg
# CIKKIES

**Fruit & Vegetables Wholesaler & Retailer**
**To Hotels, Caterers & Vendors**




**Store: Cikkies Garage, Cross Street, Mellieħa**

**Office: 32, New Mill Street, Il-Mellieħa**

**Tel: 21 521 945  Mob: 99 460 572**


www.dbproperties.com
dbproperties Malta




Nella's™
by Antonella

hairdressing | beauty | nails
skincare | make-up

Fortizza Street, Il-Mellieħa

t: 2152 2705 | 2752 2705
m: 9989 8335




**Beachaven Lido**
**Discotheque**

*Xemxija Hill, St. Paul's Bay, Malta – Tel: 21 573682*

Star of India
Indian Restaurant
Xemxija Hill, Xemxija – Malta
Tel: 21 573682

GUANG ZHOU
Chinese
Restaurant
Xemxija Hill,
St. Paul's Bay – Malta
Tel: 21 585141



# Giovanni Battista Pergolesi

Ġanni Camilleri



Giovanni Battista Pergolesi twieled f'Iesi fl-1710, fil-Provinċja ta' Ancona, li qabel kienet tagħmel parti mill-Istati tal-Papa. Kien magħruf bħala l-Pergolesi, għaliex kien ġej mill-familja mwielda u residenti f'Pergola, fil-Marche.

Pergolesi studja l-mużika f'Iesi taħt is-surmast Francesco Santini, qabel ma spiċċa f'Napli fl-1725. Hawn kompla l-istudju tal-mużika taħt Gaetano Greco u Francesco Feo u ma' surmastrijiet oħrajn.

Huwa għadda ħafna żmien minn ħajtu jaħdem ma' nies aristokratiċi bħal Colonna, Prinċep ta' Stigliano u d-Duka Marzio IV Maddaloni Carafa. Pergolesi kien wieħed mill-kompożituri tal-*opera buffa*. Waħda popolari kienet *La Serva Padrona* (1733). Xogħlijiet oħra ta' dan il-kompożitur barokk kienu wkoll l-ewwel opra tiegħu *La Conversione e morte di San Giacomo* (1731), *Lo frate 'nnamorato* (1732) b'test bil-lingwa Naplitana, *L'Olimpiade* (1735) u *Il Flaminio* (1735).

Pergolesi kiteb ukoll mużika sagra, bħal: *Messa in F* u żewġ kompożizzjonijiet tas-*Salve Regina*. Iżda l-aktar xogħol li għalih huwa magħruf Pergolesi, huwa l-*Stabat Mater,* komposta fl-1736, għas-sopran, alto u orkestra tal-kordi u *basso continuo*.

Dan ix-xogħol kien ġie kkummissjonat mill-Confraternità dei Cavalieri ta' San Luigi di Palazzo, biex jindaqq fil-Ġimgħa Mqaddsa ad unur tal-Madonna.

Ix-xogħol ta' Pergolesi ħa post ta' dak kompost minn Alessandro Scarlatti, disa' snin qabel għax kien diġà qed jitqies bħala antik. Baqa' popolari tul is-seklu tmintax. Johann Sebastian Bach u kompożituri oħra rranġawh fix-xogħlijiet tagħhom. J.S.Bach użah bħala bażi għall-kantata *Tilge, Hochster, meine Sunden,* (Root out my sins, Highest One).

Minbarra xogħlijiet sagri, Pergolesi kiteb numru sabiħ ta' mużika strumentali, bħas-*Sonata* u *Concerto* għall-vjolin. Xogħlijiet ta' dan il-kompożitur intużaw ukoll fit-Teatru taċ-Ċinema. Ix-xogħol popolari tiegħu, is-*Salve Regina*, intuża bħala *soundtrack* fil-film *Jesus de Montreal* (1989) u fil-film *Smilla's Sense of Snow* (1997).

Is-*Salve Regina* ntużat ukoll fil-film *Farinella* (1994), u l-aħħar parti tas-*Salve Regina,* fil-film *Amadeus* (1984) u fil-film *The Mirror* ta' Andrea Tarkovsky fl-1975. Id-direttur Paul Cox għamel użu wkoll minn dan ix-xogħol fil-film *Cactus* (1986) bħala *soundtrack* fil-film.

Gian Battista Pergolesi miet fis-16 ta' Marzu, 1736 fl-età żgħira ta' 26 sena f'Pozzuoli bil-marda qerrieda tat-tuberkulosi u ndifen l-għada fil-Monasteru Franġiskan.

GIUSEPPI'S
WINE BAR

*26/27, St. Helen Str., Mellieħa*
*Tel: 21 574882 / 9949 3579*

**Ningħaqdu mad-Dinja kollha
ħalli nagħtu qima lill-**

# IMQADDSA VERĠNI MARIJA

**f'għeluq sninha nhar it-8 ta' Settembru.**

## Agħtiha r-Rużarju bħala rigal

**"Mur u pprietka r-Rużarju u l-għadu ta' kull ġid jiġi mirbuħ."** - il-Madonna lil San Duminku

**"Wieħed mill-mezzi l-iżjed tajba
biex naslu li nbiddlu ħajjitna
m'huwiex ħaġa oħra ħlief
ir-reċita tar-Rużarju."**
- Papa Ljun XIII







# L-Istorja tal-Ikona Mirakoluża tal-Madonna tal-Mellieħa Matul iż-Żmien

## *Is-Sena tal-Mulej 800c/1200c – 2016*

**Jimmy Muscat**



**Is-Snin 800c/1200c – 1615**

Ħjiel ta' din ix-Xbieha tal-Madonna mpenġija fuq il-blat/ġebla kien jidher bejn dawn is-snin. Ma kinitx tidher kif inhi hawnhekk għax kienet iddeterjorat ħafna minħabba l-elementi naturali madwarha.

Damet tiġi meqjuma mill-pellegrini għal madwar 400 sena jew possibilment aktar.



**Is-Snin 1615 – 1750**

Din hi l-pittura li ġiet impenġija fl-1615 direttament fuq dik qadima kif ordnat mill-Isqof Gargallo fil-Viżta Pastorali fl-1587. Għalhekk il-qadima tgħattiet għal kollox.

Damet titgawda mill-Pellegrini għal madwar 155 sena.

Li naraw hawn hi kopja ta' Ġ. Calì li saret fl-1898 fuq żewġ ħġiġiet.



Kopja diretta magħmula minn Rafel Bonnici Calì ta' kif kienet tidher l-immaġini tal-Madonna tal-Mellieħa fl-1949. Din saret fuq materjal trasparenti kif kienu għadhom jidhru l-kuluri.

Il-postijiet imħażżin jindikaw partijiet nieqsa.



Ritratt attwali meħud minn Rafel Bonnici Calì u Gio. Maria Schembri fl-1949.

Il-kuruni fuq l-irjus tal-Madonna u tal-Bambin ifakkruna fl-Inkurunazzjoni solenni tal-1899.



Rikostruzzjoni tax-Xbieha tal-Madonna tal-Mellieħa mibnija minn Rafel Bonnici Calì fl-1949 fid-dawl tal-kopja diretta tal-affresk, fuq kopji qodma tas-seklu 18 u fuq dik ta' Ġużeppi Calì tal-1898.



**Is-Snin 1750 – 1973**

Dan hu l-kwadru bix-Xbieha tal-Madonna tal-Mellieħa fuq it-tila li sar madwar l-1750 mill-artist Franċiż Antoine de Favray.

Aktar tard ġie mdawwar bi grada dekorattiva tal-ħadid li għadha tidher sallum.

Kopja tiegħu ġiet meħuda mill-Kardinal Karlu Lavigerie f'Kartaġni, fit-Tuneżija fl-1882, għall-qima tal-Maltin hemm.

Illum jinsab fil-Knisja Arċipretali tal-Mellieħa. Din ix-xbieha damet tiġi meqjuma mill-pellegrini għal madwar 223 sena.



Il-kopja tax-Xbieha tal-Madonna tal-Mellieħa mpenġija minn Ġużeppi Calì meħuda fit-Tuneżija mill-Kardinal Lavigerie fl-1882.

Lavigerie kien bena knisja apposta f'La Goulette, Tuneżija, fejn tpoġġa dan il-kwadru u din ix-Xbieha tal-Madonna kienet meqjuma bħala "Il-Madonna tal-Maltin" mill-ħafna Kattoliċi li kien hemm dak iż-żmien.



Santa tal-Madonna tal-Mellieħa miktuba bil-Malti antik użata hawn Malta. Il-kitba ta' taħt kienet tgħid hekk: "Xbiha Miraculusa tal-MADONNA TAL-MELLIEHA Incorunata Fis-Santuariu Tahha Fil-jum 24 ta' Settembru 1899"




Santa bl-istess xbieha tal-Madonna tal-Mellieħa miktuba bil-Franċiż probabilment għall-qima tal-Maltin fit-Tuneżija. Fuq nett hemm miktub "N.D.DE LA MELLEHA", jiġifieri "Ommna tal-Mellieħa" u isfel nett "PRIEZ POUR NOUS", jiġifieri "Itlob għalina".










Tliet Santi tal-Madonna tal-Mellieħa magħmula fuq ix-xbieha mpenġija fuq it-tila minn Antoine de Favray u kif kienet tidher wara l-grada tal-ħadid fil-Għar fis-Santwarju.



### Is-Snin 1973 – 2016

Fir-restawr li sar fl-1973 minn Samwel Bugeja, l-ewwel tneħħa l-kwadru tal-1750 u mbagħad tneħħiet it-tpenġija tal-1615, fejn imbagħad dehret din ix-xbieħa tal-Madonna bil-Bambin.

Kien magħruf li din il-pittura kienet taħt l-oħra mill-Vista Pastorali tal-Isqof Gargallo tal-1587. Fil-parti t'isfel il-kulur vjola tqiegħed biex jindika fejn il-pittura kienet nieqsa.

Din ix-xbieħa damet tiġi meqjuma mill-pellegrini għal dawn l-aħħar 43 sena u ġiet restawrata fl-2016.




### Is-Sena 2016

Wara xhur ta' studju dwar il-kwalità tal-blat, tal-kuluri u tal-ambjent ta' madwar l-Ikona u ta' ħafna aspetti oħra marbuta mar-restawr, beda x-xogħol biex tiġi rrestawrata u ppreservata l-Ikona antikissima u qaddisa tal-Madonna tal-Mellieħa. Hawn qegħdin naraw kif tidher illum din l-Ikona wara tliet snin ta' xogħol li sar b'ħafna attenzjoni u reqqa minn restawraturi Maltin u Taljani mill-Atelier del Restauro. Din ix-xbieħa tal-epoka Siculo-Biżantina ġiet klassifikata bħala waħda Hodegetria, jiġifieri Dik li qed turi lil Binha Ġesù bħala t-Triq li aħna rridu ngħaddu minna biex finalment naslu għand Alla. Il-kelmiet "MAT" li tidher fuq ix-xellug u "DEI" fuq il-lemin ifissru "MATER DEI" jew "OMM ALLA". L-istorja ta' din ix-Xbieħa enigmatika ma tieqafx hawn. Fit-titlu ta' din il-preżentazzjoni ktibt id-data 800WK għax konvint li għad baqa' aktar tagħrif x'jinstab dwarha. Il-Biżantini kienu hawn Malta fis-sena 800WK u ftit wara u possibilment jista' jagħti l-każ li hemm fdalijiet ta' xbieħa oħra aktar antika mpenġija aktar 'l isfel fuq il-blat wara l-artal. Forsi ż-żmien għad jagħtina parir dwar il-qedem tad-devozzjoni lejn il-Beata Ommna Marija tal-Mellieħa.

10.vii.2016

**Farlex Bar & Restaurant**

***Specialising in Rabbit Dishes & Maltese Cuisine***

- *Open Winter & Summer for Lunch & Dinner*
- *Bachelors, Hens, Staff Parties, B.B.Q.s Accepted*



***Tel: 21 573 520***

***L-Armier, Limiti tal-Mellieħa***




# Ta' Kanani

Pizzeria • Bar • Restaurant
3 Main Street,
Mellieħa

Tel: 21522562

Take Away Pizza
also available

*Alex Briffa – Chef*
*Alfred Xuereb – Manager*

*Try our Pizza and you won't be disappointed*

*For Quality Metal Works at Competitive Prices*





## JOE GAUCI
METAL WORKS

7 Marfa Road, Mellieħa
Tel: 2152 0566 • Mob: 7904 6976



# Xogħol minn Leli Cini fil-Knisja Parrokkjali tal-Gżira

Leli Cini, jew kif inhu magħruf aħjar, Leli l-Iskultur, huwa isem magħruf sew ġewwa l-Mellieħa. Ix-xogħol tiegħu f'diversi binjiet madwar il-Mellieħa huwa xempju tal-bravura u tal-kapaċità tiegħu. Biżżejjed inħarsu lejn il-Knisja Arċipretali, is-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa, u l-każini tal-baned tagħna biex nagħrfu l-ħila kbira ta' Leli fl-arti tal-iskultura.

Il-kapaċità ta' Leli hija magħrufa wkoll f'diversi bliet u irħula f'Malta u Għawdex. Huwa ġie mqabbad minn entitajiet differenti biex jagħmel xogħlijiet ta' restawr u dekorazzjoni f'postijiet ta' wirt storiku. Fost oħrajn, tul dawn l-aħħar għaxar snin, Leli kien impenjat fuq xogħol ta' manutenzjoni, restawr u tisbiħ ġewwa l-Knisja Parrokkjali tal-Madonna tal-Karmnu ġewwa l-Gżira. Dan sar fuq stedina tal-Kappillan tal-Parroċċa Dun Karm Tanti, u x-xogħol beda fis-sena 2006. Wara kważi għaxar snin ta' ħidma fuq dan il-proġett, nhar is-Sibt 2 ta' Lulju 2016 saret quddiesa ta' ringrazzjament ikkonċelebrata mill-Eċċellenza Tiegħu l-Arċisqof Mons. Charles J. Scicluna biex ikun inawgurat ix-xogħol li sar.

Kif jixhdu r-ritratti li qed inwasslulkom f'dawn il-faċċati, ix-xogħol li għamel Leli fil-Knisja Parrokkjali tal-Madonna tal-Karmnu ġewwa l-Gżira, ta dehra ġdida lil dan il-post tant għal qalb il-parruċċani.










**Evergreen**

*Discount Mini Market*

**Triq Napuljun Caruana Dingli**
**Tel: 2152 2738**
**Mob: 9985 9100**

**Free Delivery**

**Ħinijiet tal-Ftuħ:**
Kuljum mis-6.00am sas-6.00pm
ma naghlqu xejn.
Fis-Sajf mis-6.00am sas-1.00pm
u mit-3.30pm sas-6.00pm.
L-Erbgħa mis-6.00am sas-1.00pm
u s-Sibt mis-6.00am sas-2.00pm.

Ħanut fejn il-mara tad-dar issib kollox
bl-irħas prezzijiet

**V. Debono**

*Ironmongery*

Colour Tinting
and
Hardware Store

Tel: 21523892

**No.8,**
**Triq l-Għoljiet,**
**il-Mellieħa**





# Rothwell Temperance Band – Malta Tour 2016

**Andrew Riley**

In May, Rothwell Temperance Band returned from a very successful tour of the Maltese Islands. The band has strong longstanding links with the Imperial Band of Mellieħa who invited them to the islands and arranged their concerts.



The first of these was on the island of Gozo and took place in the ancient Citadel before an enthusiastic audience which included the Minister for Gozo, The Hon. Dr Anton Refalo and The Parliamentary Secretary for Rights of Persons with Disability and Active Aging, The Hon. Dr Justyne Caruana.



The second was in the Anglican Cathedral in the Capital Valetta before an international audience, many of whom had not heard a Brass Band before and were captivated by the elegant performances of the soloists and gave the band a rapturous reception.

The last was an outdoor concert in a packed square in Mellieħa itself where the band received a standing ovation.

During the week - long tour the Imperial Band had organized a formal dinner and reception in their wonderful Band Club at which presents were exchanged to mark the visit. The meal was cooked and served at the Band Club which is open to the public for food and drink all day. The band gave an open rehearsal which was well attended and were given a conducted tour of this spectacular Club.



When they were not actually playing the band members and their young families had plenty of time to spend with their hosts on the beautiful beach to be found in Mellieħa Bay. Band members and supporters had a wonderful time and plans are already afoot for another visit probably in 2018 when Valletta becomes the European Capital City of Culture.



ANGELA
Flower Shop

Flowers for all occasions, Fresh + Silk flowers,
Fresh plants, Gifts, Garden and Pet Food,
Teleflor Agent

54, Dun Frangisk
Sciberras Street,
Mellieħa

Tel: 99881467
Mob: 27432763
info@angelaflowershop.com

ALKOVA
SHOES FOR ALL THE FAMILY
SELECTION OF HANDBAGS

Opening Hours
Monday to Saturday 9.30am - 1.30pm & 4.00pm - 8.00pm

Ġorġ Borg Olivier Street, Mellieħa
Tel: **2152 1211** Mob: **7992 3060**

CN Marble Granite
Mifsud

Blokk D,
Midland Micro Enterprise Park,
Triq Burmarrad,
L/O Naxxar

Mobile
9988 5191

Email
contact@cnmarbleandgranite.com

Web
www.cnmarbleandgranite.com

Tal- Puzzu
Pizza . Pasta . Grill

**Wood Fire Oven**
***Take Away Available***

**11, Ġorġ Borg Olivier Street**
**Mellieħa**

**Tel: 2754 4388**

**Green Valley**

**Triq il-Fortizza Mellieħa,**
**Tel: 21520080 • Mob: 7905 1874**
**E-mail: greenvalley.ra@gmail.com**

**This Discount Store with**
**daily Fresh Fruit and vegetables!**
**We are open 7 days a week**
**from 6.30am till 8.00pm**
**Sundays and public Holidays**
**from 8.00am till 1.00pm**
**We do free deliveries and**
**parking is not a problem**
**Join our loyality card!**

**JIMCAM**
**ENTERPRISES LIMITED**

*Agents and Distributors of:*

sikkens
AUTOMOTIVE PAINTS

Meguiar's
SURFACE CARE

Colad Abrasives, Masking Tapes & Materials,
Hamach Sanding & Polishing Tools,
Anest Iwata Spray Guns & Paint curing Systems,
Garage Equipment, Car Polishes &
Boat Care Products

*Also available*
Care Hire • 24 Hour Taxi Service
Accommodation in Villas & Apartments
with or without pool

Office: 12, Triq l-Għoljiet, Mellieħa MLH 2013
Tel: 2152 0330, 2152 2579
Fax: 2152 0330 Email: sales@jimcam.com.mt

# Il Bagno

*We offer a selection of wall and floor tiles in different sizes,*
*starting from €7.50 per meter.*
*We also have mirrors, bathroom cabinets, Grohe mixers*
*& fittings, water heaters, etc...*
*Clearance sale on various bathrooms accessories like,*
*shower cubicles, cabinets, mirrors & more...*

**For more information visit our showroom at**
**37, Main Street, Mellieħa or call us on 2152 4585 or 7986 5292**



# Min Irreklama f’din il-Pubbliklikazzjoni


A. Vella Borg & Sons Ltd ............128
A.F. Skip Hire ................................31
Abela Norbert Joiners .....................35
Alkova..........................................130
All Needs The D.I.Y. Store ............54
Angela Flower Shop .....................130
Aspen Limited..................................9
B. Grima & Sons Ltd ......................46
Bar tal-Każin
tal-Banda Imperial.......................82
Beachaven Lido Discoteque .........120
Bella Veduta ...................................15
Best Print Co. Ltd ...........................38
Billy’s Car Hire ............................105
Bottles&Bottles..............................31
BOV ...............................................22
C. Vella & Sons Ltd ........................20
Cash & Carry ...............................126
Central Asphalt Limited.................30
Christopher Sciberras......................15
CLD................................................90
CN Marble Granite .......................130
CZ Imports ...................................102
Dainty Clothing & Footwear ..........48
DB Properties...............................119
Dingli Butcher..............................108
Drifter Car Hire..............................29
Drivewell Motoring School ............38
EPC ................................................78
Euromed Limited ...........................48
Evergreen .....................................128
Eye Tech Ltd ..................................78
Farlex Bar & Restaurant ...............125
Farmer’s Fresh Green Grocer .........62
Foto Creative..................................16
Gasan
Mamo Insurance ......... outside back
Gaulos Exclusive Art ......................11
George’s Bakery.............................95
Gillieru Restaurant ........................106
Giuseppi’s Wine Bar .....................122
Glamorous......................................48
Ġo Ġo Mini Market ........................24
Green Valley.................................131
Greystone .......................................88
Guang Zhoe
Chinese Restaurant ....................120
Hair Sensations ..............................18
HB Motors .....................................62
Herbies Jewellery Ltd .....................12
Hola Beach.....................................27
Horace Enterprises Ltd ...................33
Housewife Fresh Chicken ..............65
HSBC ...........................................107
Il Bagno........................................131
Ir-Razzett Fruit Shop.......................28
J. Attard Skip Hire
& High Up Services ....................20
J. Vella ...........................................28
J&G Discount.................................20
JDS Furniture Ltd ........... inside back
Jesper’s Danish Bakery...................55
Jevon’s Fruit Shop..........................12
Jimcam Enterprises Ltd.................131
Joe Gauci Metal Works ................126
Joe’s Barber Shop ...........................47
John Bray
& Son Funeral Directors..............50
John Buttigieg Cikkies..................118
Joseph Debono
(Tied Insurance Intermediary).......9
Julie’s lifestyle
Unisex Hair Salon .....................120
Kafe Borg.....................................108
Kathleen Buttigieg
Beauty Therapist..........................53
Manuel Bezzina Co. Ltd .................54
Manuel’s Garage ............................62
Marianna Stationery.......................33
Mario Gauci ...................................60
Maritim Antonine Hotel & Spa.......51
Mark Taliana Gardener .................113
Maypole .........................................48
Mellieħa Garage.............................36
Middlehill Store ............................108
MT Service Station .........................90
Nella’s ..........................................120
One 80 ...........................................13
P&C Cauchi
Demolition Excavation................35
Paradise Bay Lido ..........................18
Paradise Bay Resort Hotel .............39
Pâtisserie Bakers & Caterers Ltd ......5
Ph. Borg Ltd.....................................8
Popeye Village ...............................80
Reflections....................................106
ROCS
(Motormax Insurance) .. inside front
ROCS (Travel) .................................4
Roy Thai Specialist .......................110
Sala Imperial ..................................28
Sammy Buttigieg (Cikkies).............18
Santa Maria Service Station............33
Sea View Café ................................34
Selmun Bar & Restaurant ...............93
Shoppers Discount Supermarket.......8
Star of India..................................120
Steffie’s Hair Studio........................20
Stems Floral & Pet Supplies .........109
Stephen Deguara ...........................105
Stoneage .......................................110
Superline Feeds
& Garden Centre .........................60
Swan Laundry Dry Cleaning ..........55
Ta’ Kanani ....................................126
Ta’ Peter .........................................15
Ta’ Titta Confectionery ...................47
Tal-Puzzu .....................................130
The Arches Restaurant ....................26
The Caterer...................................107
The Hilltop ...................................122
The Veggie Truck ...........................96
Tony’s Bakery ..............................108
Tosca ..............................................19
Tower Ladder Services....................60
Tramun Tagħna
(DB Seabank Resort + Spa) ........23
V. Debono Ironmongery................128
View Point Restaurant...................111
VS Wholesale.................................43


***Filwaqt li nirringrazzjaw lil kull min għoġbu jirreklama f’din il-pubbliklikazzjoni, nappellaw lil kulħadd sabiex jagħmel użu mill-prodotti u s-servizzi reklamati.***



say hello to a PLANOPOLY sofa
practical style, elegant living
versatility
storage
comfort
himolla
Made in Germany
CHOOSE STYLE > CHOOSE FEATURES > CHOOSE LEATHER OR FABRIC > CHOOSE COLOUR
JDS
FURNITURE Ltd.
JDS Furniture Ltd. Main Street, Mellieha Tel. 2152 2390 Email: info@jdsfurniture.com Web: www.jdsfurniture.com




# NINSABU QRIB TIEGĦEK

## Mellieħa

**59, Triq G Borg Olivier**

GasanMamo

INSURANCE

*Nghinuk dejjem*

gasanmamo.com

59, Triq G Borg Olivier, Mellieħa | Tel: 2152 3672 | insurance@gasanmamo.com | gasanmamo.com

GasanMamo Insurance Ltd hi awtorizzata mill-MFSA.